KAPITOLU 13

KODIĊI TAL-KUMMERĊ

Biex jemenda u jikkonsolida l-liġijiet dwar il-Kummerċ.

L-ORDINANZI XIII tal-1857, XV, XVI, XVII, XVIII u XIX tal-1858 u II tal-1898, u l-ATTI XIV u XXIX tal-1933 kif emendati bl-Ordinanzi: III tal-1863, VII tal-1868, V tal-1904; bl-Atti: XV tal-1924, XXX ta'l-1927, XII tal-1929; bl-Ordinanzi: XXX tal-1931, XXXVII tal-1939 u VII tal-1941 - ikkonsolidati.*

Il-Kodiċi ġie sussegwentement emendat bl-Ordinanzi: XVIII tal-1944, XIII tal-1946, X u XXV tal-1962; bl-Avviżi Legali 4 tal-1963 u 46 tal-1965; bl-Atti: XXXI tal-1966, XI u XLVI tal-1973; bl-Att LVIII tal-1974; bl-Avviż Legali 148 tal-1975; bl-Atti: XXII ta' l-1976, XLIX tal-1981, IX u XVI tal-1982, XIII tal-1983, XXXVII tal-1988, VIII u XXXIII tal-1990, XXIV tal-1995, XVI tal-2000, XXXI tal-2002, IX tal-2003 u XXII tal-2005; bl-Avviżi Legali 233 tal-2005, 181 tal-2006 u 407 tal-2007; bl-Atti II u XIII tal-2008, u XXIII tal-2009; u bl-Avviżi Legali 272 tal-2012 u 13 tal-2014 u bl-Atti XXIII tal-2022 u XXXIV tal-2025.*

*(2 ta' Ottubru, 1857)†

(21 ta' Diċembru, 1859)‡

(26 ta' April, 1898) §

(12 ta' Mejju, 1939)**

(3 ta' Awissu, 1933)††

---

*L-Att XXXIV tal-2025 affetwa biss il-verżjoni Ingliża.
†*Ara* l-Proklama Nru. XXI tat-2 ta' Ottubru, 1857.
‡*Ara* l-Proklama Nru. XII tal-21 ta' Diċembru, 1859.
§*Ara* l-Proklama Nru. II tas-26 ta' April, 1898.
***Ara* l-Proklama Nru. XXV tat-12 ta' Mejju, 1939.
††*Ara* l-Att Nru. V tal-1927 li ġie mħolli barra taħt l-Ordinanza tal-1936 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji u n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 266 tat-18 ta' Lulju, 1933.

TAQSIM TAL-KODIĊI

		Artikoli
Titolu fil-qosor		1

TAQSIMA I

FUQ IL-KUMMERĊ IN ĠENERALI

	Dispożizzjonijiet Preliminari	2-3
Titolu I.	Fuq il-Kummerċjanti u l-Atti tal-Kummerċ	4-12
Titolu II.	Fuq l-Obbligi tal-Kummerċjanti	13-37
Sub-titolu I.	Fuq il-Kotba tal-Kummerċ	13-26
Sub-titolu IA	Fuq il-Ħlas Tardiv f'Operazzjonijiet Kummerċjali	26A-26E
Sub-titolu II.	Fuq Pubblikazzjoni tal-Kitbiet taż-Żwieġ	27-31
Sub-titolu III.	Fuq il-Limiti tal-Konkorrenza	32-37
Titolu III.	Fuq ir-Reġistru tal-Kummerċjanti	38-48
Titolu IV.	Fuq il-Persuni Awżiljari tal-Kummerċjanti	49-109
Sub-titolu I.	Fuq ir-Rappreżentanza in ġenerali	49-56
Sub-titolu II.	Fuq l-Instituri	57-66
Sub-titolu III.	Fuq il-Vjaġġaturi tal-Kummerċ u l-Impjegati tal-Ħwienet	67-69
Sub-titolu IV.	Fuq l-Aġenti tal-Kummerċ	70-78J
Sub-titolu V.	Fuq is-Sensala	79-95
Sub-titolu VI.	Fuq il-Kummerċjanti Kummissjonanti	96-109
Titolu V.	Fuq l-Obbligazzjonijiet Kummerċjali	110-118
Titolu VI.	Fuq il-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija	119-121
Titolu VII.	Fuq il-Kambjali, Biljetti Negozjabbli jew *Promissory Notes,* u Mandati jew *Cheques* fuq Bankiera jew Kaxxiera	123-263
Sub-titolu I.	Fuq il-Kambjali	123-259
	Fuq il-Forma tal-Kambjala	123-129
	Fuq id-Dmirijiet tat-Traent	130-135
	Fuq il-Ġîra tal-Kambjala	136-147
	Fuq l-Aċċettazzjoni	148-157
	Fuq l-Aċċettazzjoni għall-Unur tal-Firma jew b'Intervent	158-167
	Fuq il-Solidarjetà	168
	Fuq l-Avall	169-171
	Fuq l-Iskadenza u l-Ħlas tal-Kambjala	172-208
	Fuq il-Ħlas għall-Unur tal-Firma jew b'Intervent	209-217
	Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tal-Pussessur	218-246
	Fuq il-Protest	247-251
	Fuq ir-Rikambju	252-259
Sub-titolu II.	Fuq il-Biljetti Negozzjabbli jew	

Promissory Notes, u Mandati jew *Cheques*

		Artikoli
	fuq Bankiera jew Kaxxiera	260-263
Titolu VIII.	Fuq il-Kuntratt ta' Kont Kurrent	264-272

TAQSIMA II

FUQ IL-KUMMERĊ MARITTIMU U N-NAVIGAZZJONI

Titolu I.	Fuq il-Kuntratt ta' Noleġġ	273-337
Sub-titolu I.	Dispożizzjonijiet Ġenerali	273-281
Sub-titolu II.	Fuq il-Jeddijiet u l-Obbligi tan-Noleġġant u tan-Noleġġatur	282-311
Sub-titolu III.	Fuq kif jinħallu l-Kuntratti ta' Noleġġ	312-320
Sub-titolu IV.	Fuq il-Poloz ta' Kargu	321-327
Sub-titolu V.	Fuq il-Passiġġieri	328-337
Titolu III.	Fuq l-Assigurazzjoni Marittima	361-440
Sub-titolu I.	Fuq il-Kuntratt ta' Assigurazzjoni Marittima	361-385
Sub-titolu II.	Fuq il-Jeddijiet u l-Obbligi tal-Assiguratur u tal-Assigurat	386-412
Sub-titolu III.	Fuq l-Abbandun	413-440
Titolu IV.	Fuq l-Avariji u l-Ġettu u Kontribuzzjoni għall-Avariji	441-468
Sub-titolu I.	Fuq l-Avariji	441-451
Sub-titolu II.	Fuq il-Ġettu u Kontribuzzjuni għall-Avarija	452-468

TAQSIMA III

FUQ IL-FALLIMENT

Titolu I.	Fuq id-Dikjarazzjoni ta' Falliment	477-487
Titolu II.	Fuq il-Jeddijiet u l-Obbligi tat-Trustee tal-Falliment	488-504
Titolu III.	Fuq ir-Rivendikazzjoni	505-509
Titolu IV.	Fuq il-Verifika ta' Djun kontra l-Patrimonju tal-Falliment	510-516
Titolu V.	Fuq il-Falliment bi Ftehim dwar id-Djun	517-527
Titolu VI.	Fuq il-Falliment mingħajr Ftehim dwar id-Djun	528-537
Titolu VII.	Fuq il-Falliment b'Mod Ġenerali	538-540

TAQSIMA IV

FUQ IL-PRESKRIZZJONI U FUQ IR-RAĠUNIJIET LI GĦALIHOM M'HEMMX JEDD TA' AZZJONI F'XI ĦWEJJEĠ KUMMERĊJALI, FUQ IL-ĠURISDIZZJONI TAL-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA, U FUQ ID-DRITTIJIET KUMMERĊJALI

		Artikoli
Titolu I.	Fuq il-Preskrizzjoni u fuq ir-Raġunijiet li għalihom m'hemmx jedd ta' Azzjoni f'xi Ħwejjeġ Kummerċjali	541-546
Titolu II.	Fuq il-Ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili	547-549
Titolu III.	Fuq id-Drittijiet Kummerċjali	550-551
	Dispożizzjoni Ġenerali	552

SKEDA

Taqsima I	Attivitajiet Sekondarji ta' Aġenti tal-Kummer`.
Taqsima II	Kummissjonijiet u Drittijiet.
Taqsima III	Drittijiet ta' Sensala Pubbliċi.
Taqsima IV	Drittijiet ta' Periti.

1. Dan il-Kodiċi jista' jissejjaħ il-Kodiċi tal-Kummerċ. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I

FUQ IL-KUMMERĊ IN ĠENERALI

DISPOSIZZJONIJIET PRELIMINARI

Id-dispożizzjonijiet preliminari ġew miżjuda bl-Att XXX tal-1927.

2. Taħt il-liġi tal-kummerċ jaqgħu l-kummerċjanti u l-atti tal-kummerċ magħmula minn kwalunkwe persuna, ukoll jekk ma tkunx tikkummerċja, u għall-finijiet biss tat-Taqsima III: Liema persuni u atti jaqgħu taħt il-liġi tal-kummerċ. *Sostitwit: XXIII.2022.3.*

(*a*) testendi għall-persuni msemmija fl-artikolu 477;

(*b*) ma għandhiex testendi:

(i) għal korporazzjonijiet jew aġenziji pubbliċi stabbiliti bil-liġi;

(ii) fejn xi liġi applikabbli toħloq patrimonju separat f'idejn persuna jew fejn persuna tkun vestita bi sjieda, tkun irreġistrat f'isimha, ikollha, teżerċita kontroll jew setgħat ta' dispożizzjoni fuq proprjetà soġġetta għal obbligi fiduċjarji;

(iii) għal kwalunkwe intitolament akkumulat għall-pensjoni okkupazzjonali;

(*ċ*) ma għandhiex testendi sa fejn din tista' tkun inkonsistenti ma', jew sa fejn din tista' tiġi interpretata bħala li tillimita jew tirrestrinġi, l-applikazzjoni tal-liġijiet jew strumenti li ġejjin, jew kwalunkwe liġi li tittrasponihom, kif jistgħu jiġu emendati minn żmien għal żmien:

(i) il-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali f'Tagħmir Mobbli u l-Protokoll tagħha fi Kwistjonijiet Speċifiċi għat-Tagħmir tal-Ajruplani li nfetħet għall-iffirmar f'Cape Town fis-16 ta' Novembru 2001, kif trasposta jew kif inforzabbli skont il-liġi Maltija;

(ii) id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar il-finalità ta' saldu fis-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli, kif trasposta fil-liġi Maltija;

(iii) id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali, kif trasposta fil-liġi Maltija;

(iv) ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar

derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet;

(v) ir-rekwiżiti ta' salvagwardja ta' fondi għal:

(*aa*) istituzzjonijiet ta' ħlas stabbiliti taħt id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE, kif trasposta skont il-liġi Maltija; u

(*bb*) istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi stabbiliti taħt id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE, kif trasposta skont il-liġi Maltija;

L.S. 459.01.

(vi) ir-Regolamenti dwar Financial Collateral Arrangements u kwalunkwe arranġament ta' kollateral finanzjarju f'termini tagħhom;

Kap. 459.

(vii) l-Att dwar Tpaċija u Netting f'każ ta' Insolvenza.

Liġijiet li jgħoddu.

3. F'affarijiet ta' kummerċ, tgħodd il-liġi tal-kummerċ:

Iżda, fejn din il-liġi ma tiddisponix, igħodd l-użu tal-kummerċ, u, fin-nuqqas ta' dan l-użu, tgħodd il-liġi ċivili.

Titolu I

Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu huma kif imbiddla bl-Att XXX ta' l-1927.

FUQ IL-KUMMERĊJANTI U L-ATTI TAL-KUMMERĊ

Tifsir ta' "kummerċjant". *Emendat: XXIII.2022.4.*

4. Kummerċjanti huma dawk li, bi professjoni, jagħmlu f'isimhom atti tal-kummerċ, kif ukoll is-soċjetajiet kummerċjali:

Iżda, għall-finijiet tat-Taqsima III, il-kelma "kummerċjant" għandha jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 477.

Atti tal-kummerċ.

5. Huma atti tal-kummerċ -

(*a*) ix-xiri ta' ħwejjeġ mobbli sabiex jerġgħu jinbiegħu jew sabiex jingħataw b'kiri, sew in natura jew wara li jinħadmu jew jiġu manifatturati; il-bejgħ jew il-kiri ta' ħwejjeġ mobbli, in natura jew wara li jinħadmu jew jiġu manifatturati, meta x-xiri tagħhom ikun sar sabiex jerġgħu jinbiegħu jew sabiex jingħataw b'kiri;

(*b*) kull operazzjoni bankarja;

(*ċ*) kull operazzjoni dwar kambjali;

(*d*) kull operazzjoni ta' xiri jew bejgħ ta' titoli ta' kreditu bi żmien għal kunsinna;

(*e*) kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew ma' l-azzjonijiet tagħhom;

(*f*) kull operazzjoni dwar bastimenti u navigazzjoni;

(*g*) kull intrapriża ta' provvisti, manifattura, bini, ġarr, sigurtà, depożiti, spettakoli pubbliċi u ta' reklam;

(*h*) ix-xiri u l-bejgħ mill-ġdid ta'immobbli, meta jsiru bi spekulazzjoni kummerċjali, u l-intrapriżi tal-bini;

(*i*) kull operazzjoni dipendenti jew li għandha x'taqsam ma' l-atti hawn fuq imsemmija.

Affarijiet oħra ta' kummerċ.

6. L-obligazzjonijiet li jitnisslu minn kolliżjoni ta' bastimenti, minn għajnuna jew salvataġġ f'każ ta' għarqa, minn bastiment li jinkalja, minn abbandun, minn ġettu jew avarija, huma wkoll affarijiet ta' kummerċ.

Preżunzjoni dwar in-natura ta' att magħmul minn kummerċjant.

7. Kull att ta' kummerċjant jitqies li hu att kummerċjali, ħlief meta mill-att stess ikun jidher li hu m'għandux x'jaqsam mal-kummerċ.

Persuni li jistgħu jikkummerċjaw.

8. Kull persuna kapaċi li tikkuntratta, tista' tikkummerċja, jekk ma tkunx mil-liġi impeduta li tikkummerċja.

Minuri. *Emendat: XLVI.1973.108; XXIV.1995.362.*

9. Kull minuri, meta jagħlaq is-sittax-il sena, jista' jikkummerċja u jitqies bħala li hu tal-età għall-obbligazzjonijiet li bihom jintrabat f'affarijiet tal-kummerċ, kemm-il darba -

(*a*) ikun qabel ġie awtorizzat għaldaqshekk mill-ġenitur li għas-setgħa tiegħu jkun suġġett, bil-mezz ta' att pubbliku irreġistrat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; jew, jekk iż-żewġ ġenituri jkunu mejtin, interdetti jew assenti, ikun ġie awtorizzat mill-imħallef tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; u

(*b*) sunt tal-att ta' awtorizzazzjoni jew tad-digriet hawn fuq imsemmijin ikun ġie mxandar, b'avviż, fil-Borża tal-Kummerċ, fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra.

Setgħat tal-minuri kummerċjanti.

10. Il-minuri, li huma kummerċjanti awtorizzati kif jingħad hawn fuq, jistgħu għall-kummerċ tagħhom jobbligaw, jipotekaw u wkoll jittrasferixxu l-beni tagħhom, mingħajr ebda formalità meħtieġa mil-liġi ċivili.

L-artikoli 9 u 10 jgħoddu għall-minuri mhux kummerċjanti.

11. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 9 u 10 jgħoddu għall-minuri li ma jkunux kummerċjanti, kwantu għal atti iddikjarati li huma atti ta' kummerċ.

Revoka tal-awtorità mill-ġenituri. *Emendat: XLVI.1973.108; XXIV.1995.362.*

12. (1) L-awtorità biex jikkummerċja mogħtija lill-minuri mill-ġenitur li għandu s-setgħa tal-ġenituri tista', f'kull żmien, tiġi mneħħija mill-ġenitur li jkun qed jeżerċita dik is-setgħa b'att pubbliku li għandu jiġi nnotifikat lill-minuri.

(2) L-att tar-revoka għandu jiġi rreġistrat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mxandar b'avviż fil-Borża tal-Kummerċ, fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra.

(3) F'ebda każ din ir-revoka m'għandha tkun ta' ħsara għall-

jeddijiet akkwistati minn terzi, lanqas għall-operazzjonijiet li jkunu għadhom fil-kors tan-negozju.

Titolu II

FUQ L-OBBLIGI TAL-KUMMERĊJANTI

Sub-titolu I

FUQ IL-KOTBA TAL-KUMMERĊ

Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu huma kif imbiddla bl-Att XXX tal-1927.

Kotba tal-kummerċ obbligatorji. *Emendat: XIII.1946.2.*

13. Kull kummerċjant għandu jżomm dawn il-kotba:

(*a*) l-iskartafaċċ jew ktieb primi noti;

(*b*) il-ġurnal;

(*ċ*) il-libro-kassa;

(*d*) il-ktieb tal-inventarju;

(*e*) il-leġer.

Skartafaċċ.

14. Kull kummerċjant għandu minnufih iniżżel fl-iskartafaċċ jew ktieb primi noti kull operazzjoni kummerċjali li jagħmel, billi juri l-kondizzjonijiet jew il-pattijiet kollha li għalihom tkun suġġetta.

Ġurnal.

15. Il-ġurnal għandu juri ġurnata b'ġurnata l-operazzjonijiet kollha li l-kummerċjant jagħmel, id-djun u krediti tiegħu, in-negozji tiegħu, l-aċċettazzjonijiet u l-ġîri ta' kambjali, u, in ġenerali, dak kollu li hu jirċievi jew iħallas għal kull raġuni tkun li tkun; u għandu juri xahar b'xahar is-somom li hu jonfoq għall-ispejjeż tad-dar.

Il-libro-kassa.

16. Il-libro-kassa għandu juri ħaga b'ħaga, ġurnata b'ġurnata, is-somom kollha li l-kummerċjant idaħħal u dawk li jħallas, imqabblin mal-ġurnal; dan il-ktieb għandu jiġi ibbilanċjat għall-anqas darba fix-xahar.

Il-ktieb tal-inventarju.

17. (1) Il-kummerċjant għandu jagħmel kull sena inventarju li jkun fih deskrizzjoni u stima tal-patrimonju kollu tal-kummerċjant, attiv u passiv, tkun xi tkun ix-xorta u l-oriġini tiegħu.

(2) L-inventarju ta' kull sena għandu jingħalaq b'bilanċ u b'turija tal-qligħ u tat-telf, u għandu jigi ikkupjat sena b'sena fil-ktieb tal-inventarju hawn fuq imsemmi.

Il-leġer.
Miżjud: XIII.1946.3.

18. Il-leġer għandu juri notament bir-reqqa u aġġornat tal-operazzjonijiet kollha, imqassmin bħala kontijiet persunali u impersunali, u hekk miżmum illi f'kull żmien wieħed ikun jista' joħrog xbieha ċara u sewwa ta' kif jinsabu l-affarijiet tan-negozju jew kummerċ.

Kotba mhux obbligatorji.

19. Barra mill-kotba msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, il-kummerċjanti jistgħu jżommu kotba oħra u karti oħra, li minnhom ikun jidher b'aktar dettalji fiex jikkonsisti u kif hu miexi n-negozju tagħhom.

Dmir tal-kummerċjant li jżomm ittri, eċċ., li jirċievi jew jibgħat.

20. Il-kummerċjant għandu jżomm, wara xulxin skont id-data, l-oriġinali kollha tal-ittri, fatturi u telegrammi li jirċievi, u kopja, magħmula bl-id jew bit-*typewriter* jew bil-pressa, tal-ittri, fatturi u telegrammi kollha li hu jibgħat.

Kif għandhom jinżammu l-kotba.
Emendat: XXXVII.1939.2.

21. (1) Il-kotba kollha li l-kummerċjanti huma obbligati jżommu, minbarra l-iskartafaċċ, għandhom ikunu innumerati u miżmuma, skont l-ordni tad-data, mingħajr spazji in bjank jew noti fil-ġnub.

(2) Kull meta jkun meħtieġ li ssir xi tħassira, din għandha ssir b'mod li l-kelmiet imħassrin jibqgħu li jistgħu jinqraw.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għal dawk il-kotba li kienu ġà fl-użu qabel l-ewwel ta' Jannar tal-elf disa' mija u tmienja u għoxrin.

Prova bil-kotba.
Kap. 12.

22. (1) Il-kotba tal-kummerċ, obbligatorji jew le, jagħmlu prova skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Iżda, wieħed ma jistax jifred biċċa minn oħra milli jkun fihom dawn il-kotba.

Setgħa tal-qorti li tordna li tiġieb il-korrispondenza, eċċ.

23. (1) Fil-kors tal-kawża, il-qorti tista' tordna, fuq talba ta' waħda mill-partijiet jew *ex officio*, li tiġieb il-korrispondenza kollha li jkollha x'taqsam mal-kwistjoni fil-kawża u li jiġu esibiti l-kotba tal-kummerċ sabiex tittieħed minnhom kopja ta' dik il-biċċa biss li jkollha x'taqsam mal-kawża.

(2) F'dan il-każ, *accountant* kwalifikat magħżul mill-partijiet jew, jekk il-partijiet ma jaqblux, mill-qorti *ex officio*, jista' jiġi maħtur sabiex, mingħajr ma jieħu barra l-kotba u quddiem il-persuna li tkun esibithom, jeżamina r-regolarità ta' dawk il-kotba u jieħu minnhom kopja ta' dawk il-partiti li jkollhom x'jaqsmu mal-kawża.

(3) Il-parti kuntrarja tista' bħala kontro-prova ġġib il-kotba tagħha miżmuma skont il-liġi.

Eżami ġenerali tal-kotba.

24. Fil-każijiet ta' stralċ jew ta' likwidazzjoni ta' soċjetà, jew ta' komunjoni ta' beni jew ta' suċċessjoni, il-qorti tista' tagħti li jsir l-eżami tal-kotba kollha, taħt dawk il-kondizzjonijiet u formalitajiet li l-qorti tordna għal kull każ.

Kummerċjanti bl-imnut.

25. Il-kummerċjanti bl-imnut mhumiex obbligati jniżżlu fil-kotba tagħhom il-bejgħ magħmul bi flus kuntanti: hu biżżejjed li huma jniżżlu kuljum is-somma f'daqqa tal-bejgħ kollu tal-ġurnata.

Għal kemm żmien għandhom jintrefgħu l-kotba, eċċ.

26. Il-kummerċjanti huma obbligati jerfgħu l-kotba tagħhom tal-kummerċ, l-ittri, il-fatturi u t-telegrammi li jirċievu, għal żmien ħames snin li, fil-każ tal-kotba, jibdew igħoddu mid-data tal-aħħar partita mdaħħla f'kull ktieb.

Mižjud:
A.L. 233 tal-2005.
Sostitwit:
A.L. 272 tal-2012;
A.L. 13 tal-2014.

Sub-titolu IA

FUQ IL-ĦLAS TARDIV F'OPERAZZJONIJIET KUMMERĊJALI

Tifsiriet għall-finijiet ta' dan is-Sub-Titolu.
Mižjud:
A.L. 233 tal-2005.
Sostitwit:
A.L. 272 tal-2012;
A.L. 13 tal-2014.

26A. Għall-finijiet ta' dan is-Sub-Titolu:

"ammont dovut" tfisser is-somma prinċipali li kellha titħallas fiż-żmien tal-perjodu tal-ħlas skont il-kuntratt, inklużi, fejn jkun japplika, taxxi, miżati, drittijiet, jew imposti speċifikati fil-fattura;

"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, il-Kunsilli Lokali jew korpi regolati bil-liġi pubblika, assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali assoċjazzjoni waħda jew aktar jew korpi regolati bil-liġi pubblika.

Għall-finijiet ta' din it-tifsira, "korp regolat bil-liġi pubblika" tfisser korp li:

(*a*) ikun stabbilit għall-għan speċifiku li jaqdi ħtiġiet ta' interess ġenerali, u li ma jkunux ta' xorta industrijali jew kummerċjali;

(*b*) ikollu personalità ġuridika, u

(*ċ*) ikun finanzjat fil-parti l-kbira mill-Istat, jew Kunsilli Lokali jew korpi pubbliċi oħra, jew ikun soġġett għal sorveljanza maniġerjali minn dawk il-korpi, jew ikollu bord amministrattiv, maniġerjali jew ta' sorveljanza li iktar minn nofs il-membri tiegħu jkunu maħturin mill-Istat, Kunsilli Lokali, jew korpi pubbliċi oħra;

"id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE" tfisser id-Direttiva tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2006 dwar trasparenza fir-relazzjonijiet finanzjarji bejn Stati Membri u intrapriżi pubbliċi kif ukoll dwar trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti intrapriżi;

"fattura" tfisser kont mibgħut minn provditur ta' prodott jew servizz lix-xerrej. Il-fattura tistabbilixxi obbligu min-naħa tax-xerrej biex iħallas. Għall-finijiet ta' din it-tifsira, "fattura" tinkludi it-talba ekwivalenti biex isir il-ħlas;

"ħlas tardiv" tfisser ħlas li jkun għadu dovut wara ż-żmien kuntrattwali jew statutorju stabbilit għall-ħlas, u meta jkunu

twettqu l-kondizzjonijiet stabbiliti taħt l-artikolu 26Ċ(1) u l-artikolu 26D(1);

"interess legali għal ħlas tardiv" tfisser imgħax sempliċi għal ħlas tardiv ibbażat fuq rata li tkun ugwali għas-somma tar-rata ta' referenza u għallinqas tmienja fil-mija (8%);

"intrapriża" tfisser kull organizzazzjoni, li ma tkunx awtorità pubblika, li tkun qegħda taġixxi filwaqt li tkun qegħda twettaq attività ekonomika jew professjonali indipendenti, ukoll meta din tkun qegħda tiġi ġestita minn persuna waħidha;

"mgħax għal ħlas tardiv" tfisser imgħax legali għal ħlas tardiv jew imgħax b'rata miftiehma bejn l-intrapriżi, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 26G;

"operazzjonijiet kummerċjali" tfisser operazzjonijiet bejn intrapriżi jew bejn intrapriżi u awtoritajiet pubbliċi, li jwasslu għall-kunsinna ta' oġġetti jew għall-għoti ta' servizzi b'rimunerazzjoni;

"rata ta' referenza" tfisser ir-rata ta' imgħax li tiġi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid prinċipali l-aktar reċenti tiegħu, jew ir-rata ta' imgħax marġinali li tirriżulta minn proċeduri ta' offerti b'rata varjabbli għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid prinċipali l-aktar reċenti tal-Bank Ċentrali Ewropew;

"titolu eżekuttiv" għandha t-tifsira mogħtija lilha fit-Titolu VII tal-Ewwel Parti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u d-dispożizzjonijiet ta' dak it-titolu għandhom japplikaw għalih. Kap. 12.

26B. Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-Titolu għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, japplikaw għal ħlasijiet li jsiru bħala rimunerazzjoni għal operazzjonijiet kummerċjali, li jitwettqu bejn intrapriżi privati u pubbliċi, bejn intrapriżi u awtoritajiet pubbliċi, u bejn kuntratturi prinċipali u l-forniturs u appaltaturi tagħhom mill-1 ta' Marzu, 2012: Għan ta' dan is-Sub-titolu. *Miżjud:* A.L. 233 tal-2005. *Sostitwit:* A.L. 272 tal-2012; A.L. 13 tal-2014.

Iżda dan is-Sub-Titolu ma għandux jirregola operazzjonijiet bejn konsumaturi, mgħax li għandu x'jaqsam ma' ħlasijiet oħra bħal ma huma ħlasijiet taħt xi liġi dwar *cheques* u kambjali, jew ħlasijiet li jsiru bħala kumpens għal danni inklużi ħlasijiet minn kumpanniji tal-assigurazzjoni.

26Ċ. (1) Fil-każ ta' operazzjonijiet bejn intrapriżi, il-kreditur ikollu dritt għal imgħax minħabba fi ħlas tardiv, mingħajr il-ħtieġa ta' tfakkira, sal-limitu li hu: Mgħax fil-każ ta' ħlas tardiv f'operazzjonijiet bejn intrapriżi. *Miżjud:* A.L. 233 tal-2005. *Sostitwit:* A.L. 272 tal-2012; A.L. 13 tal-2014.

(*a*) jkun wettaq l-obbligi kuntrattwali u legali tiegħu; u

(*b*) ma jkunx irċieva l-ammont fil-ħin dovut, kemm-il darba d-debitur ikun responsabbli għad-dewmien.

(2) Il-kreditur jista' jipproċedi bit-talba ta' imgħax għal ħlas tardiv kontra d-debitur mingħajr ma jfakkar lid-debitur li l-ammont hu dovut.

(3) Meta jitwettqu l-kondizzjonijiet taħt is-subartikolu (1), il-kreditur ikollu d-dritt għal imgħax minħabba fi ħlas tardiv mill-

ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt:

Iżda meta d-data jew it-terminu għall-ħlas ma jkunux stabbiliti fil-kuntratt, il-kreditur ikollu d-dritt għal imgħax minħabba fi ħlas tardiv meta jiġi fi tmiemu xi wieħed mit-termini li ġejjin:

(*a*) tletin ġurnata kalendarja wara d-data li fiha d-debitur jirċievi l-fattura;

(*b*) tletin ġurnata kalendarja wara d-data li fiha jiġu riċevuti l-oġġetti jew is-servizzi, meta d-data ta' meta tkun ġiet riċevuta l-fattura ma tkunx ċara;

(*ċ*) tletin ġurnata kalendarja wara d-data li fiha jiġu riċevuti l-oġġetti jew is-servizzi, meta d-debitur jirċievi l-fattura qabel ma jirċievi l-oġġetti jew is-servizzi;

(*d*) tletin ġurnata kalendarja wara d-data li fiha skont il-liġi kif ikun ġie miftiehem jew fil-kuntratt il-prodott għandu jiġi stabbilit jew verifikat, u d-debitur jirċievi l-fattura qabel jew fid-data meta ssir dik l-aċċettazzjoni jew verifika:

Iżda wkoll il-partijiet f'kuntratt jistgħu speċifikatament jiftiehmu fil-kuntratt biex jestendu l-perjodu ta' tletin ġurnata kalendarja taħt il-paragrafu (*d*) għal perjodu itwal, sakemm din l-estensjoni taż-żmien ma tkunx manifestament inġusta għall-kreditur.

(4) Minkejja kull liġi oħra, il-perjodu għall-ħlas iffissat f'kuntratt ma jistax jeċċedi sittin ġurnata kalendarja:

Iżda l-partijiet jistgħu speċifikatament jiftiehmu dwar perjodu itwal, sakemm din l-estensjoni taż-żmien ma tkunx manifestament inġusta għall-kreditur.

(5) Ir-rata ta' referenza applikabbli għal:

(*a*) l-ewwel sitt xhur tas-sena konċernata għandha tkun ir-rata li tkun fis-seħħ fl-1 ta' Jannar ta' dik is-sena;

(*b*) it-tieni sitt xhur tas-sena konċernata għandha tkun ir-rata li tkun fis-seħħ fl-1 ta' Lulju ta' dik is-sena.

Imgħax fil-każ ta' ħlas tardiv f'operazzjonijiet bejn intrapriżi u awtoritajiet pubbliċi.
Miżjud: A.L. 233 tal-2003. Sostitwit: A.L. 272 tal-2012; A.L. 13 tal-2014.

26D. (1) Fil-każ ta' operazzjonijiet bejn intrapriżi bħala l-kreditur u awtoritajiet pubbliċi bħala d-debitur, il-kreditur ikollu d-dritt, mingħajr il-ħtieġa ta' tfakkira, għall-imgħax legali minħabba fi ħlas tardiv sal-limitu li hu:

(*a*) jkun wettaq l-obbligi kuntrattwali u legali tiegħu; u

(*b*) ma jkunx irċieva l-ammont fil-ħin dovut, kemm-il darba d-debitur ikun responsabbli għad-dewmien.

(2) Il-kreditur jista' jipproċedi bit-talba dwar ħlas tardiv kontra d-debitur mingħajr ma jfakkar lid-debitur li l-ammont hu dovut.

(3) Meta jitwettqu l-kondizzjonijiet taħt is-subartikolu (1), il-kreditur ikollu d-dritt għal imgħax minħabba fi ħlas tardiv meta jintemm xi wieħed mit-termini li ġejjin:

(*a*) tletin ġurnata kalendarja wara d-data li fiha d-debitur jirċievi l-fattura;

(*b*) tletin ġurnata kalendarja wara d-data li fiha jiġu riċevuti l-oġġetti jew is-servizzi, meta d-data ta' meta tkun ġiet riċevuta l-fattura ma tkunx ċara;

(*ċ*) tletin ġurnata kalendarja wara d-data li fiha jiġu riċevuti l-oġġetti jew is-servizzi, meta d-debitur jirċievi l-fattura qabel ma jirċievi l-oġġetti jew is-servizzi;

(*d*) tletin ġurnata kalendarja wara d-data li fiha skont il-liġi jew fil-kuntratt il-prodott għandu jiġi stabbilit jew verifikat li jkun konformi mal-kuntratt, u d-debitur jirċievi l-fattura qabel jew fid-data meta ssir dik l-aċċettazzjoni jew verifika:

Iżda:

(i) il-perjodu tal-proċedura li għandha x'taqsam mal-aċċettazzjoni jew il-verifika msemmija fil-paragrafu (*d*) ma għandux jeċċedi tletin ġurnata kalendarja mid-data li fiha jiġu riċevuti l-oġġetti jew is-servizzi sakemm il-partijiet ma jkunux espressament qablu mod ieħor fil-kuntratt u f'kull dokument tas-sejħa għall-offerti, u sakemm ma jkunx manifestament inġust għall-kreditur fit-tifsira tal-artikolu 26G;

(ii) sakemm ma jkunx ġie speċifikatament miftiehem mod ieħor bejn il-kreditur u d-debitur f'kuntratt, il-perjodu għall-ħlas iffissat fil-kuntratt ma għandux jeċċedi l-limiti taħt il-paragrafi (*a*) sa (*d*), u meta jintlaħaq ftehim bħal dan, sakemm dan ikun oġġettivament iġġustifikat fid-dawl tan-natura partikolari tal-karatteristiċi tal-kuntratt, il-perjodu għall-ħlas iffissat fil-kuntratt ma għandux jeċċedi sittin ġurnata kalendarja;

(iii) il-perjodu ta' żmien imsemmi taħt il-paragrafi (*a*) sa (*d*) għandu jiżdied għal sa massimu ta' sittin ġurnata kalendarja għal:

1. kull awtorità pubblika li twettaq attivitajiet ekonomiċi ta' għamla industrijali jew kummerċjali billi toffri oġġetti jew servizzi fis-suq u li, bħala intrapriża pubblika, tkun soġġetta għall-ħtiġiet ta' trasparenza stabbiliti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE;
2. entitajiet pubbliċi li jipprovdu kura medika liema entitajiet huma debitament rikonoxxuti għal dak il-għan.

(4) Ftehim bejn il-kreditur u debitur li jestendi d-data li fiha tiġi riċevuta l-fattura hu null u mingħajr effett.

(5) Ir-rata ta' referenza applikabbli għal:

(*a*) l-ewwel sitt xhur tas-sena konċernata għandha tkun ir-rata li tkun fis-seħħ fl-1 ta' Jannar ta' dik is-sena;

(*b*) it-tieni sitt xhur tas-sena konċernata għandha tkun irrata li tkun fis-seħħ fl-1 ta' Lulju ta' dik is-sena.

Kumpens għal spejjeż ta' rkupru. *Miżjud:* *A.L. 233 tal-2003.* *Emendat:* *A.L. 407 tal-2007.* *Sostitwit:* *A.L. 272 tal-2012;* *A.L. 13 tal-2014.*

26E. B'żieda mat-talba għal ħlas tardiv taħt dan is-Sub-titolu, kreditur ikollu d-dritt li jirkupra mid-debitur, mingħajr il-ħtieġa ta' tfakkira:

(*a*) minimu ta' erbgħin euro (€40) bħala kumpens għall-ispejjeż ta' irkupru li jkun ġarrab il-kreditur stess; u

(*b*) kull somma oħra raġonevoli li teċċedi erbgħin euro (€40) li jkun ġarrab minħabba fil-ħlas tardiv tad-debitur.

Skeda ta' ħlasijiet. *Miżjud:* *A.L. 272 tal-2012.* *Sostitwit:* *A.L. 13 tal-2014.*

26F. Xejn f'dan is-sub-titolu ma jipprojbixxi lill-partijiet milli jilħqu ftehim dwar li l-ħlas isir perjodikament permezz ta' ħlasijiet akkont:

Iżda meta ħlas akkont ma jsirx fi żmien id-data miftiehma, il-ħlas ta' imgħax u kumpens għandu jiġi kalkolat biss fuq il-bażi ta' ammonti li ma jsirux fil-ħin.

Dispożizzjoni jew prassi li hi manifestament inġusta għall-kreditur. *Miżjud:* *A.L. 272 tal-2012.* *Sostitwit:* *A.L. 13 tal-2014.*

26G. (1) Dispożizzjoni fi ftehim jew prassi, li jirrigwardaw data jew perjodu għal-ħlas, ir-rata tal-imgħax għal ħlas tardiv jew il-kumpens għall-irkupru ta' spejjeż, jistgħu ma jkunux eżegwibbli jew jistgħu joħolqu talba għad-danni, jekk dik id-dispożizzjoni jew prassi jkunu manifestament inġusti għall-kreditur.

(2) Biex jiġi determinat jekk dispożizzjoni jew prassi jkunux manifestament inġusti għall-kreditur, għandu jitqies dan li ġej:

(*a*) kull devjazzjoni kbira mill-prassi kummerċjali tajba hi kuntrarja għall-*bona fide* jew trattament ġust;

(*b*) in-natura tal-prodott jew tas-servizz; u

(*ċ*) jekk id-debitur għandux raġuni oġġettiva biex ma josservax ir-rata legali ta' imgħax għal ħlas tardiv, il-perjodi għall-ħlas imsemmija fl-artikoli 26Ċ(4) u 26D(3), fis-subparagrafu (ii) tal-proviso għall-artikolu 26D(3), fis-subparagrafu (iii) tal-proviso għall-artikolu 26D(3), jew is-somma fissa kif imfissra fl-artikolu 26E(*a*).

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dispożizzjoni f'kuntratt jew prassi li teskludi:

(*a*) l-imgħax għal ħlas tardiv, għandha titqies bħala manifestament inġusta;

(*b*) kumpens għall-irkupru ta' spejjeż, għandha titqies bħala manifestament inġusta.

(4) Organizzazzjoni li tirrappreżenta intrapriżi jew organizzazzjoni b'interess leġitimmu fir-rapreżentazzjoni ta' intrapriżi tista' tfittex rimedju quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili kontra l-użu ta' kondizzjonijiet jew prassi kuntrattwali li huma inġusti għall-aħħar skont is-subartikoli (1), (2) u (3).

26H. Ftehim għal operazzjoni kummerċjali li jipprovdi għaż-żamma tat-titolu bejn il-bejjiegħ u x-xerrej, jagħti d-dritt lill-bejjiegħ biex iżomm it-titolu fuq l-oġġetti sakemm ix-xerrej iħallas għal kollox il-prezz tal-oġġetti.

Żamma tat-titolu. *Miżjud:* *A.L. 272 tal-2012.* *Sostitwit:* *A.L. 13 tal-2014.*

26I. Fir-rigward ta' talbiet għal ħlas tardiv magħmula skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu, meta l-ammont tad-dejn jew aspetti oħrajn tal-proċedimenti m'humiex qegħdin jiġu attakkati, titolu eżekuttiv jista' jiġi akkwistat mill-kreditur skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 166A sa 170 inklużi tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawk l-artikoli.

Titolu eżekuttiv. *Miżjud:* *A.L. 13 tal-2014.*

Kap. 12.

26J. Il-Ministeru għall-Finanzi għandu jippubblika r-rata ta' imgħax legali għal ħlas tardiv f'operazzjonijiet kummerċjali, inkluż il-pubblikazzjoni bl-użu ta' mezzi elettroniċi.

Pubblikazzjoni. *Miżjud:* *A.L. 13 tal-2014.*

Sub-titolu II

FUQ IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-KITBIET TAŻ-ŻWIEĠ

27. (1) Kull nutar li jirċievi kitba taż-żwieġ jew att ieħor li jbiddel dik il-kitba bejn persuni li waħda minnhom tidher fl-att bħala kummerċjanti, għandu, fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' dik il-kitba jew att, jippreżenta lir-Reġistratur tal-Qrati ta' Malta jew lir-reġistratur tal-qrati ta' Għawdex, skont fejn tkun toqgħod il-parti li tidher bħala kummerċjanti, nota li jkun fiha dawn il-partikularitajiet:

Pubblikazzjoni tal-kitbiet taż-żwieġ. *Emendat:* *XXXVII.1939.3;* *XXIV.1995.362.*

(*a*) id-data tal-kitba jew att u l-isem tan-nutar li jirċievi dik il-kitba jew att;

(*b*) l-isem tal-parti li tidher bħala kummerċjanti;

(*ċ*) l-ammont tad-dota u tad-dotarju.

(2) Ir-reġistratur għandu jieħu ħsieb li kopja tan-nota hawn fuq imsemmija tiġi mwaħħla l-Borża u maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern.

28. (1) Ir-Reġistratur tal-Qrati ta' Malta u r-reġistratur tal-qrati ta' Għawdex u Kemmuna għandhom iżommu indiċi, f'ordni alfabetiku, tan-noti ippreżentati lilhom rispettivament taħt id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan.

Ir-reġistratur għandu jżomm indiċi tan-noti. *Miżjud:* *XXXVII.1939.4.* *Emendat:* *XXIV.1995.362.*

(2) Il-pubbliku jista' jara l-indiċi.

29. Kull nutar li ma josservax id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 27 jeħel, meta jinsab ħati, penali mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), fuq talba ta' parti interessata, jew tal-Avukat Ġenerali, b'ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri kummerċjali tagħha, skont il-każ.

Penali. *Emendat*: *XXXVII.1939.5;* *A.L. 46 tal-1965;* *LVIII.1974.68;* *VIII.1990.3;* *XXIV.1995.362;* *A.L. 407 tal-2007.*

Meta l-persuna miżżewġa tibda tikkummerċja wara ż-żwieġ. *Emendat: XXXVII.1939.6.*

30. (1) Meta waħda miż-żewġ persuni miżżewġin flimkien tibda tikkummerċja wara ż-żwieġ, jew għalkemm tkun ġà tikkummerċja ma tkunx hekk dehret fil-kitba taż-żwieġ, l-obbligi msemmijin fl-artikolu 27 imissu lilha.

(2) Jekk dik il-persuna tonqos li tesegwixxi l-obbligi hawn fuq imsemmija, teħel il-penali stabbilita fl-aħħar artikolu qabel dan u, barra minn hekk, f'każ ta' falliment, tista' tiġi iddikjarata ħatja ta' falliment doluż.

Dmir tar-reġistratur meta ssir talba għall-firda tal-beni bejn il-miżżewġin. *Emendat: XXXVII.1939.7.*

31. (1) Ir-reġistratur għandu jieħu ħsieb li kull talba għall-firda tal-beni bejn ir-raġel u l-mara, meta l-wieħed jew l-oħra jidhru bħala kummerċjanti fl-indiċi msemmi fl-artikolu 28, tiġi maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern.

(2) Ir-reġistratur għandu jieħu ħsieb ukoll li s-sentenza fuq it-talba hawn fuq imsemmija tiġi maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern, u għandu jagħmel riferenza għal dik is-sentenza fl-indiċi fuq imsemmi.

Sub-titolu III

FUQ IL-LIMITI TAL-KONKORRENZA

Abbuż ta' użu ta' ismijiet, marki jew sinjali distintivi. *Emendat: XVI.2000.103.*

Kap. 597.

32. Il-kummerċjanti ma jistgħux jagħmlu użu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistgħu jġibu taħwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv ieħor użati skont il-liġi minn ħaddieħor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' ħaddieħor ma jkunux irreġistrati skont l-Att dwar it-*Trademarks*, lanqas ma jistgħu jagħmlu użu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistgħu jqarrqu lil ħaddieħor fuq il-vera importanza tad-ditta.

Reklamar komparattiv permess. *Miżjud: II.2008.58.*

32A. (1) Kummerċjanti m'għandhomx jagħmlu reklamar komparattiv.

(2) Minkejja s-subartikolu preċedenti reklamar komparattiv huwa, safejn il-paragun huwa konċernat, permess meta l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

Kap. 378.

(*a*) ma jkunx qarrieqi skont it-tifsira tal-artikolu 32B jew skont it-tifsira tal-artikoli 51Ċ u 51D tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur;

(*b*) ikun jipparaguna oġġetti jew servizzi li jissodisfaw l-istess ħtiġiet jew li huma maħsuba għall-istess għan;

(*ċ*) ikun jipparaguna oġġettivament xi waħda jew iktar mill-karatteristiċi materjali, rilevanti, verifikabbli u rappreżentattivi ta' dawk l-oġġetti u s-servizzi, liema karatteristiċi jistgħu jinkludu l-prezz;

(*d*) ma jkunx inaqqas mill-kreditu jew imaqdar it-*trade marks*, l-ismijiet kummerċjali, jew il-marki distintivi oħra, l-oġġetti, is-servizzi, l-attivitajiet, jew iċ-ċirkostanzi ta' xi kompetitur;

(*e*) għal prodotti b'titolu ta' oriġini, f'kull każ ikun jirreferi għal prodotti bl-istess titolu;

(*f*) ma jieħux vantaġġ mhux ġust mir-reputazzjoni ta' xi

trade mark, isem kummerċjali jew marki distintivi oħra ta' xi kompetitur jew tat-titolu ta' oriġini ta' prodotti konkorrenti;

(*g*) ma jkunx jippreżenta oġġetti jew servizzi bħala imitazzjonijiet jew repliki ta' merkanzija jew servizzi li għandhom *trade mark* jew isem kummerċjali protett;

(*h*) ma jkunx joħloq konfużjoni bejn kummerċjanti, bejn dak li jirreklama u xi kompetitur jew bejn it-*trade marks*, l-ismijiet kummerċjali jew xi marki distintivi oħra, oġġetti jew servizzi ta' dak li jirreklama u dawk ta' xi kompetitur.

(3) Kull paragun li jirreferi għal offerta speċjali għandu jindika b'mod ċar u mhux ekwivoku d-data li fiha l-offerta tintemm jew, fejn ikun xieraq, li l-offerta speċjali tkun bla ħsara għad-disponibbiltà tal-oġġetti u servizzi, u, fejn l-offerta speċjali tkun għadha ma bdietx, id-data tal-bidu tal-perjodu li matulu l-prezz speċjali jew kondizzjonijiet speċifiċi oħra għandhom japplikaw. "Offerta speċjali" f'dan is-subartikolu tirreferi għall-prezz tal-oġġetti jew is-servizzi jew kwalunkwe kondizzjoni speċifika li taħtha l-oġġetti jew is-servizzi għandhom jiġu pprovduti.

(4) Għall-għan ta' dan l-artikolu "reklamar komparattiv" ifisser kull reklamar li espliċitament jew b'deduzzjoni jidentifika kompetitur jew oġġetti jew servizzi offruti minn kompetitur.

Reklamar qarrieqi. *Miżjud: II.2008.58.*

32B. (1) Il-kummerċjanti m'għandhomx jagħmlu xi forma ta' reklamar qarrieqi.

(2) Reklam huwa qarrieqi jekk inkluża l-preżentazzjoni tiegħu, iqarraq jew probabbilment iqarraq bil-persuni li lejhom ikun indirizzat jew li għandhom jasal, u jekk minħabba fin-natura qarrieqa tiegħu, hu probabbilment jaffettwa l-imġieba ekonomika tagħhom jew huwa wieħed li għal dawk ir-raġunijiet jagħmel ħsara jew probabbilment jagħmel ħsara lil xi kompetitur tal-persuna li dan ir-reklam għandu l-għan li jippromwovi l-interessi tagħha.

(3) Sabiex jiġi stabbilit jekk reklamar huwiex qarrieqi, għandhom jitqiesu l-karatteristiċi tiegħu kollha, u b'mod partikolari kull informazzjoni li jista' jkun fih dwar -

(*a*) il-karatteristiċi ta' oġġetti jew servizzi, inkluża d-disponibbiltà tagħhom, in-natura, l-eżekuzzjoni, il-kompożizzjoni, il-metodu u d-data tal-manifattura jew provvista, kemm ikunu adatti għall-iskop, l-użu, il-kwantità, l-ispeċifikazzjoni, l-oriġini ġeografika jew kummerċjali jew ir-riżultati normalment mistennija mill-użu tagħhom, jew ir-riżultati u l-karatteristiċi materjali tat-testijiet jew kontrolli mwettqa fuq l-oġġetti jew is-servizzi;

(*b*) il-prezz jew il-mod li bihom l-prezz jiġi kkalkolat, u l-kondizzjonijiet li bihom l-oġġetti jiġu forniti jew is-servizzi jkunu mogħtija;

(*ċ*) in-natura, l-attributi u d-drittijiet ta' min jagħmel ir-reklam, bħall-identità u l-attiv tiegħu, il-kwalifiki u l-pussess ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali,

kummerċjali jew intellettwali jew kwalunkwe premjijiet u distinzjonijiet miksuba minnu.

Indikazzjoni falza tal-oriġini tal-merkanzija.

33. Il-kummerċjanti ma jistgħux jagħmlu użu ta' indikazzjoni falza tal-oriġini tal-merkanzija:

Iżda indikazzjoni li, fl-użu tal-kummerċ, hija ikkonsidrata bħala indikazzjoni komuni, ma titqiesx li hija indikazzjoni falza.

Tixrid ta' notizzji bi ħsara ta' kummerċjanti oħra.

34. (1) Il-kummerċjanti ma jistgħux, għal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizzji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrja jew kummerċ ta' kummerċjanti oħra.

(2) Lanqas ma jistgħu jagħmlu użu ta' onorifiċenzi, *warrants* ta' privattivi, medalji, premjijiet jew distinzjonijiet oħra li għalihom ma jkollhomx jedd jew li jkunu qalgħuhom għal xi linja oħra ta' industrja jew ta' kummerċ.

Korruzzjoni ta' impjegati ta' ħaddieħor.

35. Il-kummerċjanti ma jistgħux jikkorrompu persuni impjegati fl-industrja jew kummerċ ta' konkorrent sabiex ikunu jafu jew jisfruttaw il-parruċċani tiegħu.

Ċertifikati ta' onestà jew ħila kuntrarji għall-fatti.

36. Il-kummerċjant ma jistax, fl-eżerċizzju tal-kummerċ jew industrija tiegħu, jagħti ċertifikati ta' onestà jew ta' ħila kuntrarji għall-fatti kif magħrufin minnu u li jistgħu jqarrqu l-bona fidi ta' ħaddieħor.

Interpretazzjoni. *Miżjud: II.2008.59.*

36A. Għall-għanjiet ta' dan is-subtitolu, "reklamar" tfisser kwalunkwe forma ta' rappreżentazzjoni inkluż katalgu, ċirkolari u lista tal-prezzijiet, dwar xi kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni sabiex tinġieb 'il quddiem l-provvista jew it-trasferiment ta' oġġetti jew servizzi, proprjetà immobbli, drittijiet jew obbligi u "reklam" għandu jinftiehem bl-istess mod.

Penali. *Emendat: VIII.1990.3; XXIV.1995.362; A.L. 407 tal-2007; II.2008.60.*

37. (1) Il-kummerċjant li jikser xi waħda mill-projbizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 32 sas-36, inklużivament, hu suġġett għall-azzjoni tad-danni u l-imgħaxijiet jew, kif jagħżel il-kummerċjant danneġġjat, għal penali. Barra minn dan, il-kummerċjant danneġġjat jista' jitlob li dak kollu li jkun sar kontra l-projbizzjonijiet hawn fuq imsemmija jiġi meqrud, jew li jiġi ordnat kull rimedju ieħor illi jista', skont ma jkunu ċ-ċirkostanzi, ineħħi l-att li bih tkun saret il-konkorrenza mhux leċita.

(2) L-azzjoni għad-danni u l-imgħaxijiet taħt dan l-artikolu titmexxa skont ir-regoli tal-liġi ċivili.

(3) Iżda, il-penali tiġi stabbilita mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha bħala Qorti Ċivili, Prim'Awla, fuq talba tal-kummerċjant danneġġjat, u ma tkunx anqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u lanqas iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75), skont ma jkun il-kobor tal-fatt, iż-żmien li dam sejjer, il-mala fidi tal-kontravventur u ċ-ċirkostanzi partikulari l-oħra kollha ta' kull każ. Dik il-penali titħallas lill-kummerċjant danneġġjat b'saldu ta' kull pretensjoni tiegħu għad-danni u l-imgħaxijiet.

Titolu III

FUQ IR-REĠISTRU TAL-KUMMERĊJANTI

Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu huma kif imbiddla bl-Att XXX tal-1927.

Reġistru tal-kummerċjanti. *Emendat: VIII.1990.3; XXIV.1995.362.*

38. (1) Kull kummerċjant u kull soċjetà kummerċjali jistgħu, jekk iridu, jiġu irreġistrati fi ktieb li qiegħed għaldaqshekk, imsejjaħ "Reġistru tal-Kummerċjanti", li jiġi miżmum taħt is-setgħa tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

(2) Taħt is-setgħa tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha bħala Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jinżamm reġistru ieħor għall-kummerċjanti li joqogħdu Għawdex u għas-soċjetajiet kummerċjali li għandhom hemm il-post tal-kummerċ tagħhom; iżda, dak ir-reġistru jitqies bħala ħaġa waħda ma' dak li jinżamm taħt is-setgħa tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Kwalifiki għar-reġistrazzjoni. *Emendat: XIII.2008.2.*

39. (1) Kull persuna għandha jedd li tiġi mniżżla fir-reġistru msemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, kemm-il darba-

(*a*) f'dak iż-żmien tkun teżerċita l-kummerċ jew xi linja ta' kummerċ;

(*b*) tkun rijabilitata, jekk qabel tkun ġiet iddikjarata falluta;

(*ċ*) ma tkunx ġiet misjuba ħatja ta' xi wieħed mid-delitti kontra l-fiduċja pubblika jew kontra l-proprjetà, imsemmijin fil-Kodiċi Kriminali; Kap. 9.

(*d*) iġġib ċertifikat mill-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija li jwettaq dwaru il-kwalifiki msemmijin fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*).

(2) Jekk ir-reġistrazzjoni tkun ta' soċjetà kummerċjali, il-kwalifiki msemmijin fis-subartikolu (1)(*b*), (*ċ*) u (*d*) jinħtieġ li jkunu jeżistu f'kull wieħed mis-soċji b'responsabbilità illimitata.

Proċedura għar-reġistrazzjoni. *Emendat: XVI.1982.2.*

40. Kull min irid jiġi mniżżel f'dak ir-reġistru għandu jagħmel talba b'rikors quddiem waħda mill-qrati msemmijin fl-artikolu 38, skont ma jkun il-każ, u jdaħħal magħha d-dokumenti kollha meħtieġa, u, fil-każ ta' soċjetà kummerċjali, għandha tiġi mdaħħla wkoll kopja tad-dikjarazzjoni pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern skont l-artikolu 192(1) tal-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali* , li turi d-data tar-reġistrazzjoni tas-soċjetà u d-data li fiha ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni relattiv ikun inħareġ. Kap. 168.

Digriet li jilqa' jew jiċħad it-talba għar-reġistrazzjoni. *Emendat: XXII.2005.79.*

41. (1) L-imħallef jew maġistrat, skont ma jkun il-każ, jilqa' jew jiċħad it-talba b'digriet *in camera*, u jordna, fl-ewwel każ, lir-reġistratur li jniżżel l-isem tar-rikorrent fir-reġistru hawn fuq imsemmi u, fit-tieni każ, li r-rikorrent jiġi innotifikat b'kopja tad-digriet.

*Imħassra bl-Att XXV tal-1995 (Kap. 386).

(2) Fid-digriet li jiċħad it-talba għandu jkun hemm ir-raġunijiet ta' dik id-deċiżjoni u jista' jsir appell minnu, b'rikors ġuramentat quddiem il-Qorti tal-Appell fiż-żmien ta' tmint ijiem minn dak in-nhar tan-notifika fuq imsemmija.

Setgħat tal-qorti.

42. Il-qorti, sew tal-ewwel kemm tat-tieni grad, tista' teżamina lir-rikorrent bil-ġurament u tordnalu jġib dawk il-provi kollha li jidhrilha meħtieġa għad-deċiżjoni tat-talba.

Tħassir mir-reġistru. *Emendat: XIII.2008.2.*

43. (1) L-isem ta' kummerċjant jew ta' soċjetà kummerċjali, wara li jkun ġie mniżżel kif imiss fir-reġistru hawn fuq imsemmi, jista' jiġi mħassar jekk il-kummerċjant imut jew jirtira mill-kummerċ jew jekk is-soċjetà tinħall, inkella jekk il-wieħed jew l-oħra jiġu iddikjarati falluti, jew jekk il-kummerċjant jew wieħed mis-soċji b'responsabbiltà illimitata jiġi misjub ħati ta' xi wieħed mid-delitti msemmijin fil-paragrafu (*ċ*) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 39.

(2) It-talba għat-tħassir għandha tiġi magħmula quddiem il-qorti kompetenti b'rikors ippreżentat mill-parti interessata jew mill-President tal-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija, kontra l-persuna jew is-soċjetà interessata jew ir-rappreżentant leġittimu tagħhom.

(3) Mid-digriet mogħti fuq dik it-talba jista' jsir ukoll appell fl-istess żmien u bl-istess formalitajiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-artikolu 41.

X'għandu jkun fih ir-reġistru tal-kummerċjanti. *Emendat: XXIV.1995.362; XXXI.2002.256.*

44. (1) Kull reġistrazzjoni fir-reġistru hawn fuq imsemmi għandha ġġib numru progressiv u turi l-isem u l-kunjom tal-kummerċjant jew ta' kull soċju b'responsabbiltà illimitata, skont il-każ, l-isem kummerċjali, id-ditta jew l-isem tas-soċjetà li taħtu l-kummerċ hu eżerċitat, fejn joqogħdu u l-kummerċ jew in-negozju partikolari li jeżerċitaw.

(2) Kull reġistrazzjoni magħmula f'Għawdex għandha, mingħajr dewmien, tiġi mibgħuta, b'kopja legali, lir-reġistratur f'Malta, u dan għandu jniżżel dik ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-kummerċjanti, u jagħtiha n-numru li jmissha. Dak in-numru għandu jiġi, mingħajr dewmien, ikkomunikat lir-reġistratur f'Għawdex sabiex minnufih iniżżlu fir-reġistru miżmum taħt l- awtorità ta' dik il-qorti.

Ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

45. Kull kummerċjant jew soċjetà kummerċjali jistgħu, bi spejjeż tagħhom, jitolbu lir-reġistatur ċertifikat tar-reġistrazzjoni tagħhom.

Ir-reġistru jista' jarah kulħadd.

46. Ir-reġistru tal-kummerċjanti jista' jarah kulħadd bla ħlas.

In-nuqqas ta' reġistrazzjoni ma jneħħix il-jedd ta' persuna li tikkummerċja. *Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII.1974.68; XXIV.1995.360; XXII.2005.79; A.L. 407 tal-2007.*

47. (1) In-nuqqas ta' reġistrazzjoni ma jneħħix il-jedd li persuna tista' tikkummerċja.

(2) Iżda, kull min, mingħajr ma jkun ġie irreġistrat kif imiss jew wara li l-isem tiegħu jkun ġie mħassar mir-reġistru tal-kummerċjanti, jagħmel użu, fil-korrispondenza tiegħu jew f'karti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tiegħu, ta' xi indikazzjoni li tista' ġġiegħel lil xi ħadd jaħseb li hu irreġistrat kif imiss, jeħel penali ta' mhux anqas minn ħdax- il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), fuq talba tal-Avukat Ġenerali, b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni kummerċjali.

Penali għal min juri li hu irreġistrat bla ma jkun.

48. Fir-reġistru tal-kummerċjanti, għandu jkun hemm taqsima speċjali għas-sensala pubbliċi u oħra għall-aġenti tal-kummerċ.

Taqsimiet għas-sensala pubbliċi u aġenti tal-kummerċ.

Titolu IV

FUQ IL-PERSUNI AWŻILJARJI TAL-KUMMERĊJANTI

Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu huma kif imbiddla b/-Att XXX tal-1927.

Sub-titolu I

FUQ IR-RAPPREŻENTANZA IN ĠENERALI

49. Fin-nuqqas ta' patt, ta' liġi jew ta' użu kuntrarju, ir-rappreżentanza kummerċjali hija regolata mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu XVIII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili sa fejn jistgħu jgħoddu, barra mid-dispożizzjoni tal-artikolu 1861:

Liġi dwar ir-rappreżentanza kummerċjali. *Emendat: XLIX.1981.6.* Kap. 16.

Iżda, meta r-rappreżentanza kummerċjali ġġib ukoll l-obbligu min-naħa tar-rappreżentant li jagħmel xi servizzi partikolari, f'dak il-każ hija wkoll regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, sa fejn applikabbli.

Kap. 452.

50. L-atti kollha magħmulin mir-rappreżentant għall-prinċipal, fil-limiti tas-setgħat tiegħu, iġibu direttament l-effett tagħhom favur jew kontra l-prinċipal.

Effett ta' atti magħmulin mir-rappreżentant fil-limiti tas-setgħat tiegħu.

51. Sabiex wieħed jista' jistabbilixxi l-validità u l-effetti tal-att magħmul mir-rappreżentant, għandu jieħu qies tal-kapaċità tal-prinċipal u tal-volontà tar-rappreżentant:

Regoli dwar il-validità u l-effetti ta' atti magħmulin mir-rappreżentant.

Iżda, jekk fiż-żmien li tgħaqqad in-negozju l-prinċipal kien miexi b'mala fidi, hu ma jistax jinqeda bil-bona fidi tar-rappreżentant.

52. Meta l-liġi trid li att isir bil-miktub, is-setgħa mogħtija lir-rappreżentant sabiex jagħmel dak l-att għandha tingħata bil-miktub.

Forma tas-setgħat mogħtija lir-rappreżentant.

Setgħat tar-rappreżentant.

53. Bla ħsara ta' kull użu jew patt kuntrarju, fis-setgħa għax-xiri ma titqiesx li tidħol is-setgħa għax-xiri bid-dejn, u fis-setgħa għall-bejgħ ma titqiesx li tidħol is-setgħa għall-bejgħ bil-kreditu.

Dmirijiet tar-rappreżentant lejn it-terzi.

54. (1) Ir-rappreżentant għandu jagħti lit-terzi kull informazzjoni dwar sa fejn jaslu s-setgħat mogħtija lilu mill-prinċipal, u, jekk it-terzi hekk ikunu jridu, għandu wkoll jagħtihom dikjarazzjoni iffirmata minnu kif imiss sabiex juri li dik l-operazzjoni li jkun jagħmel tidħol fis-setgħat tiegħu fuq imsemmija.

(2) Kull dikjarazzjoni falza li r-rappreżentant jagħmel dolożament fid-dikjarazzjoni fuq imsemmija hija meqjusa bħala falsifikazzjoni ta' skrittura tal-kummerċ, fis-sens tal-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali, u taqa' taħt il-pieni f'dak l-artikolu msemmija, bla ħsara ta' kull azzjoni għad-danni u l-imgħaxijiet.

Kap. 9.

Kif il-prinċipal li jneħħi r-rappreżentanza jista' jeħles mir-responsabbiltà lejn it-terzi.
Emendat: VIII.1990.3; XXIV.1995.362.

55. Meta tkun ġiet mogħtija rappreżentanza ġenerali, il-prinċipal, li jneħħi dik ir-rappreżentanza, jista' jeħles minn kull responsabbiltà lejn it-terzi għall-operazzjonijiet li jsiru wara mir-rappreżentant, billi jagħti avviż ta' dik it-tneħħija b'nota ippreżentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri kummerċjali tagħha, skont ma jkun il-każ, u billi jfittex li dik in-nota tiġi maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra, u tiġi mwaħħla fil-Borża tal-Kummerċ.

Negozju mir-rappreżentant miegħu nnifsu.

56. Ir-rappreżentant ma jistax igħaqqad miegħu nnifsu negozju tal-prinċipal tiegħu, la akkont tiegħu nnifsu u lanqas ta' ħaddieħor, u la direttament u lanqas bil-mezz ta' terza persuna, mingħajr is-setgħa jew it-twettiq tal-prinċipal.

Sub-titolu II

FUQ L-INSTITURI

Min hu institur.

57. L-institur hu dak li jiġi inkarigat, persunalment u fil-fiss, mill-kummerċ jew minn linja ta' kummerċ tal-prinċipal f'post jew f'postijiet partikolari.

Min jista' jkun institur.
Emendat: XLVI.1973.108.

58. Kull persuna, tkun xi tkun l-età tagħha, tista' tkun institur.

L-inkarigu mogħti lill-institur jista' jkun espress jew taċitu.

59. (1) L-inkarigu mogħti lil wieħed biex jaġixxi ta' institur jista' jkun espress jew taċitu.

(2) Fl-ewwel każ, jekk il-prinċipal ikun irid jagħmel limiti għas-setgħat mogħtija lill-institur b'mod li titnissel preżunzjoni li dawk il-limiti huma magħrufa mit-terzi, hu għandu jippreżenta fil-qorti l-waħda jew l-oħra msemmija fl-artikolu 55 nota li turi ħaġa b'ħaġa x'inhuma dawk il-limiti kollha u jfittex li dik in-nota tiġi mwaħħla fil-Borża tal-Kummerċ u maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra, jekk jista' jkun kummerċjali.

(3) Fit-tieni każ, l-inkarigu mogħti lil wieħed biex jaġixxi ta' institur jitqies, għal quddiem it-terzi, li hu ġenerali u li fih jidħlu l-atti kollha li jagħmlu ma' l-eżerċizzju tal-kummerċ u li huma meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kummerċ jew tal-linja ta' kummerċ li

għalihom ikun ġie mogħti lilu dak l-inkarigu, jekk il-prinċipal ma jippruvax li t-terzi kienu jafu bil-limiti ta' dak l-inkarigu fiż-żmien li għaqqdu n-negozju.

Responsabbiltà tal-prinċipal.

60. Il-prinċipal hu responsabbli għall-egħmil tal-institur u għall-obbligazzjonijiet li dan ikkuntratta fil-limiti tal-kummerċ jew tal-linja ta' kummerċ li jkunu ġew imħollija f'idejh.

Self magħmul lill-institur.

61. Il-mutwu magħmul lill-institur ma jobbligax lill-prinċipal ħlief meta jingħad l-iskop li għalih ikun sar u dan l-iskop ikun fil-fatt dwar il-kummerċ jew linja ta' kummerċ li minnhom l-institur ikun inkarigat.

Dmirijiet tal-institur.

62. (1) L-institur għandu dejjem jimxi f'isem il-prinċipal, u meta jiffirma għandu jniżżel, flimkien ma' ismu u kunjomu, l-isem u l-kunjom jew id-ditta tal-prinċipal, biż-żieda tal-kelmiet "bi prokura" jew oħrajn li jfissru hekk.

(2) Fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, l-institur jobbliga ruħu persunalment; iżda f'dak il-każ, it-terzi jistgħu jeżerċitaw, ukoll kontra l-prinċipal, l-azzjonijiet li jitnisslu minn dawk l-atti tal-institur li jagħmlu ma' l-eżerċizzju tal-kummerċ u li huma meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kummerċ, li minnu jkun inkarigat.

L-institur ma jistax jagħmel negozju għalih jew għal ħaddieħor.

63. (1) L-institur ma jistax , akkont tiegħu jew ta' ħaddieħor, mingħajr il-kunsens espress tal-prinċipal, jagħmel negozju jew ikollu interess f'kummerċ tal-istess xorta ta' dak li tiegħu jkollu l-inkarigu.

(2) Jekk l-institur jikser din il-projbizzjoni, il-prinċipal jista' , kif jagħżel huwa, jew jeżerċita l-azzjoni għad-danni u l-imgħaxijiet, inkella jitlob il-ħlas ta' kull qligħ li l-institur ikun għamel b'kull negozju magħmul bi ksur tad-dmirjiet tiegħu.

L-institur jista' jħarrek jew jiġi mħarrek.

64. L-institur jista' jħarrek jew jiġi mħarrek f'isem il-prinċipal għall-obbligazzjonijiet imnisslin mill-atti magħmulin minnu fl-eżerċizzju tal-kummerċ jew tal-linja ta' kummerċ li minnhom ikun inkarigat, ukoll meta l-prinċipal ikun jinsab f'Malta.

Responsabbiltà tal-institur.
Emendat: XVI.1982.2.

65. L-institur hu responsabbli *in solidum* flimkien mal-prinċipal għall-osservanza tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II ta' din it-Taqsima ta' dan il-Kodiċi dwar l-affarijiet kollha li jidħlu fil-kummerċ jew linja ta' kummerċ li minnhom ikun inkarigat.

Tmiem tal-inkarigu tal-institur.

66. It-tmiem tal-inkarigu tal-institur għandu jiġi mgħarraf lill-pubbliku bl-istess formalitajiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-artikolu 59, ukoll jekk dak l-inkarigu, meta ġie mogħti, ma jkunx ġie hekk imgħarraf.

Sub-Titolu III

FUQ IL-VJAĠĠATURI TAL-KUMMERĊ U L-IMPJEGATI TAL-ĦWIENET

Dmirijiet ta' vjaġġaturi tal-kummerċ.

67. (1) Il-vjaġġaturi tal-kummerċ għandhom juru lill-klijenti, li magħhom jikkuntrattaw fl-isem tal-prinċipal, l-att li joħloq ir-rappreżentanza tagħhom u li jistabbilixxi l-limiti tagħha.

(2) Fin-nuqqas ta' setgħa espressa, huma ma jistgħux idaħħlu l-prezz tal-merkanzija, jekk ma jkunux għamlu huma nfishom il-

kunsinna tagħha, lanqas ma jistgħu jagħtu żmien għall-ħlas jew skonti fuq l-operazzjonijiet li jkunu għaqqdu.

(3) Huma jistgħu jirċievu l-ilmenti magħmula lill-prinċipal, u jistgħu jħarrku jew jiġu mħarrka fl-isem tal-prinċipal għall-obbligazzjonijiet imnisslin mill-atti li huma jkunu għamlu fl-isem tal-prinċipal innifsu.

Dmirijiet tal-impjegati fi ħwienet.

68. (1) L-impjegati fi ħwienet, inkarigati mill-bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut, jistgħu jinkassaw, ġewwa l-maħżen jew il-ħanut, il-prezz tal-oġġetti mibjugħa minnhom, jekk il-ġbir tal-ħlas ma jkunx riservat għal persuna oħra bħala kaxxier.

(2) Huma ma jistgħux idaħħlu dak il-prezz barra mill-maħżen jew mill-ħanut, ħlief meta juru li għandhom is-setgħa għaldaqshekk jew meta jħallu riċevuta iffirmata mill-prinċipal.

Il-vjaġġaturi tal-kummerċ u l-impjegati fi ħwienet ma jistgħux jeżerċitaw l-istess kummerċ tal-prinċipal. *Emendat: VIII.1990.3; A.L. 407 tal-2007.*

69. (1) Il-vjaġġaturi tal-kummerċ u l-impjegati fi ħwienet ma jistgħux, mingħajr setgħa espressa, jeżerċitaw l-istess kummerċ tal-prinċipal akkont tagħhom jew ta' ħaddieħor, u lanqas ma jistgħu jagħtu informazzjonijiet dwar il-parruċċani bi ħsara tal-prinċipal.

(2) Kull min jikser din il-projbizzjoni jeħel id-danni u l-imgħaxijiet; barra minn dan il-ħati jeħel multa ta' mhux anqas minn ħdax- il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), bi proċeduri meħuda fuq talba tal-prinċipal, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Sub-Titolu IV

FUQ L-AĠENTI TAL-KUMMERĊ

Fif tapplika din it-Taqsima. *Sostitwit: IX.2003.3.*

70. (1) Ir-relazzjonijiet bejn aġenti tal-kummerċ u l-prinċipali tagħhom u l-attivitajiet ta' aġenti tal-kummerċ f'Malta huma regolati bid-dispożizzjonijiet ta' dan is-sub-titolu.

(2) Dan is-sub-titolu ma għandux ikun japplika għal:

(*a*) aġenti tal-kummerċ li l-attivitajiet tagħhom ma jkunux rimunerati;

(*b*) aġenti tal-kummerċ meta dawn joperaw fuq skambji ta' kommoditajiet jew fis-suq tal-kommoditajiet; u

(*ċ*) persuni li l-attivitajiet tagħhom bħala aġenti kummerċjali huma sekondarji.

(3) Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Iskeda għandha tkun tapplika sabiex jiġi stabbilit min huma dawk il-persuni li l-attivitajiet tagħhom bħala aġenti kummerċjali għandhom jitqiesu bħala sekondarji għall-finijiet tas-subartikolu (2)(*ċ*).

Tifsir ta' aġent tal-kummerċ, eċċ. *Miżjud: IX.2003.3. Emendat: XIII.2008.2.*

70A. F'dan is-sub-titolu:

"aġent tal-kummerċ" tfisser persuna li ma jkunx impjegat mal-prinċipal, li jkollu awtorità kontinwa li jinnegozja l-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi għan-nom ta' xi persuna oħra (il-prinċipal), jew li jinnegozja u jikkonkludi l-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi bħal dawk għal u f'isem dak il-prinċipal, imma ma tinkludix:

(i) persuna li, fil-kapaċità tagħha bħala uffiċjal ta' kumpannija jew assoċjazzjoni, jkollha s-setgħa tagħmel rabtiet li jkunu jorbtu lil dik il-kumpannija jew assoċjazzjoni;

(ii) soċju li jkun b'mod leġittimu awtorizzat jagħmel rabtiet li jkunu jorbtu lis-soċji tiegħu;

(iii) persuna li taġixxi bħala prattikant fl-insolvenza f'Malta jew f'posizzjoni ekwivalenti f'xi ġurisdizzjoni oħra;

"awtorità regolatorja" tfisser il-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija;

"klawżola ta' restrizzjoni ta' kummerċ" tfisser ftehim jew klawsola fi ftehim li jkunu jirrestriġu l-attivitajiet ta' negozju ta' aġent tal-kummerċ wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija;

"kummissjoni" tfisser xi taqsima mir-rimunerazzjoni ta' aġent tal-kummerċ li tkun tvarja skont l-għadd jew il-valur ta' operazzjonijiet kummerċjali;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-kummerċ.

Aġenti tal-kummerċ. *Emendat: XXXVII.1939.8; A.L. 46 tal-1965; IX.1982.2. Sostitwit: IX.2003.3; XXIII.2009.18.*

71. (1) Kull persuna li tixtieq tagħmilha ta' aġent tal-kummerċ, kemm waħedha kemm f'soċjetà ma' oħrajn, għandha tinnotifika lill-awtorità regolatorja billi titlob li tiġi reġistrata fi żmien tletin ġurnata minn meta tibda din l-attività.

(2) Sabiex jiġi reġistrat mill-Awtorità regolatorja hawn fuq imsemmija bħala aġent kummerċjali, applikant għandu jissottometti bil-miktub applikazzjoni f'dik il-forma li l-awtorità regolatorja tistabbilixxi, illi jkun fiha l-isem sħiħ u l-kunjom, l-età, l-indirizz privat u kummerċjali ta' min japplika u dawk il-partikolaritajiet l-oħra dwar il-kummerċ jew okkupazzjoni tiegħu, li l-awtorità regolatorja tista' titlob. Fil-każ ta' persuna li titlob li tiġi reġistrata bħala aġent tal-kummerċ f'soċjetà ma' oħrajn, fit-talba għandha ssir riferenza għad-dikjarazzjoni pubblikata fil-Gazzetta skont l-Att dwar il-Kumpanniji, li turi d-data tar-reġistrazzjoni tas-soċjetà u d-data li fiha jkun inħareġ iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni relattiv.

Kap. 386.

(3) L-awtorità regolatorja m'għandhiex taċċetta talba għal reġistrazzjoni bħala aġent kummerċjali minn persuna li hija fl-impieg tal-Gvern ta' Malta jew ta' xi istituzzjoni finanzjarja, jew minn xi persuna li għandha *warrant* biex teżerċita professjoni f'Malta u li attwalment tkun qegħda teżerċitaha, jew minn *stockbrokers* jew minn xi persuna li jew f'Malta jew barra mill-pajjiż tkun instabet ħatja ta' falliment frawdolenti.

(4) Ir-reġistrazzjonijiet kollha mogħtijin taħt dan l-artikolu

għandhom jiġu avżati fil-Gazzetta. Fix-xahar ta' Jannar ta' kull sena, lista sħiħa ta' reġistrazzjonijiet li jkunu fis-seħħ għandha wkoll tiġi maħruġa fil-Gazzetta.

(5) Kull reġistrazzjoni magħmula taħt dan l-artikolu tista' tiġi mħassra jew sospiża mill-awtorità kompetenti jekk il-pussessur tal-liċenza -

(*a*) jiġi misjub ħati ta' delitt kontra l-proprjetà;

(*b*) jiġi dikjarat fallut;

(*ċ*) jaċċetta impieg taħt il-Gvern ta' Malta, jew f'xi istituzzjoni finanzjarja, jew jiġi mogħti *warrant* biex jeżerċita professjoni, u fil-fatt jeżerċita dik il-professjoni jew isir *stockbroker*;

(*d*) jiġi ppruvat, b'sodisfazzjon tal-qorti, li mhux persuna kapaċi u tajba biex tkun aġent tal-kummerċ.

(6) Dak it-tħassir jew sospensjoni ta' liċenza għandhom jiġu avżati fil-Gazzetta.

Setgħa tal-Ministru li jistabbilixxi d-dritt għar-reġistrazzjoni. *Emendat: XXXVII.1939.9; XXV.1962.4; A.L. 46 tal-1965; LVIII.1974.68. Sostitwit: IX.2003.3; XXIII.2009.18.*

72. Il-Ministru wara li jikkonsulta lill-awtorità regolatorja jista', b'regolamenti, jistabbilixxi d-dritt li għandu jitħallas lill-awtorità regolatorja għar-reġistrazzjoni ta' aġent tal-kummerċ taħt id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan. B'dawk ir-regolamenti jista' jiġi stabbilit li barra d-dritt għar-reġistrazzjoni għandu jitħallas dritt ieħor ta' kull sena u jista' jiġi provdut li fin-nuqqas tal-ħlas ta' dak id-dritt l-ieħor ta' kull sena, ir-reġistrazzjoni ma tibqax fis-seħħ.

Pieni. *Emendat: XXXVII.1939.10; VII.1941.2. Sostitwit: IX.2003.3. Emendat; A.L. 407 tal-2007. Sostitwit: XXIII.2009.18.*

73. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 71(1), kull min, mingħajr reġistrazzjoni li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien, juri ruħu li hu, jew jagħmilha jew jintrabat li jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ, jista' jeħel -

(*a*) meta jinsab ħati għall-ewwel darba multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500); u

(*b*) fil-każ ta' reċidiva, il-piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5000), jew il-priġunerija u l-multa flimkien.

Ma tingħatax jew tiġġeddidx reġistrazzjoni qabel ma titħallas il-multa. *Miżjud: IX.2003.3. Sostitwit: XXIII.2009.18.*

73A. Meta qorti tkun waħħlet multa taħt dan is-subtitolu, u dik il-multa ma tkunx tħallset, l-awtorità regolatorja ma għandhiex toħroġ jew iġġedded ebda reġistrazzjoni meta din tiskadi sakemm titħallas dik il-multa.

Dmirijiet ta' aġent tal-kummerċ lejn il-prinċipal tiegħu. *Sostitwit: IX.2003.3.*

74. (1) Fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu, aġent tal-kummerċ għandu jħares l-interessi tal-prinċipal tiegħu u jaġixxi b'lealtà u bonafidi.

(2) B'mod partikolari, aġent tal-kummerċ għandu -

(*a*) jagħmel kull sforz kif imiss biex jinnegozja u, meta jkun adatt, jikkonkludi dawk l-operazzjonijiet li

jitqabbad jieħu ħsieb tagħhom;

(*b*) iwassal lill-prinċipal tiegħu kull informazzjoni meħtieġa u li tkun disponibbli għandu;

(*ċ*) jimxi skont l-istruzzjonijiet raġonevoli li jingħatawlu mill-prinċipal tiegħu.

Dmirijiet ta' prinċipal lejn l-aġent tal-kummerċ tiegħu. *Sostitwit: IX.2003.3.*

75. (1) Fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-aġent tal-kummerċ tiegħu prinċipal għandu jaġixxi b'lealtà u bonafidi.

(2) B'mod partikolari, prinċipal għandu -

(*a*) jipprovdi lill-aġent tal-kummerċ tiegħu b'kull dokumentazzjoni meħtieġa li tkun tirrigwarda l-oġġetti inkwisjoni;

(*b*) jikseb għall-aġent tal-kummerċ tiegħu kull informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kuntratt ta' aġenzija, u b'mod partikolari javża lill-aġent tal-kummerċ tiegħu fi żmien raġonevoli ġaladarba huwa jantiċipa li l-volum ta' operazzjonijiet kummerċjali ikun iktar baxx b'mod sinifikanti minn dak li l-aġent tal-kummerċ seta' jistenna li jkun b'mod normali.

(3) Prinċipal għandu, iżjed minn hekk, jinforma lill-aġent tal-kummerċ tiegħu fi żmien raġonevoli li jkun qed jaċċetta jew jirrofta xi operazzjoni kummerċjali, u jekk jonqos milli jwettaq l-eżekuzzjoni tagħha, li l-aġent tal-kummerċ ikun ipprokuralu.

Projbizzjoni fuq deroga mill-artikoli 74 u 75 u l-konsegwenzi ta' xi ksur. *Sostitwit: IX.2003.3.*

76. (1) Il-partijiet jistgħu ma jidderogawx mill-artikoli 74 u 75.

(2) Il-liġi applikabbli għall-kuntratt għandha tirregola l-konsegwenzi ta' ksur tad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet taħt l-artikoli 74 u 75.

Forma u ammont ta' rimunerazzjoni fin-nuqqas ta' ftehim. *Sostitwit: IX.2003.3.*

77. (1) Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' xi liġi jew regola tal-liġi li tkun tirrigwarda l-livell ta' rimunerazzjoni ta' aġenti tal-kummerċ, fin-nuqqas ta' ftehim dwar ir-rimunerazzjoni bejn il-partijiet, aġent tal-kummerċ ikollu dritt għal dik ir-rimunerazzjoni li aġenti tal-kummerċ li jinħatru għall-oġġetti ttrattati fil-kuntratt ta' aġenzija tiegħu soltu jingħataw fil-lokal fejn huwa jkun qed iwettaq l-attivitajiet tiegħu u, jekk ma jkun hemm ebda prattika konswetudinarja bħal dik, aġent tal-kummerċ għandu jkollu jedd għal rimunerazzjoni raġonevoli filwaqt li jitqiesu l-aspetti kollha tal-operazzjoni li tkun se tuġi miftiehma bejn il-partijiet jew fin-nuqqas mill-qorti.

(2) Meta r-rimunerazzjoni ta' aġent tal-kummerċ ma tkunx stabbilita għalkollox jew biss f'parti bħala kummissjoni, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 77A sa 77F ma jkunux japplikaw.

Dritt għal kummissjoni dwar operazzjonijiet li jsiru matul kuntratt ta' aġenzija. *Miżjud: IX.2003.3.*

77A. (1) Aġent tal-kummerċ għandu jkollu dritt għal kummissjoni fuq transazzjonijiet kummerċjali li jsiru matul il-perjodu kopert bil-kuntratt ta' aġenzija -

(*a*) meta l-operazzjoni tkun saret bħala riżultat tal-intervent dirett jew indirett tiegħu; jew

(b) meta l-operazzjoni tkun saret ma' terza persuna li

qabel kellu bħala klijent għall-operazzjonijiet tal-istess xorta.

(2) Aġent tal-kummerċ ikollu wkoll id-dritt għal kummissjoni fuq dawk l-operazzjonijiet li jsiru matul il-perjodu kopert bil-kuntratt ta' aġenzija meta huwa jkollu dritt esklużiv għal xi area ġeografika speċifika jew għal xi assoċjazzjoni ta' klijenti speċifika u meta l-operazzjoni tkun saret ma' klijent li jappartjeni għal dik l-area jew assoċjazzjoni.

Dritt għal kummissjoni fuq operazzjonijiet li jsiru wara li kuntratt ta' aġenzija jkun intemm. ta' aġenzija. *Miżjud: IX.2003.3.*

77B. Bla ħsara għall-artikolu 77Ċ, aġent tal-kummerċ għandu jkollu jedd għal kummissjoni fuq operazzjonijiet kummerċjali li jsiru wara li jkun intemm il-kuntratt ta' aġenzija jekk -

(*a*) l-operazzjoni tkun prinċipalment attribbwibbli għall-isforzi tiegħu matul il-perjodu kopert bil-kuntratt ta' aġenzija u jekk l-operazzjoni tkun saret fi żmien raġonevoli wara li dak il-kuntratt ikun intemm; jew

(*b*) skont il-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 77A, l-ordni tat-terza parti tkun waslet għand il-prinċipal jew għand l-aġent tal-kummerċ qabel ma jkun intemm il-kuntratt ta' aġenzija.

Taqsim tal-kummissjoni bejn aġenti tal-kummerċ ġodda u dawk preċedenti. *Miżjud: IX.2003.3.*

77Ċ. (1) Aġent tal-kummerċ ma jkollux jedd għall-kummissjoni imsemmija fl-artikolu 77A jekk dik il-kummissjoni titħallas, bis-saħħa tal-artikolu 77B, lill-aġent tal-kummerċ preċedenti, sakemm din ma tkunx ekwa minħabba fiċ-ċirkostanzi li l-kummissjoni għandha tinqasam bejn l-aġenti tal-kummerċ.

(2) Il-prinċipal għandu jkun responsabbli li jagħti kull ammont dovut taħt is-subartikolu (1) lill-persuna li jkollha dritt għalih skont dak il-paragrafu, u kull somma li l-aġent tal-kummerċ l-ieħor jirċievi u li ma jkollux jedd għaliha għandha titħallas lura lill-prinċipal.

Meta tkun dovuta l-kummissjoni u d-data għall-ħlas tagħha. *Miżjud: IX.2003.3.*

77D. (1) Il-kummissjoni għandha ssir dovuta hekk kif, u sal-limitu li, tiġri xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(*a*) il-prinċipal ikun eżegwixxa l-operazzjoni; jew

(*b*) il-prinċipal kien imissu, skont il-ftehim tiegħu mat-terza parti, eżegwixxa l-operazzjoni; jew

(*ċ*) it-terza parti tkun eżegwiet l-operazzjoni.

(2) Il-kummissjoni ssir dovuta l-iktar tard meta t-terza parti tkun eżegwiet is-sehem tagħha tal-operazzjoni jew kien imissa għamlet hekk li kieku l-prinċipal kien eżegwixxa s-sehem tiegħu tal-operazzjoni, kif kien imissu għamel.

(3) Il-kummissjoni għandha titħallas mhux iktar tard mill-aħħar ġurnata tax-xahar li jiġi wara t-tliet xhur meta kienet dovuta, u, għall-finijiet ta' dan is-sub-titolu, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra bejn il-partijiet, l-ewwel perjodu ta' tliet xhur għandu jibda għaddej mid-data li jibda jseħħ il-kuntratt ta' aġenzija, u perjodi li jiġu wara għandhom jibdew għaddejin minn dik id-data fit-tielet xahar li jiġi wara.

(4) Kull ftehim biex issir deroga mis-subartikoli (2) u (3) għad-detriment tal-aġent tal-kummerċ, ikun null.

Estinzjoni tad-dritt għal kummissjoni. *Miżjud: IX.2003.3.*

77E. (1) Id-dritt għal kummissjoni jista' jiġi estint biss jekk u daqskemm jiġi stabbiliti li l-kuntratt bejn it-terza parti u l-prinċipal ma jkunx se jiġi eżegwit għal xi raġuni li għaliha l-prinċipal ma jkollux ħtija.

(2) Kummissjoni li l-aġent tal-kummerċ ikun diġà rċieva għandha titħallas lura jekk id-dritt għaliha ikun estint.

(3) Ftehim għal deroga mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għad-detriment tal-aġent tal-kummerċ ikun null.

Għoti ta' informazzjoni perjodika dwar il-kummissjoni dovuta u d-dritt ta' spezzjon tal-kotba tal-prinċipal. *Miżjud: IX.2003.3.*

77F. (1) Il-prinċipal għandu jipprovdi lill-aġent tal-kummerċ tiegħu dikjarazzjoni dwar il-kummissjoni dovuta, mhux aktar tard mill-aħħar ġurnata tax-xahar li jiġi minnufih wara it-tliet xhur meta tkun saret dovuta l-kummissjoni, u dik id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha l-bażi użata fil-kalkolu tal-ammont tal-kummissjoni.

(2) Aġent tal-kummerċ għandu jkollu dritt jitlob li jiġi pprovdut bl-informazzjoni kollha (u b'mod partikolari b'estratt mill-kotba) li l-prinċipal tiegħu jkollu disponibbli u li l-aġent jista' jkollu bżonn sabiex jivverifika l-ammont tal-kummissjoni lilu dovuta.

(3) Ftehim ta' deroga mis-subartikoli (1) u (2) ikun null.

(4) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tneħħi jew tirrestringi l-effett ta', jew tipprevjeni l-konformità ma' xi liġi jew regola ta' liġi li tkun tirrikonoxxi d-dritt li jkollu aġent li jispezzjona l-kotba ta' prinċipal.

Dritt għal dikjarazzjoni ffirmata bil-miktub dwar il-pattijiet ta' kuntratt ta' aġenzija. *Sostitwit: IX.2003.3.*

78. (1) L-aġent tal-kummerċ u l-prinċipal għandhom ilkoll id-dritt li jirċievu mingħand xulxin, fuq talba li jagħmlu għaldaqshekk, dokument bil-miktub u ffirmat li jkun jagħti l-pattijiet tal-kuntratt ta' aġenzija inklużi dawk il-pattijiet li jiġu miftiehma sussegwentement.

(2) Kull rinunzja bi skop tad-dritt imsemmi fis-subartikolu (1) tkun nulla.

Konverżjoni ta' kuntratt ta' aġenzija wara l-iskadenza ta' perjodu fiss. *Miżjud: IX.2003.3.*

78A. Kuntratt ta' aġenzija għal perjodu fiss li jibqa' jiġi mwettaq miż-żewġ partijiet wara li jkun skada dak il-perjodu għandu jitqies li jiġi konvertit f'kuntratt ta' aġenzija għal perjodu indefinit.

L-inqas perjodi ta' avviż għat-terminazzjoni ta' kuntratt ta' aġenzija. *Miżjud: IX.2003.3.*

78B. (1) Meta kuntratt ta' aġenzija jsir għal perjodu indefinit kull parti tista' ttemmu b'avviż.

(2) Il-perjodu tal-avviż għandu jkun -

(*a*) xahar għall-ewwel sena tal-kuntratt;

(*b*) xahrejn għat-tieni sena mibdija imma qabel ma tibda t-tielet sena;

(*ċ*) tliet xhur wara li tkun bdiet it-tielet sena;

u l-partijiet jistgħu ma jaqblux fuq perjodi aqsar ta' avviż.

(3) Il-partijiet jaqblu fuq perjodi itwal minn dawk stipulati fis-subartikolu (2), sakemm il-perjodu ta' avviż li għandu jingħata mill-prinċipal ma għandux ikun wieħed iqsar minn dak li għandu

jingħata mill-aġent tal-kummerċ.

(4) Kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra bejn il-partijiet, tmiem il-perjodu ta' avviż għandu jkun jaħbat ma' tmiem ix-xahar kalendarju.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw dwar kuntratt ta' aġenzija għal perjodu fiss meta dan jiġi kkonvertit taħt l-artikolu 78A f'kuntratt ta' aġenzija għal perjodu indefinit u għall-finijiet li jiġi kkalkulat il-perjodu ta' avviż iż-żmien tal-kuntratt għal perjodu fiss għandu jitqies bħala parti mill kuntratt ta' aġenzija għal perjodu indefinit.

Riservi dwar terminazzjoni immedjata. *Miżjud: IX.2003.3.*

78Ċ. Dan is-sub-titolu ma għandux jolqot l-applikazzjoni ta' xi liġi jew regola ta' liġi li jipprovdu għat-terminazzjoni immedjata tal-kuntratt ta' aġenzija -

(*a*) minħabba fin-nuqqas ta' xi parti waħda li twettaq l-obbligi kollha tagħha jew xi parti minnhom taħt dak il-kuntratt; jew

(*b*) meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali.

Dritt li aġent tal-kummerċ ikollu għall-indennizz jew kumpens meta jtemm kuntratt ta' aġenzija. *Miżjud: IX.2003.3.*

78D. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (7) u għall-artikolu 78E, l-aġent tal-kummerċ għandu jkollu dritt għal indennizz jekk u sa fejn -

(*a*) ikun kiseb għall-prinċipal klijenti ġodda jew ikun b'mod sinifikanti żied il-volum ta' negozju ma' klijenti ezistenti u l-prinċipal ikompli jikseb benefiċċji sostanzjali min-negozju ma dawk il-klijenti; u

(*b*) il-ħlas ta' dan l-indennizz ikun wieħed ekwu fil qies taċ-ċirkostanzi u, b'mod partikolari, il-kummissjoni li l-aġent tal-kummerċ ikun tilef fuq in-negozju transatt ma' dawk il-klijenti.

(2) L-ammont tal-indennizz ma għandux ikun jeċedi figura ekwivalenti għal indennizz għal xi sena waħda kkalkulat skont ir-rimunerazzjoni medja annwali ta' aġent tal-kummerċ fuq il-ħames snin preċedenti u jekk il-kuntratt ikun imur lura għal inqas minn ħames snin l-indennizz għandu jiġi kkalkulat fuq il-medja għall-perjodu inkwistjoni.

(3) L-għoti ta' indennizz kif imsemmi hawn qabel ma jipprevjenix aġent tal-kummerċ milli jfittex għad-danni.

(4) Bla ħsara għas-subartikolu (7) u għall-artikolu 78E, l-aġent tal-kummerċ għandu jkun intitolat għal kumpens għad-danni li huwa jbati bħala riżultat tat-terminazzjoni tar-relazzjonijiet tiegħu mal-prinċipal tiegħu.

(5) Għall-fini ta' dan is-sub-titolu dawk id-danni għandhom jitqiesu li jiġru partikolarment meta t-terminazzjoni tiġri f'xi ċirkostanza waħda jew it-tnejn li huma minn dawn li ġejjin, jiġifieri ċirkostanzi li -

(*a*) jċaħħdu lill-aġent tal-kummerċ mill-kummissjoni li t-twettiq adatt tal-kuntratt ta' aġenzija kien kieku jipprokuralu filwaqt li jipprovdi lill-prinċipal tiegħu b'benefiċċji sostanzjali marbutin ma' l-attivitajiet tal-

aġent tal-kummerċ; jew

(*b*) ma jkunux irrendew lill-aġent tal-kummerċ kapaċi jammortizza l-ispejjeż u l-infieq li jkun għamel fit-twettiq tal-kuntratt ta' aġenzija bil-parir tal-prinċipal tiegħu.

(6) Id-dritt għall-indennizz jew kumpens għad-danni kif provdut dwaru taħt is-subartikoli (1) sa (5) għandu wkoll joriġina meta l-kuntratt ta' aġenzija jintemm bħala riżultat tal-mewt tal-aġent tal-kummerċ.

(7) L-aġent tal-kummerċ jitlef kull dritt li jkollu għall-indennizz jew kumpens għad-danni fil-każijiet skont ma hemm provdut dwarhom fis-subartikoli ta' qabel jekk fi żmien sena mit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija li jkollu, ma jkunx avża lill-prinċipal tiegħu li jkun bi ħsiebu jfittex għad-dritt li jkollu.

Raġunijiet għall-esklużjoni ta' ħlas ta' indennizz jew ta' kumpens taħt l-artikolu 78D. *Miżjud: IX.2003.3.*

78E. L-indennizz jew il-kumpens imsemmi fl-artikolu 78D ma għandux jitħallas lill-aġent tal-kummerċ meta -

(*a*) il-prinċipal ikun ttemm il-kuntratt ta' aġenzija minħabba f'nuqqas attribwibbli lill-aġent tal-kummerċ li jkun jiġġustifika t-terminazzjoni immedjata tal-kuntratt ta' aġenzija konformi ma' l-artikolu 78Ċ; jew

(*b*) l-aġent tal-kummerċ ikun hu nnifsu ttermina l-kuntratt ta' aġenzija, kemm-il darba dik it-terminazzjoni tkun ġustifikata -

(i) biċ-ċirkostanzi attribwibbli lill-prinċipal, jew

(ii) minħabba fl-età, inkapaċità jew mard tal-aġent tal-kummerċ li minħabba fihom ma jistax ikun raġonevolment meħtieġ ikompli bl-attivitajiet tiegħu; jew

(*ċ*) l-aġent tal-kummerċ, bi ftehim mal-prinċipal tiegħu, jassenja d-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu taħt il-kuntratt ta' aġenzija lil xi persuna oħra.

Projbizzjoni ta' deroga mill-artikoli 78D u 78E. *Miżjud: IX.2003.3.*

78F. Il-partijiet ma jistgħux qabel ma jiskadi l-kuntratt ta' aġenzija, jidderogaw mill-artikoli 78D u 78E għad-detriment tal-aġent tal-kummerċ.

Klawżoli ta' restrizzjoni ta' kummerċ. *Miżjud: IX.2003.3.*

78G. (1) Klawżola ta' restrizzjoni ta' kummerċ għandha tkun valida biss jekk u sakemm din -

(*a*) issir bil-miktub; u

(*b*) tkun tirrigwarda l-area ġeografika jew l-assoċjazzjoni ta' klijenti u l-area -ġeografika li taqa' taħt l-aġent tal-kummerċ u x-xorta ta' oġġetti koperti mill-aġenzija tiegħu taħt il-kuntratt.

(2) Klawżola ta' restrizzjoni ta' kummerċ għandha tkun valida għal mhux iżjed minn sentejn wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija.

(3) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tolqot lil xi liġi jew regola ta' liġi li jkunu jimponu restrizzjonijiet oħra fuq il-validità jew l-eżegwibilità ta' klawżoli ta' restrizzjoni ta' kummerċ jew li

tkun tagħti setgħa lil xi qorti li tnaqqas l-obbligi fuq il-partijiet li jirriżultaw minn klawżoli bħal dawk.

Żvelar ta' informazzjoni. *Miżjud: IX.2003.3.*

78H. Ebda ħaġa f'dan is-sub-titolu ma tesiġi li tingħata informazzjoni meta żvelar bħal dak ikun kuntrarju għar-regolament pubbliku.

Servizz ta' avviż, eċċ. *Miżjud: IX.2003.3.*

78I. (1) Avviż, dikjarazzjoni jew xi dokument ieħor li għandu jingħata jew jiġi provdut lil xi aġent tal-kummerċ jew li għandu jingħata jew jiġi provdut lil xi prinċipal taħt dan is-sub-titolu jistgħu jiġu hekk mogħtija jew provduti:

(*a*) billi jiġu kkunsinnati lilu;

(*b*) billi jitħallew fl-indirizz proprju tiegħu hekk lilu indirizzati b'ismu;

(*ċ*) billi jintbagħtulu bil-posta jew fl-indirizz reġistrat tiegħu jew fl-indirizz tal-uffiċċju reġistrat jew prinċipali tiegħu; jew b'kull mezz ieħor skont ma jkun hemm provdut fil-kuntratt ta' aġenzija.

(2) Kull avviż, dikjarazzjoni jew dokument bħal dawk jistgħu -

(*a*) fil-każ ta' korp magħqud, jingħataw jew jiġu notifikati lis-segretarju jew lill-iskrivan ta' dak il-korp;

(*b*) fil-każ ta' soċjetà, jingħataw jew jiġu notifikati lil xi soċju jew lil xi persuna li jkollha l-kontroll jew it-tmexxija tan-negozju bi sħab.

Kuntratti li jkunu saru qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan is-sub-titolu. *Miżjud: IX.2003.3.*

78J. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-sub-titlu għandhom ukoll japplikaw għal kuntratt ta' aġenzija magħmulin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan is-subtitolu:

Iżda ebda ħaġa fihom ma għandha tolqot xi dritt jew responsabbiltà inkorsi qabel dik id-data.

Sub-titolu V

FUQ IS-SENSALA

Kwalifiki għal sensal pubbliku. *Emendat: XXIV.1995.362; XIII.2008.2, 3. Sostitwit: XXIII.2009.19.*

79. (1) Kull min irid isir sensal pubbliku għandu, fi żmien tletin ġurnata minn meta jibda jeżerċita din l-attività, jinnotifika lill-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija, bħala l-awtorità regolatorja ta' din l-attività, u jitlob li jiġi reġistrat.

(2) Sabiex jiġi reġistrat mill-awtorità regolatorja hawn fuq imsemmija bħala sensal pubbliku, applikant għandhu jissottometti bil-miktub applikazzjoni f'dik il-forma li l-awtorità regolatorja tistabbilixxi, illi jkun fiha l-isem sħiħ u l-kunjom, l-età, l-indirizz privat u kummerċjali ta' min japplika u dawk il-partikolaritajiet l-oħra dwar il-kummerċ jew okkupazzjoni tiegħu, li l-awtorità regolatorja tista' titlob.

(3) Is-sensala li jħarsu l-formalitajiet kollha hawn fuq imsemmija jiġu rreġistrati fir-reġistru li tamministra l-awtorità regolatorja. Ir-reġistrazzjonijiet kollha mogħtijin taħt dan l-artikolu

għandhom jiġu avżati fil-Gazzetta. Fix-xahar ta' Jannar ta' kull sena, lista sħiħa tar-reġistrazzjonijiet li jkunu fis-seħħ għandha wkoll tiġi maħruġa fil-Gazzetta.

Telf tal-kariga ta' sensal. *Sostitwit: XXIII.2009.19.* Kap. 9.

80. Is-sensal pubbliku li jiġi misjub ħati ta' wieħed mid-delitti msemmijin fis-Sub-titoli I, II u III tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jitlef, *ipso facto*, il-kariga tiegħu, u ismu jiġi mħassar mir-reġistru.

Piena għal min jagħmilha ta' sensal pubbliku mingħajr jedd. *Emendat: VIII.1990.3.*

81. Kull min, mingħajr ma jħares il-formalitajiet meħtieġa fl-artikolu 79 jew wara li jitlef il-kariga tiegħu ta' sensal pubbliku, jagħmel att ta' senserija, jeħel, meta jinsab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

Kotba li għandhom iżommu is-sensala.

82. (1) Is-sensala pubbliċi għandhom iżommu memorandum jew ktieb primi noti, u reġistru tas-senseriji.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21 jgħoddu għal dawn il-kotba.

Dmirijiet tas-sensala.

83. Kull sensal pubbliku, kull meta jgħaqqad operazzjoni, għandu jniżżilha minnufih fil-memorandum jew ktieb primi noti tiegħu, u għandu, ġurnata b'ġurnata, iniżżel kull operazzjoni fir-reġistru tas-senseriji. Hu għandu jniżżel f'dawn iż-żewġ kotba, id-data, l-ismijiet tal-partijiet li jikkuntrattaw, ix-xorta tal-operazzjoni, u, in ġenerali, kull patt u kondizzjoni miftehmin bejn il-partijiet, u, fil-każ ta' merkanzija, hu għandu jniżżel partikolarment il-kwalità, il-kwantità, il-prezz u l-marka, meta jkun hemm, u kif għandu jsir il-ħlas.

Kunsinna ta' kopji tar-reġistrazzjonijiet.

84. Is-sensal pubbliku għandu jagħti lil kull waħda mill-partijiet li titlobha kopja vera iffirmata minnu tal-partita mniżżla fir-reġistru tas-senseriji.

Preżentata ta' kotba.

85. Is-sensala pubbliċi, jekk jiġu hekk ordnati mill-qorti, għandhom jippreżentaw il-kotba tagħhom sabiex jiġu mqabbla mal-kopji mogħtija minnhom lill-partijiet, u għandhom jagħtu lill-qorti, jekk hemm bżonn bil-ġurament, dak it-tagħrif kollu li jkun meħtieġ.

Kustodja tal-kotba. *Emendat: XXIV.1995.362.*

86. (1) Is-sensala pubbliċi għandhom il-kustodja tal-kotba tagħhom u għandhom iżommuhom fi stat tajjeb.

(2) Jekk is-sensal pubbliku jmut jew jiġi interdett, il-kotba tiegħu għandhom jiġu mqiegħda fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, mill-werrieta tiegħu jew mill-persuna li jkunu għandha jew minnu nnifsu, skont ma jkun il-każ, fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-mewt jew mill-interdizzjoni.

(3) Fin-nuqqas ta' dan id-depożitu, ir-reġistratur jista' jaġixxi għad-depożitu tal-kotba, u jista', jekk ikun hemm bżonn, jitlob il-ħruġ tal-mandat meħtieġ kontra kull persuna li hu jkollu raġun jaħseb illi għandha jinsabu dawk il-kotba.

Eċċezzjonijiet. *Emendat: XXXVII.1939.11.*

87. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 79, 80 u 81 ma jgħoddux għas-sensala ta' bejgħ jew ta' kiri ta' immobbli, u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 79 sas-86 ma jgħoddux għas-sensala ta' bejgħ ta' prodotti tar-raba'.

Is-sensal ma jistax jagħmel operazzjonijiet akkont tiegħu innifsu, eċċ.

88. Ebda sensal pubbliku ma jista' jagħmel operazzjonijiet kummerċjali akkont tiegħu nnifsu, jew ikollu xi interess fihom, direttament jew indirettament, f'ismu jew bil-mezz ta' terza persuna, sew jekk waħdu kemm ukoll f'soċjetà ma' oħrajn; lanqas ma jista' jislef ismu għal ebda affari tkun li tkun lil persuna oħra li ma jkollhiex is-setgħa li taħdem ta' sensal pubbliku:

Iżda, żewġ sensala jew iżjed jistgħu jissieħbu bejniethom biex jagħmlu senseriji biss.

Is-sensal mhuwiex ir-rappreżentant tal-partijiet.

89. Is-sensal pubbliku mhuwiex ir-rappreżentant tal-partijiet biex igħaqqad l-operazzjoni; u jekk fit-tgħaqqid tal-affari hu jidher bħala rappreżentant ta' waħda mill-partijiet, ma jkollux jedd għas-senserija bħala sensal.

Is-sensal li ma jsemmix l-isem tal-parti.

90. (1) Is-sensal pubbliku li ma jsemmix lill-parti l-waħda l-isem tal-parti l-oħra, iwieġeb persunalment għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, u jidħol fil-jeddijiet tal-parti mħallsa minnu kontra l-parti li ma jkunx semma' isimha.

(2) Jekk is-sensal pubbliku jsemmi l-isem, ukoll jekk wara li jkun għaqqad l-operazzjoni, il-parti l-waħda tista' taġixxi direttament kontra l-parti l-oħra, iżda s-sensal pubbliku jibqa' jwieġeb fil-każ li l-kuntratt ma jiġix esegwit.

Penali għal kontravvenzjonijiet magħmulin minn sensala pubbliċi. *Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII.1974.68; VIII.1990.3; XXIV.1995.362; A.L. 407 tal-2007. Sostitwit: XXIII.2009.20.*

91. (1) Is-sensal pubbliku li jikser xi wieħed mill-obbligi msemmijin fl-artikoli ta' qabel dan jeħel, fuq talba ta' kull min ikollu interess jew tal-Avukat Ġenerali, penali ta' mhux anqas minn ħamsin euro (€50) u mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500), bi proċeduri meħuda quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri kummerċjali tagħha, skont ma jkun il-każ, bla ħsara għal kull azzjoni oħra li titnissel minn dan il-Kodiċi jew minn kull liġi oħra.

(2) Il-qorti tista' wkoll tordna l-interdizzjoni tas-sensal pubbliku għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn, u, f'dan il-każ, igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 81 matul iż-żmien tal-interdizzjoni.

Ħlas tad-dritt tas-sensal.

92. Barra minn meta jkun hemm ftehim kuntrarju, id-dritt tas-senserija jitħallas mill-partijiet li jikkuntrattaw f'ishma ndaqs.

Jeddijiet tas-sensal.

93. Is-sensal pubbliku għandu jedd tas-senserija għan-negozju li jkun ittratta, ukoll jekk il-partijiet igħaqqdu bejniethom l-affari mingħajru, imma bla ma jkun indaħal sensal pubbliku ieħor.

Qsim tad-dritt tas-senserija.

94. Meta sensal pubbliku jkun beda affari li mbagħad jispiċċaha wieħed ieħor fuq il-kondizzjonijiet ittrattati minn dak tal-ewwel, id-dritt tas-senserija jinqasam indaqs bejn iż-żewġ sensala; iżda jekk l-affari ssir b'kondizzjonijiet oħra minn dawk ittrattati mill-ewwel sensal, id-dritt kollu tas-senserija jmiss lit-tieni sensal.

L-artikoli 79-94 ma jgħoddux għal sensala awtorizzati taħt il-liġi ta' qabel.

95. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 79 sa l-94 ma jgħoddux għal sensala li kienu awtorizzati jaħdmu ta' sensala qabel l-ewwel ta' Jannar tal-elf disa' mija tmienja u għoxrin.

Sub-titolu VI

FUQ IL-KUMMERĊJANTI KUMMISSJONANTI

Min hu kummerċjant kummissjonant.

96. Il-kummerċjant kummissjonant hu dak li, f'ismu jew taħt l-isem ta' ditta soċjali, jagħmel atti ta' kummerċ b'ordni jew akkont ta' prinċipal.

Il-kummerċjant kummissjonant mhux obbligat jagħti l-isem tal-prinċipal.

97. Il-kummerċjant kummissjonant mhux obbligat jagħti l-isem tal-persuna li għaliha hu jaġixxi. Hu obbligat direttament ma' dawk li magħhom jikkuntratta, daqs li kieku l-operazzjoni kienet tiegħu nnifsu.

Azzjoni tat-terzi kontra l-prinċipal jew bil-maqlub.

98. Il-prinċipal m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-kummerċjant kummissjonant ikun ikkuntratta, lanqas dawn m'għandhom azzjoni kontra l-prinċipal.

Setgħat tal-kummerċjant kummissjonant.

99. Il-kummerċjant kummissjonant jista' jitbiegħed mill-istruzzjonijiet li jirċievi mingħand il-prinċipal jekk hu jaħseb li dan kien jagħti l-approvazzjoni tiegħu kieku kien jaf bit-tibdil tal-kondizzjonijiet, u ma jkunx hemm żmien biżżejjed biex jitlob u jieħu minn qabel il-kunsens tiegħu.

Jedd tal-kummerċjant kummissjonant fix-xiri u bejgħ ta' titoli ta' fondi pubbliċi, eċċ.

100. F'każ ta' inkarigu għax-xiri jew bejgħ ta' titoli ta' fondi pubbliċi, ta' kambjali u ta' titoli oħra ta' kreditu li jkunu fil-kummerċ jew ta' merkanzija li jkollha prezz fil-borża jew fis-suq, il-kummerċjant kummissjonant, jekk il-prinċipal ma jordnax xort'oħra, jista' jagħti hu stess, bil-prezz li jkun miexi, bħala bejjiegħ, il-ħaga li għandu jixtri, jew iżomm għalih bil-prezz li jkun miexi, bħala xerrej, il-ħaġa li għandu jbiegħ akkont tal-prinċipal, bla ħsara tal-jedd għall-kummissjoni tiegħu.

Responsabbiltà tal-kummerċjant kummissjonant.

101. Fin-nuqqas ta' ftehim jew użu kuntrarju, il-kummerċjant kummissjonant ma jweġibx għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet li tieħu fuqha l-persuna li magħha huwa jikkuntratta; u jekk jieħu din ir-responsabiltà, huwa jkollu jedd għal kummissjoni speċjali, imsejħa *star del credere*, li, meta ma jkunx hemm ftehim, tiġi meqjusa fuq l-użu tal-lok fejn il-kummissjoni tiġi esegwita.

L-użu li jkun miexi.

102. Kull kummissjoni titqies mogħtija bl-ordni li wieħed għandu jimxi fuq l-użu li jkun iseħħ fil-kummerċ.

Aċċettazzjoni tal-mandat.

103. Il-kummerċjant kummissjonant jista' jaċċetta jew jirrifjuta l-mandat tal-prinċipal:

lżda jekk ma jaċċettaħx, hu għandu, mingħajr ebda dewmien, jagħti avviż tar-rifjut tiegħu lill-prinċipal.

Il-kummerċjant kummissjonant jista' ma jesegwix il-kummissjoni.

104. Il-kummerċjant kummissjonant jista' ma jesegwix il-kummissjoni li jkun ġà aċċetta, jekk wara tinqala' raġuni li ġġiegħlu jaħseb li l-prinċipal m'għandux fondi biżżejjed biex iwieġeb għall-obbligazzjonijiet tiegħu, u, f'dan il-każ, hu għandu, mingħajr ebda dewmien, jagħtih avviż tar-rifjut tiegħu.

Privileġġ favur il-kummerċjant kummissjonant.

105. Il-kummerċjant kummissjonant li jkun ħareġ flus fuq il-merkanzija mibgħuta lilu biex ibigħha akkont tal-prinċipal, għandu privileġġ għall-ħlas lura tal-flus li jkun ħareġ, għall-imgħaxijiet u għall-ispejjeż, fuq il-valur tal-merkanzija, jekk din tkun ġà tinsab taħt idejh f'maħżen jew lok ta' depożitu, jew jekk, qabel ma tasal, hu jkun jista' jipprova li l-merkanzija ġiet mibgħuta lilu.

Privilleġġ fuq merkanzija mixtrija akkont ta' ħaddieħor.

106. Il-kummerċjant kummissjonant li jkun xtara merkanzija akkont ta' ħaddieħor, għandu fuq din il-merkanzija l-privileġġ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan għall-ħlas lura tal-prezz imħallas jew li għad irid jitħallas, mhux biss jekk il-merkanzija tkun taħt idejh f'maħżen jew lok ta' depożitu, iżda wkoll jekk, qabel ma l-merkanzija tasal f'idejn il-prinċipal, hu jipprova li kien bagħat dik il-merkanzija lill-prinċipal.

Privileġġ fuq merkanzija li ma tbiddlitx.

107. Il-privileġġ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan iseħħ ukoll meta, għad li l-merkanzija tkun ġà f'idejn il-prinċipal, ma jkunx sar fiha tibdil sostanzjali u tkun għadha tista' tingħaraf.

Preferenza tal-kreditu tal-kummerċjant kummissjonant.

108. Il-kummerċjant kummissjonant, li lilu tkun ġiet mibgħuta merkanzija jew li jkun xtara merkanzija akkont tal-prinċipal għandu, ukoll jekk din il-merkanzija tkun ġiet mibjugħa u ikkunsinnata, jedd għall-ħlas lura, fuq dak li jingħieb mill-bejgħ, għas-somom li jkun ħareġ, għall-imgħaxijiet u għall-ispejjeż, bi preferenza fuq il-krediturі tal-prinċipal.

Privileġġ fuq il-prezz tal-merkanzija.

109. Il-privileġġ imsemmi fl-artikoli 105 u 108 jista' jiġi eżerċitat fuq il-prezz tal-merkanzija, kemm-il darba ma jkunx ġà ġie mħallas jew ma jkunx ġà għadda f'kont kurrent bejn il-prinċipal u x-xerrej.

Titolu V

FUQ L-OBBLIGAZZJONIJIET KUMMERĊJALI

Meta l-kuntratt bil-mezz ta' korrispondenza hu perfett.

110. Il-kuntratt magħmul b'korrispondenza, sew b'ittra kemm ukoll b'telegramm bejn persuni fil-bogħod minn xulxin, mhux perfett jekk l-aċċettazzjoni ma tasalx lill-proponent fiż-żmien stabbilit minnu jew fiż-żmien li hu soltu meħtieġ sabiex wieħed jibgħat il-proposta u jirċievi l-aċċettazzjoni, skont ix-xorta tal-kuntratt u l-użijiet ġenerali tal-kummerċ.

Tħassir tal-kuntratt.

111. (1) Sakemm il-kuntratt mhux perfett, sew il-proposta kemm l-aċċettazjoni jistgħu jitħassru. Iżda, kemm-il darba l-proponent jiddikjara li huwa jżomm il-proposta miftuħa sa ċertu żmien, inkella meta dak iż-żmien ikun jirriżulta mix-xorta tan-negozju, it-tħassir tal-proposta qabel ma jagħlaq iż-żmien hawn fuq imsemmi mhux ta' xkiel għall-perfezzjoni tal-kuntratt.

(2) Jekk il-proposta tkun tagħti s-setgħa, imqar jekk impliċitament, lill-parti l-oħra li tesegwixxi l-kuntratt mingħajr ma tkun ġiet qabel imgħarrfa l-aċċettazzjoni tagħha, il-kuntratt isir perfett minnufih li tibda l-esekuzzjoni tiegħu fiż-żmien skont l-użu jew fiż-żmien stabbilit.

Aċċettazjoni mdewma, eċċ.

112. Aċċettazzjoni mdewma jew suġġetta għal kondizzjonijiet, żieda, restrizzjonijiet jew tibdil titqies li hija u tgħodd bħala rifjut tal-proposta oriġinali u bħala proposta ġdida.

Offerta bil-mezz ta' avviżi.

113. (1) L-offerta lill-pubbliku b'katalogi jew avviżi oħra ma torbotx ħlief fil-każ li jkun ġie espressament ħekk iddikjarat; hija tgħodd biss bħala stedina biex wieħed joffri.

(2) Il-wirja ta' merkanzija hija proposta li tobbliga lil min jesponi sakemm ikollha magħha indikazzjoni tal-prezz u tal-kondizzjonijiet l-oħra kollha tal-bejgħ.

Jekk il-partijiet jiftehmu li jniżżlu bil-miktub il-ftehim bil-fomm.

114. Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità.

Il-kondebituri huma obbligati *in solidum*.

115. (1) Fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati *in solidum*.

(2) L-istess preżunzjoni tgħodd għall-garanti, ukoll jekk ma jkunx kummerċjant, illi jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni kummerċjali.

Ħlas.

116. Meta l-flus imsemmijin f'kuntratt m'għandhomx kors legali f'Malta u ma jkunx ġie msemmi l-kambju tagħhom, il-ħlas jista' jsir bil-flus tal-pajjiż skont kif ikun miexi l-kambju "*a vista*", dak in-nhar li jagħlaq il-ħlas, u fil-lok miftiehem għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, u, jekk f'dak il-lok ma jkunx hemm kors tal-kambju, skont ir-rata tal-kambju tas-suq l-aktar fil-qrib, kemm-il darba fil-kuntratt ma jkunx hemm il-klawsola "*in effettivi*" jew xi oħra bħalha.

Kondizzjoni rizoluttiva taċita. *Emendat: XXII.1976.4.* Kap. 16.

117. Fil-kuntratti kummerċjali, il-kondizzjoni riżoluttiva taċita msemmija fl-artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili tħoll il-kuntratt *ipso jure*, u l-qorti ma tistax tagħti żmien lill-konvenut sabiex jiġi meħlus mill-*mora*:

lżda dan l-artikolu ma japplikax għal kuntratti ta' kiri ta' proprjetà immobbli jew għal kuntratti ta' enfitewsi jew għal kuntratti li l-ħall tagħhom, fil-każ ta' nuqqas ta' waħda mill-partijiet milli tħares l-obbligi tagħha, jkun regolat b'liġi b'mod speċjali.

Jeddijiet litiġjużi mnisslin minn operazzjonijiet kummerċjali. Kap. 16.

118. Il-jedd ta' rkupru li jmiss lid-debitur taħt l-artikolu 1483 tal-Kodiċi Ċivili, fil-każ ta' ċessjoni ta' jedd litiġjuż, ma jistax jigi eżerċitat jekk il-jedd litiġjuż hekk ċedut ikun ġej minn operazzjoni kummerċjali.

Titolu VI

FUQ IL-KAMRA TAL-KUMMERĊ, INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu huma imbiddla bl-Att XXX tal-1927. Emendat: XIII.2008.2.

Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija. *Emendat: XIII.2008.4.*

119. (1) Il-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija hija korp ta' kummerċjanti, sensala, kaptani tal-baħar u kull persuna oħra li tkun fin-negozju, fil-kummerċ jew fl-industrija.

(2) Dan il-korp hu magħruf mill-Gvern.

Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija. *Emendat: XVIII.1944.2; XIII.2008.2, 5.*

120. (1) L-imsemmija Kamra għandha kull sena taħtar, skont l-istatut imgħoddi mill-imsemmija Kamra, kumitat magħmul minn membri tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija sabiex jirregola l-ħidma ta' dik il-Kamra. Il-persuni maħtura għal dan il-kumitat jifformaw il-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija u l-isem tagħhom jiġi maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern.

(2) Il-Kunsill imsemmi għandu jirrappreżenta l-komunità kummerċjali, merkantili u industrijali ta' Malta.

Sedi tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija. *Emendat: XXXIII.1990.38; XIII.2008.2.*

121. Il-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija għandha s-sedi tagħha l-Belt Valletta fil-bini tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija.

Operazzjonijiet tal-Borża.

122. *Imħassar: XXXIII.1990.38.*

Titolu VII

FUQ IL-KAMBJALI, BILJETTI NEGOZJABBLI JEW *PROMISSORY NOTES,* U MANDATI JEW *CHEQUES* FUQ BANKIERA JEW KAXXIERA

Sub-titolu I

FUQ IL-KAMBJALI

FUQ IL-FORMA TAL-KAMBJALA

Forma tal-kambjala.

123. Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha.

Min jiġbed il-kambjala u dak li fuqu tinġibed jistgħu jkunu l-istess persuna.

124. Il-kambjala tista' tinġibed fuq wieħed innifsu, u tista' tkun magħmula li titħallas fil-lok stess fejn tkun inġibdet.

Meta l-kambjala ma tiswiex.

125. Il-kambjala ffirmata b'salib jew b'xi sinjal ieħor, ma tiswiex.

Differenzi bejn il-kliem u numri.

126. (1) Jekk fil-kambjala s-somma li għandha titħallas tkun miktuba bi kliem u b'numri, u dawn ma jkunux jaqblu bejniethom, is-somma miktuba bi kliem hija s-somma li għandha titħallas.

(2) Jekk is-somma tkun ġiet imtennija b'numri jew bi kliem, u dawn ma jkunux jaqblu bejniethom, l-anqas somma hija s-somma li għandha titħallas.

Tista' tinġibed għall-ordni ta' min ġibidha jew ta' terza persuna.

127. Il-kambjala tista' tinġibed għall-ordni ta' terza persuna, jew għall-ordni ta' dak stess li ġibidha.

Tista' tinġibed fuq wieħed u titħallas fil-lok fejn toqgħod terza persuna.

128. (1) Il-kambjala tista' tinġibed fuq persuna, u magħmula li titħallas fil-lok fejn toqgħod persuna oħra.

(2) Hija tista' tinġibed għall-ordni u akkont ta' terza persuna.

Tista' tinġibed f'żewġ eżemplari jew iżjed.

129. (1) Il-kambjala tista' tiġi magħmula f'żewġ eżemplari jew iżjed u ta' dan għandha ssir tismija f'kull eżemplar bil-kelmiet *l-ewwel, it-tieni, it-tielet,* eċċ., u f'dan il-każ, kull eżemplar jiswa għal kollha, u l-eżemplari kollha jagħmlu kambjala waħda.

(2) Meta ma jkunx hemm din it-tismija, kull eżemplar jitqies bħala kambjala għaliha.

FUQ ID-DMIRIJIET TAT-TRAENT

Jista' jintalab iżjed minn eżemplar wieħed.

130. It-traent għandu jagħti lill-prenditur, jekk dan hekk jitlob, qabel ma l-kambjala tagħlaq, żewġ eżemplari jew iżjed tal-kambjala.

Fondi biex jagħmlu tajjeb għall-ħlas tal-kambjala.

131. (1) It-traent, jew, meta l-kambjala hija miġbuda akkont ta' ħaddieħor, dak li akkont tiegħu l-kambjala tkun inġibdet, għandu jieħu ħsieb li meta l-kambjala tagħlaq ikun hemm akkont tiegħu f'idejn it-trattarju provvista ta' fondi biżżejjed għall-ħlas tagħha, ukoll jekk dik il-kambjala għandha titħallas fil-lok fejn toqgħod terza persuna.

(2) Iżda, min jiġbed kambjala għal isem ħaddieħor jibqa' obbligat persunalment lejn il-prenditur, lejn il-ġiranti u lejn il-pussessur tal-kambjala.

Meta jitqies li trattarju għandu l-provvista tal-fondi.

132. Jitqies li saret f'idejn it-trattarju l-provvista tal-fondi, jekk, fiż-żmien li tagħlaq il-kambjala, hu jkun debitur tat-traent, jew tal-persuna li akkont tagħha l-kambjala tkun inġibdet, f'somma mhux anqas minn dik imsemmija fil-kambjala.

Meta hemm aċċettazzjoni jitqies li hemm il-provvista tal-fondi.

133. (1) L-aċċettazzjoni tissupponi li hemm il-provvista tal-fondi, u hija tagħmel prova ta' dik il-provvista kwantu għall-pussessuri u għall-ġiranti.

(2) It-traent biss, ikun hemm jew ma jkunx hemm aċċettazzjoni, hu fl-obbligu li jipprova, fil-każ ta' kontestazzjoni, li l-persuni li fuqhom il-kambjala kienet miġbuda kellhom il-provvista tal-fondi meħtiega għall-ħlas tal-kambjala fiż-żmien li għalqet; inkella jkun obbligat jagħmel tajjeb għall-kambjala, għalkemm il-protest ikun sar wara ż-żminijiet stabbiliti.

Kambjala ipprotestata.

134. (1) Il-pussessur ta' kambjala ipprotestata m'għandu, f'ebda każ, jedd fuq il-provvista tal-fondi magħmula mit-traent jew minn dak li akkont tiegħu tkun inġibdet.

(2) Jekk il-kambjala ma tkunx ġiet aċċettata, il-provvista tal-fondi, f'każ ta' falliment tal-parti li tkun għamlitha, terġa' tidħol fil-massa.

(3) Jekk il-kambjala tkun ġiet aċċettata, il-provvista ta' fondi tibqa' għall-aċċettant, taħt l-obbligu li jħallas lill-pussessur tal-

kambjala.

Meta t-traent jipprojbixxi t-trasferiment tal-kambjala.

135. Meta t-traent jipprojbixxi t-trasferiment tal-kambjala b'dikjarazzjoni espressa fuqha stess, u b'dankollu hija tiġi ittrasferita, il-ġiratarju ma jakkwistax ħlief il-jeddijiet li jmissu lill-prenditur.

FUQ IL-ĠÎRA TAL-KAMBJALA

Trasferiment b'ġîra.

136. Il-pussessur ta' kambjala jista' jittrasferixxi l-proprjetà tagħha bil-ġîra.

Lil min tista' tiġi mdawra.

137. Il-kambjala tista' tiġi mdawra lit-trattarju, lill-aċċettant, jew lill-ġirant ta' qabel, jew ukoll imdawra lura lit-traent, u tista' terġa' tiġi mdawra minn kull wieħed minnhom.

Fejn issir il-ġîra.

138. Il-ġîra ssir fid-dahar tal-kambjala, jew fuq biċċa karta msejħa *allonge,* li, meta meħtieġ, tiġi mwaħħla ma' l-istess kambjala.

Il-ġîra tista' tkun speċjali jew in bjank.

139. Il-ġîra tista' ssir billi jitniżżlu fiha l-isem ta' dak li lilu, jew li għall-ordni tiegħu, għandu jsir il-ħlas, id-data tal-ġîra, u partikularitajiet oħra; tista' ssir ukoll in bjank, bil-firma biss tal-ġirant.

Responsabbiltà tal-ġirant.

140. (1) Il-ġirant iwieġeb lejn kull pussessur ta' wara għall-aċċettazzjoni u għall-ħlas tal-kambjala.

Ġîra "mingħajr garanzija".

(2) Iżda, jekk fil-ġîra tiġi miżjuda d-dikjarazzjoni "mingħajr garanzija" jew kliem ieħor li jġib l-istess riżerva, il-ġirant li jkun fisser ruħu b'dan il-mod jibqa' meħlus minn kull obbligu li jitnissel mill-ġîra tiegħu.

Il-ġirant li jipprojbixxi t-trasferiment mhux responsabbli lejn il-pussessuri ta' wara.

141. Meta l-ġirant fil-ġîra tiegħu jkun espressament ipprojbixxa kull trasferiment ieħor tal-kambjala, dawk li wara tiġi lilhom imdawra l-kambjala ma jkollhom ebda jedd ta' regress kontra dak il-ġirant.

Effett ta' ġîra limitata.

142. Jekk il-ġîra ssir bid-dikjarazzjoni "għall-inkass" jew bi kliem ieħor li juri ordni mogħti mill-ġirant, din il-ġîra ma tittrasferix il-proprjetà tal-kambjala, iżda tgħaddi biss lill-ġiratarju l-ordni li jkun fiha, u f'dan il-każ, il-ġiratarju jista' biss jgħaddi lil ħaddieħor dak l-istess ordni b'ġîra bħalha.

Meta l-ġîra ssir wara li jagħlaq iż-żmien għall-protest minħabba nuqqas ta' ħlas jew ta' aċċettazzjoni.

143. (1) Jekk il-ġîra ssir wara li jagħlaq iż-żmien li fih għandu jsir il-protest minħabba nuqqas ta' ħlas, il-ġiratarju jakkwista kontra t-trattarju l-jeddijiet kollha li joħorġu mill-aċċettazzjoni li tkun ġà saret u l-jeddijiet ta' regress kontra dawk illi jkunu dawru l-kambjala wara li jgħaddi dak iż-żmien.

(2) Id-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu tgħodd ukoll jekk il-ġira ssir wara li jagħlaq iż-żmien li fih għandu jsir il-protest minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni.

144. Jekk il-ġîra ssir wara li l-kambjala tkun giet ipprotestata minħabba nuqqas ta' ħlas, din il-ġîra ma tagħtix lill-ġiratarju ebda jeddijiet oħra ħlief dawk tal-ġirant tiegħu lejn it-trattarju, jekk dan ikun aċċetta l-kambjala, u lejn dawk il-ġiranti li jkunu għadhom obbligati fl-istess kambjala. Jeddijiet tal-ġiratarju meta l-ġîra ssir wara l-protest minħabba nuqqas ta' ħlas.

145. Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-ġiratarju jżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu kontra t-traent, u kontra dak li akkont tiegħu l-kambjala tkun ġiet miġbuda. Jeddijiet tal-ġiratarju kontra t-traent.

146. Meta l-ġirant ikun għamel fil-ġîra tiegħu ż-żmien li fih il-kambjala għandha tiġi ippreżentata lit-trattarju, l-obbligazzjoni li toħroġ mill-ġîra tispiċċa, jekk il-kambjala ma tiġix ippreżentata għall-aċċettazzjoni fiż-żmien hekk imsemmi. Meta l-ġirant jagħmel iż-żmien għall-preżentata tal-kambjala.

147. Il-pussess biss ta' kambjala li ma tkunx imdawra lill-pussessur tagħti lil dan il-jedd li jippreżenta din il-kambjala għall-aċċettazzjoni u li jagħmel il-protest minħabba n-nuqqas ta' aċċettazzjoni. Jeddijiet tal-pussessur meta l-kambjala ma tkunx imdawra lilu.

FUQ L-AĊĊETTAZZJONI

148. L-aċċettazzjoni tal-kambjala għandha ssir fuq il-kambjala nfisha, bil-firma tal-aċċettant, bil-kelmiet "naċċetta", jew "aċċettata", jew mingħajrhom. Kif għandha ssir l-aċċettazzjoni.

149. L-aċċettazzjoni għandha ġġib id-data, jekk il-kambjala għandha titħallas f'ċertu żmien "*vista*" jew skont l-użu. In-nuqqas tad-data tal-aċċettazzjoni jagħmel il-kambjala eżiġibbli fiż-żmien fiha msemmi, li jibda jgħodd mid-data tagħha. Meta l-aċċettazzjoni għandha ġġib id-data.

150. (1) L-aċċettazzjoni ma tistax tkun kondizzjonali, iżda tista' tkun limitata kwantu għas-somma li għandha titħallas. L-aċċettazzjoni ma tistax tkun kondizzjonali, iżda tista' tkun limitata.

(2) L-aċċettazzjoni kondizzjonali titqies bħala rifjut ta' aċċettazzjoni.

151. (1) Il-kambjala għandha tiġi aċċettata minnufih li tiġi ippreżentata, jew l-aktar tard fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mill-preżentata tagħha. Meta l-kambjala għandha tiġi aċċettata.

(2) Jekk, wara li jagħlaq dan iż-żmien, ma tiġix mogħtija lura, aċċettata jew mhix aċċettata, dak li jkun żammha hu obbligat għad-danni u l-imgħaxijiet lejn il-pussessur.

152. (1) Bl-aċċettazzjoni ta' kambjala, l-aċċettant jieħu fuqu l-obbligu li jħallas l-ammont tagħha, u ma jistax jiġi meħlus minn dan l-obbligu, għalkemm it-traent, jew dak li akkont tiegħu l-kambjala ġiet aċċettata, ikun, mingħajr hu ma kien jaf, falla qabel l-aċċettazzjoni tal-kambjala. Obbligi tal-aċċettant.

(2) Iżda, jekk l-aċċettant ma kellux provvista ta' fondi, hu jista' jdur kontra t-traent jew kontra l-parti li akkont tagħha l-kambjala ġiet aċċettata; f'kull każ bħal dan l-aċċettazzjoni tagħti lok biss għal sempliċi preżunzjoni kontra l-aċċettant, li jkollu l-jedd għall-prova kuntrarja.

153. (1) Ir-rifjut ta' aċċettazzjoni għandu jiġi ippruvat bi protest, li jissejjaħ protest minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni. Protest minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni.

(2) Jekk il-kambjala ma tiġix aċċettata għas-somma kollha li għaliha tkun ġiet miġbuda, għandu jsir l-istess protest għad-differenza.

Dmir tat-traent u tal-ġiranti meta jiġu notifikati bil-protest minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni.

154. Wara n-notifika tal-protest imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, il-ġiranti u t-traent huma, rispettivament, obbligati jagħtu garanzija tajba għall-ħlas tal-ammont tal-kambjala meta tagħlaq jew tal-ammont li għalih ma tkunx ġiet aċċettata, jew inkella jħallsu l-kambjala flimkien ma' l-ispejjeż tal-protest u tar-rikambju.

Meta l-kondizzjoni tal-aċċettant titbiddel wara l-aċċettazzjoni tal-kambjala.

155. Jekk, wara l-aċċettazzjoni tal-kambjala, jiġi ippruvat li l-kondizzjoni tal-aċċettant, fl-affarijiet tiegħu kummerċjali, tbiddlet b'mod li wieħed ikollu raġun jaħseb li l-kambjala ma tiġix imħallsa meta tagħlaq, tista' tintalab kontra t-traent, il-ġiranti, u wkoll kontra l-aċċettant innifsu, l-istess garanzija bħal dik imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan.

Obbligazzjoni tal-garanti.

156. Il-garanti ta' wieħed biss minn dawk li jkunu obbligati jagħtu garanzija, mhux obbligat *in solidum* ħlief ma' dak li għalih jagħmel garanzija.

Wegħda ta' aċċettazzjoni.

157. Il-fatt li wieħed iwiegħed li jaċċetta kambjala ma jiswiex bħala aċċettazzjoni, iżda dak li lilu tkun ġiet imwiegħda l-aċċettazzjoni għandu azzjoni għad-danni u għall-imgħaxijiet kontra min wiegħed fil-każ li dan irrifjuta li jaċċetta bħal ma wiegħed.

FUQ L-AĊĊETTAZZJONI GĦALL-UNUR TAL-FIRMA JEW B'INTERVENT

Aċċettazzjoni għall-unur tal-firma jew b'intervent.

158. (1) Meta kambjala tkun ġiet ipprotestata minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni, kull persuna, li ma tkunx ġà obbligata fiha, tista' tindaħal u taċċetta l-kambjala għall-unur tat-traent, jew ta' wieħed mill-ġiranti, sew b'ordni jew mingħajr ordni għaldaqshekk ta' dak it-traent jew ġirant.

(2) It-trattarju nnifsu jista', wara l-protest minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni, jindaħal bħala barrani kif jingħad hawn fuq.

Ordni ta' preferenza meta diversi persuni joffru li jaċċettaw għall-unur tal-firma.

159. Jekk diversi persuni joffru li jaċċettaw kambjala għall-unur tal-firma, għandhom preferenza -

(*a*) dawk li jindaħlu għat-traent jew għal dak li akkont tiegħu l-kambjala tkun ġiet miġbuda;

(*b*) dawk li jindaħlu għall-ġiranti skont l-ordni tal-ġîri.

Il-pussessur jista' jagħżel.

160. Jekk tnejn jew iżjed joffru li jaċċettaw b'intervent għall-istess persuna, il-pussessur tal-kambjala jista' jagħżel lil min irid minnhom.

Għandu preferenza dak li jkun inkarigat jindaħal.

161. lżda, dak li jkun ġie inkarigat jindaħal mill-persuna li għaliha jkun irid jaċċetta għandu, f'kull każ, preferenza fuq dawk li joffru li jaċċettaw għall-istess persuna, mingħajr dak l-inkarigu.

Il-pussessur ta' kambjala jista' jaċċetta għall-unur tal-firma.

162. Il-pussessur ta' kambjala jista', bħal kull persuna oħra, jaċċetta b'intervent u jista', taħt l-istess ċirkostanzi, jagħti preferenza lilu nnifsu.

Kif issir l-aċċettazzjoni għall-unur tal-firma.

163. L-aċċettazzjoni għall-unur tal-firma għandha ssir bil-miktub fuq il-kambjala u għandha tiġi iffirmata mill-aċċettant għall-unur, u għandha tiġi msemmija fl-att tal-protest jew f'att ieħor wara bħala żieda miegħu jew imdaħħal fih.

Dmirijiet tal-aċċettant għall-unur.

164. L-aċċettant għall-unur għandu jitlob il-kunsinna tal-protest li jkun sar minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni, u għandu jgħarraf, mingħajr dewmien, bl-intervent tiegħu lill-parti li għall-unur tagħha jkun indaħal, u jikkomunikalha l-protest hawn fuq imsemmi: fin-nuqqas ta' dan, huwa jwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet.

Meta l-aċċettant għall-unur ma jsemmix il-persuna li għaliha jindaħal.

165. Jekk l-aċċettant għall-unur jonqos li jsemmi l-persuna li għall-unur tagħha huwa jindaħal, l-aċċettazzjoni titqies li saret għall-unur tat-traent, jew tal-parti li akkont tagħha l-kambjala tkun ġiet miġbuda, jekk l-isem ta' dik il-parti jkun jidher fuq il-kambjala.

Jeddijiet tal-pussessur fil-każ ta' aċċettazzjoni għall-unur.

166. (1) Għad li jkun hemm l-aċċettazzjoni għall-unur, il-pussessur ta' kambjala jżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu kollha li jkollu kontra t-traent u l-ġiranti minħabba n-nuqqas ta' aċċettazzjoni tat-trattarju.

(2) Iżda, jekk l-intervent għall-bżonn jiġi irrikmandat mit-traent innifsu fl-istess kambjala, u din tiġi aċċettata minn min ikollu l-inkarigu biex jindaħal, ma tkunx meħtieġa l-garanzija msemmija fl-artikolu 154.

Il-kambjala aċċettata għall-unur għandha tiġi ippreżentata għall-ħlas lit-trattarju oriġinali.

167. (1) Kambjala aċċettata għall-unur għandha tiġi ippreżentata lit-trattarju oriġinali għall-ħlas fiż-żmien li tagħlaq, u ipprotestata kontra tiegħu jekk ma tiġix imħallsa.

(2) Fin-nuqqas ta' dan il-protest, l-aċċettant għall-unur mhux obbligat iħallas il-kambjala, u jekk iħallasha mingħajr ma jkun hemm il-protest, huwa jitlef il-jedd ta' regress kontra dawk li setgħu jkollhom interess li l-kambjala tiġi ipprotestata kontra t-trattarju.

FUQ IS-SOLIDARJETÀ

Il-partijiet f'kambjala huma obbligati *in solidum*.

168. Dawk kollha li jiffirmaw, jaċċettaw jew idawru kambjala, huma obbligati *in solidum* għall-garanzija lejn il-pussessur.

FUQ L-AVALL

Avall.

169. Apparti mill-aċċettazzjoni u l-ġîra, il-ħlas ta' kambjala jista' jiġi ggarantit b'avall, li hu l-obbligazzjoni ta' terza persuna.

Kif jingħata l-avall.

170. L-avall jista' jingħata fuq il-kambjala nfisha, jew b'att għalih, jew ukoll b'ittra.

Obbligazzjoni ta' min jagħti l-avall.

171. Dak li jagħti l-avall hu obbligat *in solidum* u bl-istess mod li huma obbligati t-traent u l-ġiranti, jekk il-partijiet ma jkunux ftiehmu xort'oħra.

FUQ L-ISKADENZA U L-ĦLAS TAL-KAMBJALA

Iż-żmien tal-ħlas.

172. Il-kambjala tista' tiġi magħmula li titħallas -

(*a*) "*a vista*";

(*b*) fi żmien jew jum determinat;

(*ċ*) f'ċertu żmien *"vista";*

(*d*) f'ċertu żmien mid-data;

(*e*) skont l-użu.

"*A vista*".

173. Il-kambjala miġbuda *"a vista"* għandha titħallas malli tiġi ppreżentata.

Għal żmien jew jum determinat.

174. Il-kambjala miġbuda għal żmien jew jum determinat għandha titħallas fiż-żmien jew fil-jum fiha msemmijin.

Kambjala li għandha titħallas f'nofs ix-xahar.

175. Meta ż-żmien tal-ħlas imsemmi fil-kambjala hu għan-nofs ix-xahar, il-kambjala titqies magħluqa fil-ħmistax ta' dak ix-xahar.

Kambjala li għandha titħallas f'ċertu żmien "*vista*" jew mid-data.

176. Il-kambjala miġbuda għal ċertu żmien "*vista*" jew għal ċertu żmien mid-data, għandha titħallas -

(*a*) jekk iż-żmien hu indikat bi ġranet, fl-aħħar ġurnata tal-ġranet imsemmija: iżda, jekk il-kambjala tkun miġbuda għal ċertu żmien "vista", il-ġurnata li fiha l-kambjala tiġi ppreżentata għall-aċċettazzjoni ma tingħaddx, u fil-każ li l-kambjala tkun miġbuda għal ċertu żmien mid-data, il-ġurnata tad-data tal-kambjala ma tingħaddx;

(*b*) jekk iż-żmien hu indikat b'ġimgħat jew b'xhur, fil-ġurnata tal-ġimgħa jew tax-xahar li tkun taqbel, fl-isem jew fin-numru, mal-ġurnata li fiha l-kambjala tkun ġiet ippreżentata għall-aċċettazzjoni jew mal-ġurnata tad-data tal-kambjala:

Iżda, kemm-il darba din il-ġurnata ma tkunx tidħol fix-xahar li fih għandu jsir il-ħlas, il-kambjala titqies magħluqa fl-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Nofs xahar.

177. Iż-żmien imsemmi bil-kelmiet "nofs xahar" ifissru ħmistax-il ġurnata.

Kalendarju Gregorjan.

178. Ix-xhur huma dawk skont il-kalendarju Gregorjan.

Kambjala miġbuda skont l-użu.

179. Il-kambjala miġbuda bħala li titħallas skont l-użu għandha titħallas wieħed u għoxrin ġurnata minn dak in-nhar li tiġi ippreżentata għall-aċċettazzjoni.

180. Jekk ma jkunx ġie indikat xi wieħed miż-żminijiet imsemmija fl-artikolu 172, il-kambjala titħallas "*a vista*".

Meta ma jissemma' ebda żmien, il-kambjala titħallas "*a vista*".

181. Jekk il-ġurnata li fiha tagħlaq kambjala hija ġurnata ta' nhar ta' Ħadd jew festa kmandata jew tal-Ġimgħa l-Kbira jew ta' ġurnata oħra ta' vakanza pubblika, hija għandha titħallas il-ġurnata ta' wara, li ma tkunx vakanza pubblika.

Meta l-ġurnata tal-iskadenza hija l-Ħadd, eċċ. *Emendat: V.1904.8.*

182. Il-kambjala titqies magħluqa mill-waqt li l-persuna li fuqha tkun miġbuda tiġi iddikjarata falluta, u f'dan il-każ il-pussessur jista' jagħmel il-protest tal-kambjala msemmi fl-artikolu 191; iżda t-traent u l-ġiranti jistgħu, jekk jiġu msejħin għall-ħlas, jiddiferixxu l-ħlas sa dak in-nhar li l-kambjala tagħlaq skont il-kondizzjonijiet li taħthom tkun ġiet miġbuda, billi jagħtu l-garanzija msemmija fl-artikolu 154.

Meta t-trattarju jiġi ddikjarat fallut.

183. Il-kambjala għandha titħallas bix-xorta ta' flus imsemmija fiha. Iżda, jekk ix-xorta ta' flus imsemmija fil-kambjala hija immaġinarja jew m'għandhiex kors legali fil-lok li fih għandu jsir il-ħlas, u fil-kambjala ma jkunx hemm imsemmi l-valur ta' dik ix-xorta ta' flus, il-ħlas isir bil-flus li għandhom kors legali fil-lok tal-ħlas, f'somma li taqbel mal-valur tal-flus imsemmija fil-kambjala fiż-żmien li din tagħlaq, kemm-il darba t-traent, bl-użu tal-klawsola *in effettivi* jew ta' klawsola oħra bħalha, ma jkunx wera r-rieda li l-ħlas isir fix-xorta ta' flus minnu msemmija, basta li din ix-xorta ta' flus ma tkunx immaġinarja.

B'liema flus titħallas il-kambjala.

184. Dak li jħallas kambjala mhux obbligat jivverifika l-awtenticità tal-ġîri.

Min iħallas mhux obbligat jivverifika l-awtenticità tal-ġîri.

185. Dak li jħallas kambjala qabel ma tagħlaq iwieġeb għall-validità tal-ħlas.

Ħlas qabel l-egħluq.

186. Dak li jħallas kambjala meta tagħlaq, u mingħajr oppożizzjoni, jitqies meħlus skont il-liġi.

Ħlas fl-egħluq mingħajr oppożizzjoni jġib il-ħelsien.

187. Il-pussessur ta' kambjala ma jistax jiġi mġiegħel jirċievi l-ħlas tagħha qabel ma tagħlaq.

Il-pussessur ma' jistax jiġi mġiegħel jirċievi l-ħlas qabel l-egħluq.

188. Il-ħlas ta' kambjala magħmul fuq it-tieni, it-tielet, jew eżemplar ieħor, jiswa, basta li jkun speċifikat fuq dan it-tieni, it-tielet, jew eżemplar ieħor, li dan il-ħlas ineħħi l-effett tal-eżemplari l-oħra tal-kambjala.

Ħlas tat-tieni, it-tielet, eċċ.

189. Dak li jħallas kambjala fuq it-tieni, it-tielet, jew eżemplar ieħor, mingħajr ma jieħu lura l-eżemplar li fuqu jkun aċċetta, ma jiġix meħlus quddiem it-terz li jkollu f'idejh l-eżemplar aċċettat, bla ħsara tal-jedd ta' regress kontra dak li lilu ħallas bla ma kien imiss.

Meta l-eżemplar aċċettat tal-kambjala ma jiġix meħud lura minn min iħallas.

190. Meta kambjala tinġibed fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet, jew f'aktar eżemplari, u t-trattarju jaċċetta iżjed minn eżemplar wieħed, hu obbligat iħallas l-eżemplari kollha aċċettati li jiġu ppreżentati lilu fl-iskadenza minn kull pussessur tagħhom, bla ħsara tal-jedd ta' regress kontra dak li jkun għamel użu ta' iżjed minn eżemplar wieħed tal-kambjala.

Meta jiġu aċċettati żewġ eżemplari jew iżjed.

Protest għal nuqqas ta' ħlas.

191. Ir-rifjut tal-ħlas ta' kambjala għandu jiġi ippruvat bi protest, li jissejjaħ protest għal nuqqas ta' ħlas.

Ħlas ta' kambjala mhux imdawra lill-pussessur.

192. Dak li jitlob il-ħlas ta' kambjala li ma tkunx ġiet imdawra lilu, iżda li, fl-istess ħin, juri li ġiet lilu mibgħuta biex idaħħal il-ħlas tagħha, jista', billi jagħti garanzija tajba, jitlob il-ħlas tagħha, u jista' jipprotestaha jekk ma tiġix imħallsa.

Responsabbiltà tal-pussessur li jitħallas tal-kambjala.

193. Il-pussessur ta' kambjala li jirċievi l-ħlas tagħha, u l-ġiranti kollha ta' qablu, huma garanti lejn dak li ħallasha tal-validità tal-ġîri kollha ta' qabel.

Il-ħlas isir kontra l-kunsinna tal-kambjala.

194. Bla ħsara tal-każ imsemmi fl-artikoli 201 u 202, id-debitur mhux obbligat iħallas il-kambjala ħlief kontra l-kunsinna tagħha bl-irċevuta kif imiss.

Ħlas ta' biċċa mis-somma.

195. (1) Il-pussessur tal-kambjala ma jistax jirrifjuta li jirċievi mingħand it-trattarju biċċa biss mis-somma msemmija fiha, ukoll meta l-kambjala tkun ġiet aċċettata mit-trattarju nnifsu, jew minn ħaddieħor, għas-somma kollha, imma l-pussessur għandu jipprotestaha għall-bqija.

(2) Iżda, dak li jkun ħallas biċċa ma jistax jitlob li l-kambjala tiġi ikkunsinnata lilu, imma hu jista' jitlob biss li s-somma li ħallas tiġi mniżżla fuq il-kambjala, u li tiġi ikkunsinnata lilu kopja tagħha bl-irċevuta tas-somma mħallsa.

Meta l-kambjala ma tiġix ippreżentata għall-ħlas.
Emendat: XXIV.1995.362.

196. Jekk il-kambjala ma tiġix ippreżentata għall-ħlas meta tagħlaq, l-aċċettant jista', wara li jagħlaq iż-żmien li fih imissu jsir il-protest għal nuqqas ta' ħlas, iqiegħed l-ammont tal-kambjala fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, bi spejjeż u riskju tal-pussessur.

Eċċezzjonijiet persunali għall-ġiranti.

197. L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-ġiranti ma jistgħux jingħataw kontra l-pussessur ta' kambjala.

Eċċezzjonijiet persunali għall-pussessur.

198. (1) L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.

(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, issmigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma.

Oppożizzjoni għall-ħlas ta' kambjala.

199. Ma tistax issir oppożizzjoni għall-ħlas ta' kambjala ħlief fil-każ ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-pussessur.

Telf ta' kambjala mhux aċċettata.

200. Fil-każ ta' telf ta' kambjala mhux aċċettata, sid il-kambjala jista' jitlob il-ħlas tagħha fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba', jew eżemplar ieħor.

Telf ta' kambjala aċċettata.

201. Jekk il-kambjala mitlufa tkun aċċettata, il-ħlas ma jistax jintalab fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba', jew eżemplar ieħor, kemm-il darba dak li jitlob il-ħlas ma jippruvax kif imiss il-jedd tiegħu u ma jagħtix garanzija tajba.

Meta l-pussessur ma jistax jippreżenta eżemplar tal-kambjala.

202. Meta dak li tilef il-kambjala, aċċettata jew le, ma jistax jippreżenta t-tieni, it-tielet, ir-raba', jew eżemplar ieħor tagħha, hu jista' madankollu jitlob u jieħu l-ħlas tagħha, jekk jipprova kif

imiss il-jedd tiegħu fuqha u jagħti garanzija tajba.

Meta tispiċċa l-obbligazzjoni li tinħoloq bil-garanzija.

203. L-obbligazzjoni li tinħoloq bil-garanzija msemmija fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, tispiċċa wara tliet snin.

Meta jista' jintalab li l-ammont tal-kambjala mitlufa jiġi ddepożitat. *Emendat: XXIV.1995.362.*

204. Jekk ma tingħatax il-garanzija msemmija fl-artikoli 201 u 202, jista' jintalab, meta ssir il-prova tal-jedd meħtieġa f'dawk l-artikoli, li s-somma li għandha titħallas fuq il-kambjala mitlufa tiġi mqiegħda fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

Protest fil-każ ta' kambjala mitlufa.

205. Fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas fuq talba magħmula għalhekk, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 201 u 202, sid il-kambjala mitlufa għandu, sabiex iżomm il-jeddijiet tiegħu kollha, jagħmel att ta' protest, u jinnotifikah lit-traent u lill-ġiranti, fiż-żmien u bil-mod bħal ma jingħad iżjed 'il quddiem dwar il-protest għal nuqqas ta' ħlas.

Obbligu tal-ġirant immedjat lejn il-ġiratarju tiegħu f'każ ta' kambjala mitlufa.

206. Sid il-kambjala mitlufa, sabiex jieħu t-tieni, it-tielet, jew eżemplar ieħor tagħha, għandu jitlobha lill-ġirant immedjat tiegħu u dan il-ġirant hu fl-obbligu li jagħtih l-għajnuna tiegħu u l-użu ta' ismu biex jaġixxi kontra l-ġirant tiegħu nnifsu, u hekk minn ġirant għall-ieħor sat-traent tal-kambjala.

Sid il-kambjala mitlufa hu obbligat għall-ħlas tal-ispejjeż.

207. Sid il-kambjala mitlufa hu obbligat għall-ħlas tal-ispejjeż kollha li jsiru minħabba t-telf tagħha.

Responsabbiltà għad-danni fil-każ ta' rifjut ta' għoti tat-tieni, it-tielet jew eżemplar ieħor.

208. Dak li jirrifjuta li jagħti t-tieni, it-tielet, jew eżemplar ieħor, meta tkun ġiet mitluba lilu skont l-artikolu 206, iwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet.

FUQ IL-ĦLAS GĦALL-UNUR TAL-FIRMA JEW B'INTERVENT

Ħlas għall-unur.

209. Meta kambjala tiġi ipprotestata għal nuqqas ta' ħlas, kull min irid jista' jindaħal u jħallasha taħt protest għall-unur tat-traent jew ta' wieħed mill-ġiranti.

Kif għandu jirriżulta.

210. Il-ħlas għall-unur għandu jiġi msemmi fl-att tal-protest jew f'att ieħor wara bħala żieda miegħu jew imdaħħal fih.

Jeddijiet u dmirijiet ta' min iħallas għall-unur.

211. (1) Dak li jħallas kambjala b'intervent jidħol fil-jeddijiet tal-pussessur, u fid-dmirijiet tiegħu dwar il-formalitajiet li għandhom jiġu mħarsa.

(2) Barra minn dan, hu għandu jagħti minnufih avviż tal-ħlas lil dak li għall-unur tiegħu jkun indaħal, taħt piena tad-danni u imgħaxijiet.

Ħelsien tal-ġiranti.

212. (1) Jekk il-ħlas b'intervent isir għall-unur tat-traent, il-ġiranti kollha jiġu meħlusa.

(2) Jekk il-ħlas isir għall-unur ta' ġirant partikolari, il-ġiranti kollha ta' warajh jiġu meħlusa.

Meta żewġ persuni jew iżjed joffru li jħallsu b'intervent.

213. Jekk żewġ persuni jew iżjed joffru li jħallsu kambjala b'intervent, igħoddu r-regoli dwar l-aċċettazzjoni b'intervent.

Il-preferenza tingħata lit-trattarju.

214. Iżda, jekk dak li fuqu fil-bidu tkun inġibdet il-kambjala, u li kontra tiegħu jkun sar il-protest għal nuqqas ta' aċċettazzjoni, ikun irid iħallas il-kambjala meta tagħlaq, hu għandu preferenza fuq dawk kollha li jkunu jridu jħallsuha b'intervent.

Jedd tal-aċċettant b'intervent meta l-kambjala tiġi mħallsa minn ħaddieħor.

215. L-aċċettant b'intervent, illi ma jħallasx il-kambjala minħabba li tiġi mħallsa mit-trattarju jew minn ħaddieħor, għandu jedd jitlob mingħand dak li ħallas il-kambjala l-ispejjeż li jkun għamel u kummissjoni ta' terz fil-mija.

Meta dak li jħallas għall-unur jitlef il-jedd ta' regress.

216. Dak li jħallas kambjala għall-unur, meta persuna oħra, li kellha preferenza fuqu, kienet offriet li tħallas il-kambjala, ma jistax idur kontra dawk il-ġiranti illi kienu jiġu meħlusa minn kull obbligu li kieku ħalset dik il-persuna l-oħra.

Il-kambjala u l-protest għandhom jiġu ikkunsinnati lil min iħallas għall-unur.

217. Dak li jħallas għall-unur għandu jedd għall-kunsinna lilu tal-kambjala nfisha u tal-protest għal nuqqas ta' ħlas, u huwa obbligat għar-rimborż tal-ispejjeż tal-protest.

FUQ IL-JEDDIJIET U D-DMIRIJIET TAL-PUSSESSUR

Il-pussessur għandu jippreżenta l-kambjala għall-ħlas jew għall-aċċettazzjoni.

218. Il-pussessur ta' kambjala li għandha titħallas f'Malta *"a vista"*, jew f'ċertu żmien "*vista*", jew skont l-użu, hu obbligat jippreżenta l-kambjala għall-ħlas jew għall-aċċettazzjoni, fiż-żminijiet imsemmijin fl-artikolu ta' wara dan, li jibdew igħoddu mid-data tal-kambjala, taħt piena li jitlef il-jedd tiegħu ta' regress kontra l-ġiranti, u wkoll kontra t-traent jekk dan ikun għamel il-provvista tal-fondi għall-ħlas tal-kambjala.

Żmien li fih għandha ssir il-preżentata.

219. Iż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan huma:

(*a*) sitt xhur, jekk il-kambjala hija miġbuda minn lok fl-Ewropa, fl-Asja Minuri, fis-Sirja, fl-Eġittu, fi Tripli, f'Tuneż, fl-Alġerija jew fil-Marokk;

(*b*) sena, jekk il-kambjala hija miġbuda minn kull lok ieħor;

(*ċ*) xahar jekk il-kambjala hija miġbuda u għandha titħallas f'Malta:

Iżda, fi żmien ta' gwerra fuq il-baħar, iż-żminijiet imsemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*) jiġu irduppjati.

Kambjala li għandha titħallas barra minn Malta.

220. L-istess telf ta' jedd imsemmi fl-artikolu 218 ibati l-pussessur ta' kambjala miġbuda f'Malta, u li għandha titħallas "*a vista*", jew f'ċertu żmien "*vista*", jew skont l-użu, f'wieħed jew ieħor mill-pajjiżi msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, jekk il-pussessur ma jippreżentahiex għall-ħlas jew għall-aċċettazzjoni fiż-żminijiet imsemmijin f'dak l-artikolu.

Xi kambjali jistgħu ma jiġux ippreżentati għall-aċċettazzjoni.

221. Il-pussessur ta' kambjala miġbuda għal ċertu żmien jew jum determinat, jew għal ċertu żmien mid-data, mhux obbligat jippreżenta l-kambjala għall-aċċettazzjoni, iżda jekk jagħżel li jippreżentaha għandu jipprotestaha jekk ma tiġix aċċettata.

Meta t-traent jew il-ġiranti jagħtu ordnijiet xort' oħra.

222. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 218, 220 u 221 ma jgħoddux għat-traent u għall-ġiranti li jkunu taw b'mod li jiswa ordnijiet xort' oħra.

Il-preżentata għall-ħlas għandha ssir fl-iskadenza.

223. Il-pussessur ta' kambjala għandu jippreżentaha għall-ħlas dak in-nhar li tagħlaq.

Fejn għandhom isiru l-preżentata, il-protest, eċċ.

224. Il-preżentata ta' kambjala għall-aċċettazzjoni jew għall-ħlas, il-protest, it-talba għal eżemplar ta' kambjala, kif ukoll l-atti l-oħra kollha kontra persuna partikolari dwar il-kambjala, għandhom isiru fil-lok tal-kummerċ ta' din il-persuna inkella ta' fejn toqgħod bid-dar.

L-aċċettazzjoni ma tistax tintalab nhar ta' Ħadd, eċċ. *Emendat: V.1904.9.*

225. (1) Il-pussessur ta' kambjala ma jistax jitlob l-aċċettazzjoni tagħha, jew il-kunsinna ta' eżemplar, jew l-esekuzzjoni ta' att ieħor dwarha, ħlief f'ġurnata li mhix ġurnata ta' vakanza pubblika.

(2) Jekk l-aħħar ġurnata li fiha għandha tintalab l-esekuzzjoni ta' xi wieħed minn dawn l-atti tkun ġurnata ta' nhar ta' Ħadd, jew ta' festa kmandata oħra, jew ta' nhar il-Ġimgħa l-Kbira, jew ġurnata oħra ta' vakanza pubblika, it-talba għall-esekuzzjoni għandha ssir fil-ġurnata ta' wara li mhix ġurnata ta' vakanza pubblika.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għall-protest.

Meta għandu jsir il-protest.

226. (1) Il-protest għal nuqqas ta' aċċettazzjoni għandu jsir fil-ġurnata ta' wara dik li fiha l-kambjala tiġi ippreżentata għall-aċċettazzjoni.

(2) Il-protest għal nuqqas ta' ħlas għandu jsir fil-ġurnata ta' wara dik li fiha l-kambjala tagħlaq.

Il-protest għal nuqqas ta' aċċettazzjoni, eċċ., ma jeħlisx lill-pussessur mill-protest għal nuqqas ta' ħlas.

227. (1) Il-protest għal nuqqas ta' aċċettazzjoni, jew il-mewt jew il-falliment ta' dak li fuqu l-kambjala tkun miġbuda, ma jeħilsux lill-pussessur mill-protest tal-kambjala għal nuqqas ta ħlas.

(2) Jekk l-aċċettant ifalli qabel ma tagħlaq il-kambjala, il-pussessur jista' jipprotesta l-kambjala u jdur kontra min imiss.

Il-pussessur għandu jitlob l-aċċettazzjoni mill-persuna msemmija fuq il-kambjala jekk it-trattarju jirrifjuta li jaċċettaha.

228. Jekk fil-kambjala jkun hemm imsemmija l-persuna għall-aċċettazzjoni jew għall-ħlas b'intervent, u t-trattarju jirrifjuta li jaċċettaha, il-pussessur għandu, wara li jipprotesta l-kambjala kontra t-trattarju, jippreżentaha għall-aċċettazzjoni lill-persuna msemmija fiha.

Il-pussessur għandu jitlob il-ħlas mingħand l-aċċettant għall-unur, eċċ., jekk it-trattarju jirrifjuta li jħallas il-kambjala.

229. Jekk il-persuna li fuqha l-kambjala tkun miġbuda tirrifjuta li tħallasha, il-pussessur għandu, wara li jipprotesta l-kambjala kontra tagħha, jippreżentaha għall-ħlas lill-aċċettant għall-unur, u, f'każ ta' rifjut ta' dan tal-aħħar, lil kull persuna oħra msemmija fil-kambjala għall-aċċettazzjoni jew għall-ħlas tagħha fil-każ ta' bżonn.

Ir-rifjut tal-aċċettant għall-unur, eċċ., għandu jiġi mniżżel fil-protest jew wara.

230. Ir-rifjut, sew tal-aċċettazzjoni kemm tal-ħlas, minn waħda mill-persuni msemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, għandu jiġi msemmi fl-att tal-protest kontra t-trattarju jew wara dak il-protest.

Il-pussessur ma jistax jirrifjuta l-aċċettazzjoni jew il-ħlas għall-unur tal-firma.

231. (1) Il-pussessur ta' kambjala ipprotestata għal nuqqas ta' aċċettazzjoni jew ta' ħlas, ma jistax jirrifjuta l-aċċettazzjoni jew il-ħlas li wieħed joffri li jagħmel b'intervent għall-unur tal-firma tat-traent jew ta' xi wieħed mill-ġiranti.

(2) Iżda, b'din l-aċċettazzjoni għall-unur tal-firma, ma jispiċċax għall-pussessur il-jedd għall-garanzija msemmija fl-artikolu 154.

X'jiswew il-kelmiet "mingħajr protest ".

232. It-talba jew l-ordni li jkun hemm fil-kambjala sabiex din titraġġa lura mingħajr protest (*retour sans protêt*), teħles lill-pussessur mill-obbligu li jipprotesta l-kambjala, iżda ma teħilsux mill-obbligu li jippreżenta l-kambjala fiż-żmien li jmiss.

Avviż ta' nuqqas ta' aċċettazzjoni jew ta' ħlas.

233. (1) Il-pussessur ta' kambjala ipprotestata għal nuqqas ta' aċċettazzjoni jew ta' ħlas għandu, mingħajr dewmien, jagħti avviż bil-miktub ta' dak in-nuqqas lill-ġirant li jiġi minnufih qablu.

(2) Kull ġirant, meta jirċievi dan l-avviż, għandu, mingħajr dewmien, jinnotifikah lill-ġirant li jiġi minnufih qablu.

(3) L-avviż imsemmi f'dan l-artikolu għandu jkollu miegħu l-protest.

Meta fil-ġîra ma jkunx hemm l-indirizz tal-ġirant.

234. Jekk ġirant idawwar il-kambjala lil ħaddieħor mingħajr ma jniżżel l-indirizz tiegħu, l-avviż tan-nuqqas tal-aċċettazzjoni jew tal-ħlas għandu jingħata lill-ġirant li jiġi minnufih qablu.

Meta l-pussessur jitlef il-jedd ta' regress.

235. Il-pussessur ta' kambjala ma jistax, għal nuqqas ta' ħlas, idur kontra t-traent jew kontra l-ġiranti -

(*a*) jekk il-kambjala ma tkunx ġiet ippreżentata għall-aċċettazzjoni, meta hu meħtieġ, jew għall-ħlas, lit-trattarju jew lill-persuni msemmijin fl-artikoli 228 u 229;

(*b*) jekk il-pussessur jirrifjuta l-aċċettazzjoni jew il-ħlas mingħand wieħed li ried jindaħal għall-unur tal-firma tat-traent jew ta' xi wieħed mill-ġiranti.

Każijiet oħra li fihom il-pussessur jitlef il-jedd ta' regress.

236. Il-pussessur lanqas ma jkollu jedd idur kontra l-ġiranti jew kontra t-traent li jkun għamel il-provvista tal-fondi f'idejn it-trattarju jew f'idejn il-persuni msemmijin fl-artikoli 228 u 229, jekk hu jkun naqas jagħmel dak li hu meħtieġ skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 226, 230 u 233.

Kif jista' jiġi eżerċitat il-jedd ta' regress.

237. Il-pussessur ta' kambjala ipprotestata għal nuqqas ta' ħlas għandu jedd idur kontra l-obbligati kollha flimkien, jew kontra wieħed biss jew kontra xi wħud minnhom, mingħajr ma jitlef il-jedd tiegħu rigward dawk li kontra tagħhom ma jkunx aġixxa, u huwa mhux obbligat jimxi skont l-ordni tal-ġîri.

Żmien li fih għandu jiġi eżerċitat il-jedd ta' regress kontra l-ġiranti u t-traenti li joqogħdu f'Malta.

238. Il-jedd ta' regress kontra l-ġiranti u t-traenti li jkunu joqogħdu f'Malta, għal kambjali, ipprotestati għal nuqqas ta' ħlas, miġbuda f'Malta u li għandhom jitħallsu band'oħra, għandu jiġi eżerċitat fiż-żmien -

(*a*) ta' tnax-il xahar, jekk il-kambjala kellha titħallas f'lok fl-Ewropa, fl-Asja Minuri, fis-Sirja, fl-Eġittu, fi Tripli, f'Tuneż, fl-Alġerija jew fil-Marokk;

(*b*) ta' tmintax-il xahar, jekk il-kambjala kellha titħallas f'kull pajjiż ieħor:

Iżda dawn iż-żminijiet jiġu iruppjati fi żmien ta' gwerra fuq il-baħar.

Meta jibda jgħaddi ż-żmien.

239. Iż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jibdew igħoddu -

(*a*) għall-pussessur tal-kambjala, minn dak in-nhar tal-protest għal nuqqas ta' ħlas;

(*b*) għal kull wieħed mill-ġiranti minn dak in-nhar li jkun ġie mitlub lilu l-ħlas, jekk iħallas volontarjament, jew, jekk le, minn dak in-nhar li tiġi magħmula kontra tiegħu t-talba ġudizzjarja għall-ħlas.

Telf tal-jedd ta' regress bl-egħluq taż-żmien.

240. Wara li jagħlqu ż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-pussessur u l-ġiranti tal-kambjala jitilfu l-jedd ta' regress.

Falliment ta' waħda jew iżjed mill-persuni obbligati fil-kambjala.

241. (1) F'każ ta' falliment ta' waħda jew iżjed mill-persuni obbligati fil-kambjala ipprotestata, il-pussessur tagħha jista' jġib 'il quddiem it-talba tiegħu għall-ħlas kollu ta' dak li jkollu jieħu kontra l-massa ta' kull wieħed mill-falluti.

(2) Meta jitqassam u jittieħed sehem mill-massa ta' wieħed mill-falluti, il-persuni obbligati fil-kambjala, li ma jkunux falluti, kif ukoll il-massi tal-falluti l-oħra, jiġu meħlusa biss sas-somma tas-sehem li jkun hekk ittieħed.

Meta l-pussessur jaċċetta akkordju volontarju.

242. (1) Iżda, jekk il-pussessur tal-kambjala jagħmel akkordju volontarju mat-traent jew ma' l-aċċettant, huwa jitlef il-jedd ta' regress kontra l-ġiranti kollha.

(2) Jekk l-akkordju jsir ma' wieħed mill-ġiranti, il-pussessur jitlef il-jedd ta' regress kontra l-ġiranti kollha ta' wara iżda jżomm il-jeddijiet tiegħu kontra l-aċċettant. Huwa jżomm ukoll il-jeddijiet tiegħu kontra l-ġiranti ta' qabel u kontra t-traent, jekk dawn il-ġiranti jew it-traent ma jippruvawx li batew ħsara b'dak l-akkordju, u kemm-il darba l-pussessur ikun żamm espressament il-jeddijiet tiegħu kontra tagħhom.

(3) Jekk l-akkordju jiġi magħmul mat-traent, l-aċċettant, jekk ma tkunx ġiet lilu magħmula l-provvista tal-fondi, jibqa' meħlus minn kull obbligazzjoni.

(4) Jekk, fl-aħħarnett, l-akkordju jkun ġie magħmul volontarjament ma l-aċċettant, u dan kellu l-provvista ta' fondi, il-pussessur jitlef il-jedd ta' regress kontra t-traent.

Meta l-jedd ta' regress jerġa' jibda jseħħ.

243. Il-jedd ta' regress jerġa' jibda jseħħ favur il-pussessur kontra t-traent jew kontra dak fost il-ġiranti illi, wara li jagħlqu ż-żminijiet stabbiliti għall-protest, għall-avviż, u għall-eżerċizzju tal-jedd hawn fuq imsemmi, jirċievi b'akkont, jew b'kumpens, jew b'kull mod ieħor, il-fondi iddestinati għall-ħlas tal-kambjala.

Min iħallas għandu jedd għall-kunsinna lilu tal-kambjala.

244. Kull debitur ta' kambjala għandu jedd, meta jħallas l-ammont tagħha, flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż inċidentali, jitlob li l-kambjala tiġi ikkunsinnata lilu bis-saldu fuqha.

L-aċċettazzjoni u l-ġîri jiswew ukoll jekk il-firma tat-traent tkun falza.

245. L-aċċettazzjoni u l-ġîri, jekk huma veri, jibqgħu jiswew, għad li l-firma tat-traent tkun falza jew iffalsifikata.

Jekk il-kambjala jkun fiha aċċettazzjoni jew ġîra falza jew iffalsifikata.

246. Jekk kambjala jkun fiha aċċettazzjoni jew ġîra falza jew iffalsifikata, il-ġiranti kollha u t-traent, li l-firem tagħhom ikunu veri, jibqgħu obbligati f'dik il-kambjala.

FUQ IL-PROTEST

Il-protest għandu jsir b'nutar pubbliku.

247. Il-protesti għal nuqqas ta' aċċettazzjoni jew ta' ħlas għandhom isiru b'nutar pubbliku, illi għandu jmur fil-lok fejn il-persuna, li għandha taċċetta jew tħallas, ikollha l-kummerċ tagħha jew tkun toqgħod bid-dar, u jitlobha taċċetta l-kambjala jew tħallas l-ammont tagħha.

Forma tal-protest.

248. (1) L-att ta' protest għandu jkun fih kopja kelma b'kelma tal-kambjala, tal-aċċettazzjoni, jekk tkun ġà ġiet aċċettata, tal-ġîri, u tal-ordnijiet mogħtijin fiha, u għandu jkun fih ukoll -

(*a*) l-isem ta' dak li favur tiegħu jsir il-protest;

(*b*) t-talba biex jaċċetta jew biex iħallas, magħmula lil dak li kontra tiegħu jsir il-protest;

(*ċ*) il-fatt jekk dak li għandu jaċċetta jew iħallas kienx preżenti jew assenti;

(*d*) ir-raġuni tar-rifjut tal-aċċettazzjoni jew tal-ħlas;

(*e*) id-data li fiha t-talba ġiet magħmula jew tfittxet li tiġi magħmula iżda bla effett.

(2) Fil-każ ta' aċċettazzjoni jew ta' ħlas għall-unur tal-firma, fil-protest għandu jingħad minn min, għall-unur ta' min, u b'liema mod il-kambjala ġiet aċċettata jew imħallsa.

Meta n-nutar ma jirnexxilux isib il-persuna.

249. Meta n-nutar ma jirnexxilux isib lill-persuna li għandha taċċetta jew tħallas, jew ma jirnexxilux isir jaf jekk din il-persuna għandhiex lok tal-kummerċ tagħha, jew ma jirnexxilux isib fejn toqgħod bid-dar, hu għandu jfisser espressament fil-protest li t-tfittix tiegħu baqa' bla effett.

Għandu jsir protest wieħed biss ukoll meta t-talba ssir lil diversi persuni.

250. Meta t-talba għall-aċċettazzjoni jew għall-ħlas għandha ssir lil żewġ persuni jew iżjed, hu biżżejjed li jiġi magħmul att ta' protest wieħed dwar dik it-talba.

251. Ebda att ieħor mill-pussessur tal-kambjala ma jista' jiswa minflok l-att tal-protest, minbarra l-każijiet imsemmjin fl-artikoli 199, 200, 201 u 202 dwar it-telf tal-kambjali. In-nuqqas ta' protest ma jistax jissewwa b'mezz ieħor.

FUQ IR-RIKAMBJU

252. Ir-rikambju jsir bil-mezz ta' rivalsa. Kif isir.

253. Ir-rivalsa hija kambjala ġdida miġbuda mill-pussessur biex jitħallas mingħand it-traent jew mingħand wieħed mill-ġiranti, tal-kreditu tiegħu bħala pussessur għall-kambjala ipprotestata, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256. Tifsir ta' rivalsa.

254. Ir-rikambju hu irregolat skont kif ikun sejjer il-kambju tal-lok fejn tinġibed ir-rivalsa fuq il-lok fejn isir ir-rimborż. Kif hu irregolat ir-rikambju.

255. Ir-rivalsa għandu jkollha magħha kont imsejjah "kont ta' ritorn". Kont ta' ritorn.

256. (1) Dan il-kont għandu jikkomprendi - X'għandu jkun fih il-kont.

(*a*) l-ammont tal-kambjala ipprotestata;

(*b*) l-ispejjeż tal-protest, u spejjeż leġittimi oħra, bħal dawk ta' kummissjoni, ta' senserija u ta' postaġġ;

(*ċ*) l-isem ta' dak li fuqu tiġi miġbuda r-rivalsa, u r-rata tal-kambju li bih ġiet innegozjata, iċċertifikat minn sensal jew minn żewġ kummerċjanti.

(2) Il-kont hawn fuq imsemmi għandu jkollu miegħu l-kambjala ipprotestata u l-protest.

257. Meta ma jkunx hemm kwotazzjoni ta' kambju bejn il-lok fejn issir ir-rivalsa u l-lok li fuqu tiġi miġbuda, ir-rikambju jinqies skont kif ikun sejjer il-kambju fl-eqreb lok għal dak li fuqu tiġi miġbuda r-rivalsa. Meta m'hemmx kwotazzjoni ta' kambju bejn il-lok fejn issir ir-rivalsa u dak li fuqu tiġi miġbuda.

258. L-imgħax fuq l-ammont tal-kambjala ipprotestata għal nuqqas ta' ħlas, fuq l-ispejjeż tal-protest, u fuq kull spiża leġittima oħra, jibda għaddej minn dak in-nhar tal-protest. Imgħaxijiet.

259. Ebda ħlas ma jista' jintalab fuq rivalsa kemm-il darba l-kont ta' ritorn ma jkollux miegħu ċ-ċertifikat meħtieġ fl-artikolu 256. Ma jistax jintalab ħlas fuq rivalsa fin-nuqqas taċ-ċertifikat.

Sub-titolu II

FUQ IL-BILJETTI NEGOZZJABBLI JEW *PROMISSORY NOTES*, U MANDATI JEW *CHEQUES* FUQ BANKIERA JEW KAXXIERA

260. Id-dispożizzjonijiet li jgħoddu għall-kambjali u li jirrigwardaw il-ġîra, l-obbligazzjoni *in solidum*, l-avall, iż-żmien tal-iskadenza, il-ħlas, il-ħlas għall-unur, il-protest, id-dmirijiet u l-jeddijiet tal-pussessur, u r-rikambju, igħoddu għall-biljetti Dispożizzjonijiet dwar il-kambjali li jgħoddu għall-biljetti negozjabbli.

negozjabbli jew *promissory notes*.

X'għandu jkun fih biljett negozjabbli.

261. (1) Il-biljett negozjabbli jew *promissory note* għandu jkun fih id-data, is-somma li għandha titħallas, l-isem tal-persuna li favur tagħha jew għall-ordni tagħha huwa ffirmat, iż-żmien li fih għandu jsir il-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, b'akkont, jew xort'oħra.

(2) Il-biljett negozjabbli jew *promissory note* jista' jkun miġbud li jitħallas lill-purtatur.

Mandati jew *cheques*.

262. (1) Il-mandati jew *cheques* fuq bankiera jew kaxxiera għandu jkun fihom id-data, is-somma li għandha titħallas, u jistgħu jsiru li jitħallsu lill-persuna msemmija bl-isem, jew għall-ordni tagħha, jew għall-purtatur.

(2) Huma jitħallsu mal-preżentata tagħhom.

Konsegwenza meta tiddawwar il-preżentata taċ-*cheque*.

263. Jekk il-pussessur ta' *cheque* jonqos li jsarrfu fi żmien tlitt ijiem mid-data tiegħu, u, wara dan iż-żmien, il-bankier jew kaxxier jirrifjuta jħallsu, il-pussessur li jkun irċieva ċ-*cheque* mingħand terza persuna ma jistax idur kontra din il-persuna, u lanqas kontra l-persuna li tkun ġibdet iċ-*cheque* jekk din tipprova li kellha f'idejn il-bankier jew kaxxier fondi biżżejjed għall-ħlas ta' dak iċ-*cheque,* u li dawn il-fondi ma ġewx nieqsa bi ħtija tagħha.

Titolu VIII

FUQ IL-KUNTRATT TA' KONT KURRENT

X'inhu kont kurrent.

264. Il-kont kurrent hu kuntratt li bih żewġ persuni jiftiehmu li r-rimessi ta' xulxin jiġu mniżżlin f'kont bħala partiti ta' dejn u ta' kreditu, bl-obbligu tal-parti li kontra tagħha jinsab bilanċ meta jingħalaq il-kont li tħallas dak il-bilanċ.

Proprjetà tar-rimessi.

265. Kull rimessa li ssir b'esekuzzjoni ta' dan il-kuntratt titqies li għaddiet bi proprjetà assoluta minn dak li għamilha għal dak li rċeviha.

Partiti ta' dejn u ta' kreditu.

266. Il-partiti ta' dejn u ta' kreditu jitqiesu li huma żewġ ammonti indiviżibbli:

Iżda, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, jibqa' sħiħ kull jedd ta' azzjoni jew eċċezzjoni dwar l-atti u l-kuntratti li minnhom ikollha oriġini kull waħda mir-rimessi; u, jekk dawk l-atti jew kuntratti jiġu annullati, il-partiti li jkollhom x'jaqsmu magħhom jitneħħew mill-kont.

Jekk kreditu iggarantit igħaddi fil-kont kurrent.

267. (1) Il-parti li ddaħħal fil-kont kreditu iggarantit b'rahan jew b'ipoteka għandha jedd tinqeda b'dik il-garanzija għall-ħlas tal-bilanċ li jinsab favur tagħha.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għall-kreditu, imgħoddi f'kont kurrent, li jkun iggarantit bl-obbligazzjoni

ta' garanti jew ta' kondebitur.

Rimessi ta' krediti magħluqa.

268. (1) Ir-rimessi kollha ta' krediti magħluqa, tkun liema tkun l-oriġini tagħhom, jitqiesu mgħoddija f'kont kurrent taħt il-klawsola "suġġetta għall-inkass".

(2) Jekk dan id-dejn jibqa' mhux imħallas, min jirċievi r-rimessa jista' jagħżel jew li jħassar il-partita minn fuq il-kont inkella li jaġixxi kontra min għamel ir-rimessa għall-ħlas tad-dejn.

Mandat ta' sekwestru kontra l-kurrentista.

269. Il-kreditur ta' kurrentista jista' jitlob kontra d-debitur tiegħu mandat ta' sekwestru f'idejn il-kurrentista l-ieħor, iżda dan is-sekwestru jsir jiswa biss meta u jekk jinsab bilanċ finali favur dan id-debitur fl-egħluq tal-kont.

Id-debitur ma jistax igħarraq il-pożizzjoni tiegħu fil-kont kurrent.

270. (1) Id-debitur ma jistax, wara l-esekuzzjoni tas-sekwestru msemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, igħarraq il-kondizzjoni tal-kreditu tiegħu b'rimessi ġodda:

Iżda r-rimessi li jkollhom titolu minn jedd akkwistat mill-kurrentista l-ieħor qabel il-ħruġ tas-sekwestru, ma jitqisux li huma rimessi ġodda.

(2) Il-kurrentista sekwestratarju jista', wara l-esekuzzjoni tas-sekwestru, jitlob li jħoll il-kuntratt.

Il-kont jingħalaq kull sena.

271. Fin-nuqqas ta' ftehim xort'oħra, il-kont kurrent jingħalaq kull sena.

Effetti tal-mewt, inkapaċità jew falliment ta' kurrentista.

272. Il-mewt, jew l-inkapaċità jew il-falliment ta' kurrentista wara li jinfetaħ il-kont, ma jwaqqgħux il-kuntratt, jekk il-werriet, jew ir-rappreżentant, jew il-kurrentista l-ieħor, skont il-każ, ma jagħżlux li jħollu il-kuntratt bil-mezz ta' att ġudizzjarju għal dan l-effetti fi żmien tliet xhur minn dak in-nhar tal-mewt, tal-inkapaċità jew tal-falliment.

TAQSIMA II

FUQ IL-KUMMERĊ MARITTIMU U N-NAVIGAZZJONI

Titolu I

FUQ IL-KUNTRATT TA' NOLEĠĠ

Sub-titolu I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Kuntratt ta' noleġġ.

273. Il-kuntratt ta' noleġġ huwa ftehim għall-kiri ta' bastimenti.

Xorta ta' noleġġi.

274. In-noleġġ jista' jsir -

(*a*) għall-bastiment kollu jew għal biċċa minnu; għal vjaġġ wieħed jew iżjed;

(*b*) bil-kolletta, jiġifieri, meta l-kaptan jirċievi merkanzija separatament minn diversi persuni biex igħabbiha u jġorrha.

Meta l-kuntratt għandu jsir bil-miktub.

275. Jekk il-bastiment, noleġġat sew jekk kollu jew biċċa minnu, huwa ta' purtata ta' iżjed minn tletin tunnellata, il-kuntratt ma jiswiex jekk ma jsirx bil-miktub.

Regoli dwar iż-żmien tat-tagħbija u tal-ħatt, jekk ma jkunx hemm ftehim.

276. Jekk iż-żmien għat-tagħbija jew għall-ħatt ma jkunx stabbilit fil-ftehim, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:

(*a*) iż-żmien għat-tagħbija jew għall-ħatt f'Malta hu ta' tmint ijiem, meta l-bastiment hu ta' purtata ta' mitt tunnellata jew anqas; ta' tnax-il ġumata, meta l-bastiment hu ta' purtata ta' iżjed minn mitt tunnellata iżda mhux iżjed minn mitejn; ta' għoxrin ġurnata, meta l-bastiment hu ta' purtata ta' iżjed minn mitejn tunnellata. Dan iż-żmien jibda jgħodd minn meta l-kaptan jiddikjara li hu lest biex igħabbi jew iħott.

Il-ġranet imsemmijin f'dan l-artikolu huma ġranet tax-xogħol waħda wara l-oħra.

(*b*) F'postijiet barra minn Malta, iż-żmien għat-tagħbija jew għall-ħatt hu stabbilit mil-liġijiet u l-użu tal-lok tat-tagħbija jew tal-ħatt, u meta t-tagħbija jew il-ħatt għandhom isiru f'postijiet diversi, iż-żmien hu stabbilit mil-liġijiet u l-użu tal-lok fejn titgħabba jew titħatt l-aħħar biċċa tat-tagħbija.

Meta t-tagħbija jew il-ħatt għandħom isiru biċċa f'lok u l-bqija f'ieħor.

277. Jekk biċċa mit-tagħbija għandha titgħabha jew titħatt f'lok u l-bqija f'ieħor, iż-żmien meħud fit-traġitt minn lok għal ieħor ma jiġix magħdud fiż-żmien stabbilit għat-tagħbija jew għall-ħatt.

Meta n-noleġġant jagħmel dikjarazzjoni mhix vera dwar il-purtata tal-bastiment.

278. (1) Jekk in-noleġġant jiddikjara li l-bastiment hu ta' purtata akbar milli jkun, hu jbati tnaqqis proporzjonat tan-nol, u jwieġeb għad-danni u mgħaxijiet lejn in-noleġġatur.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux meta d-differenza bejn il-purtata iddikjarata u l-vera ma taqbiżx l-erbgħin parti tat-tunnellaġġ veru tal-bastiment.

Meta jista' jintalab il-ħlas tan-nol.

279. Il-ħlas tan-nol jista' jintalab minnufih wara l-kunsinna tat-tagħbija.

Minn meta n-nol jibda għaddej, meta l-bastiment hu noleġġat bix-xahar.

280. (1) Meta l-bastiment hu noleġġat bix-xahar, in-nol jibda għaddej mill-waqt li jinbeda l-vjaġġ.

(2) Il-vjaġġ jitqies mibdi hekk kif il-bastiment isiefer mil-lok min fejn beda jgħabbi, jew, jekk isiefer bla tagħbija mil-lok minn fejn ikun għabba s-saborra.

Ix-xerrej, eċċ., għandu joqgħod għan-noleġġ ġà miftiehem mal-bejiegħ, eċċ.

281. lx-xerrej ta' bastiment jew suċċessur ieħor hu marbut bil-kuntratt ta' noleġġ magħmul mill-bejjiegħ jew pussessur ieħor ta' qablu tal-bastiment.

Sub-titolu II

FUQ IL-JEDDIJIET U L-OBBLIGI TAN-NOLEĠĠANT U TAN-NOLEĠĠATUR

Meta n-noleġġatur ma jgħabbi ebda biċċa mill-merkanzija.

282. Jekk in-noleġġatur ma jgħabbi ebda biċċa mill-merkanzija fiż-żmien miftiehem fil-kuntratt jew stabbilit mil-liġi, in-noleġġant jista' jagħżel illi -

(*a*) jew jitlob l-indennizz miftiehem fil-kuntratt, inkella, jekk dan l-indennizz ma jkunx ġie miftiehem, indennizz bi stima ta' periti; jew

(*b*) iħoll il-kuntratt, u jitlob mingħand in-noleġġatur in-nofs tan-nol; jew

(*ċ*) wara jumejn min-notifika ta' protest, jitlaq għall-vjaġġ mingħajr tagħbija, u, meta jispiċċa l-vjaġġ, jitlob mingħand in-noleġġatur il-ħlas tan-nol kollu, flimkien ma' l-ammont tal-kontrastallija, jekk ikun il-każ, u ma' l-ispejjeż tal-protest u ta' atti oħra li n-noleġġant kellu jagħmel.

Meta n-noleġġatur igħabbi biċċa biss mit-tagħbija.

283. Jekk fiż-żmien hawn fuq imsemmi n-noleġġatur ikun għabba biss biċċa mit-tagħbija, in-noleġġant jista' jagħżel illi-

(*a*) jew jitlob l-indennizz imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan; jew

(*b*) wara jumejn min-notifika ta' protest, jitlaq għall-vjaġġ bil-biċċa tat-tagħbija hekk imgħobbija, u jitlob in-nol, il-kontrastalliji, u l-ispejjeż, kif jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan.

Kontribuzzjoni għall-avarija ġenerali meta noleġġatur ma jgħabbix il-merkanzija, jew igħabbi biss biċċa minnha.

284. Jekk matul il-vjaġġ il-bastiment, li jkun siefer mingħajr tagħbija, jew b'biċċa biss mit-tagħbija ibati avarija li, kieku l-bastiment kellu tagħbija sħiħa, kienet tagħti lok għal avarija ġenerali, in-noleġġant jista' jitlob mingħand in-noleġġatur kontribuzzjoni fuq il-proporzjon ta' żewġ terzi tal-merkanzija li dan ma kienx għabba.

Jekk in-noleġġatur jirrinunzja għall-kuntratt.

285. Jekk in-noleġġatur ma jgħabbi ebda biċċa mit-tagħbija, u jirrinunzja għall-kuntratt qabel ma jibdew il-ġranet tal-kontrastalliji, hu għandu jħallas lin-noleġġant in-nofs tan-nol.

In-noleġġant jista' jgħabbi merkanzija oħra flok dik li ma tgħabbietx min-noleġġatur.

286. (1) Meta n-noleġġant għandu jedd jitlaq mingħajr tagħbija, jew b'biċċa biss mit-tagħbija, hu jista', biex jiżgura n-nol u l-kontribuzzjoni fil-każ ta' avarija ġenerali, igħabbi merkanzija oħra, ukoll mingħajr il-kunsens tan-noleġġatur.

(2) F'dan il-każ in-noleġġatur oriġinali għandu jedd għall-utli ta' dak in-nol, u jiġi meħlus mill-kontribuzzjoni għall-avarija ġenerali li tkun ġiet imħallsa minn dik il-merkanzija l-oħra.

Meta n-noleġġatur igħabbi izjed mill-miftiehem.

287. Jekk in-noleġġatur igħabbi iżjed milli jkun ġie miftiehem, hu għandu jħallas in-nol fuq iż-żejjed bir-rata stabbilita għall-kwantità miftiehma.

Responsabbiltà tan-noleġġant f'każ ta'dewmien.

288. Jekk il-bastiment ma jkunx lest, u ma jkunx fi stat li jgħabbi l-merkanzija fiż-żmien miftiehem, in-noleġġant iwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet lejn in-noleġġatur.

Meta l-bastiment hu noleġġat bil-kolletta.

289. Meta bastiment hu noleġġat bil-kolletta, il-kaptan għandu jsiefer ma' l-ewwel riħ jew ma' l-ewwel okkażjoni tajba wara li jagħlaq iż-żmien li fiħ kien miftiehem li l-bastiment għandu jibqa' taħt tagħbija, jekk bi ftehim mal-karigaturi dan iż-żmien ma jiġix imġedded.

Jeddijiet ta' karigaturi f'kuntratt ta' tagħbija bil-kolletta.

290. (1) Meta f'kuntratt ta' tagħbija bil-kolletta l-ġurnata tat-tluq ma tkunx ġiet miftiehma, kull wieħed mill-karigaturi jista' jieħu lura l-merkanzija tiegħu mingħajr ma jħallas in-nol, billi jagħti lura l-poloz ta' kargu iffirmati mill-kaptan, jew billi jagħti garanzija għal dawk il-poloz li jkunu ġà nbagħtu, u billi jħallas l-ispejjeż kollha tat-tagħbija u tal-ħatt ta' dik il-merkanzija.

(2) Iżda, jekk, f'kull każ bħal dan, il-bastiment ikollu ġà abbord iżjed min-nofs it-tagħbija, il-kaptan għandu jsiefer ma' l-ewwel riħ jew ma' l-ewwel okkażjoni tajba, jekk jiġi hekk imġiegħel bi protest mill-karigaturi li lkoll flimkien ikollhom il-biċċa l-kbira tat-tagħbija, u għandu jsiefer mhux iżjed tard minn tmint ijiem minn dak in-nhar tan-notifika ta' dak il-protest; f'dan il-każ, ebda wieħed mill-karigaturi ma jista' jieħu lura l-merkanzija tiegħu.

Meta l-bastiment jiġi arrestat bi ħtija tan-noleġġatur, eċċ.

291. Jekk bastiment jiġi arrestat fil-waqt tat-tluq, jew matul il-vjaġġ, jew fil-lok tal-ħatt, b'att jew bi traskuraġni tan-noleġġatur jew ta' wieħed mill-karigaturi, dan in-noleġġatur jew karigatur għandu jħallas lin-noleġġant u lill-karigaturi l-oħra d-danni kollha u l-imgħaxijiet.

Meta l-bastiment jiġi miżmum jew jiddewwem bi ħtija tan-noleġġant.

292. In-noleġġant iwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet lejn in-noleġġatur, jekk, b'att jew bi traskuragni tan-noleġġant, il-bastiment jiġi miżmum jew jiddewwem fit-tluq, jew matul il-vjaġġ, jew fil-lok tal-ħatt.

Jekk in-noleġġatur igħabbi merkanzija ipprojbita, eċċ.

293. Jekk, bil-moħbi jew mingħajr il-kunsens tan-noleġġant jew tal-kaptan, in-noleġġatur jew il-karigatur igħabbi merkanzija li tagħha hija ipprojbita l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, jew, b'xi att ieħor kontra l-liġi, fil-waqt tat-tagħbija jew tal-ħatt, jagħmel ħsara lill-bastiment jew lil interessati oħra, huwa fl-obbligu li jħallas id-danni, u, ukoll jekk il-merkanzija tiġi ikkonfiskata, li jħallas in-nol kollu, u li jikkontribwixxi għall-avarija ġenerali, jekk ikun hemm.

Jekk il-bastiment ikollu bżonn ta' tiswija.

294. (1) Jekk il-kaptan ikun kostrett matul il-vjaġġ li jagħmel tiswijiet fil-bastiment, in-noleġġatur jew il-karigatur għandu jistenna li l-bastiment jissewwa, jekk ma jagħżilx li jieħu lura l-merkanzija, iżda, f'dan il-każ, għandu jħallas in-nol kollu u jikkontribwixxi għall-avarija ġenerali, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 324.

(2) Jekk il-bastiment ikun noleġġat bix-xahar, in-nol jibqa' għaddej fiż-żmien li l-bastiment ikun jissewwa, iżda jekk ikun noleġġat bil-vjaġġ, ma jkun hemm jedd għal ebda żieda fin-nol.

(3) Jekk il-bastiment ma jkunx jista' jissewwa, il-kaptan għandu jinnoleġġa bastiment ieħor jew bastimenti oħra biex iġorru

l-merkanzija għal-lok tad-destinazzjoni.

(4) Jekk il-kaptan ma jsibx jinnoleġġa dan il-bastiment jew bastimenti oħra fil-lok stess jew f'lok fil-qrib, in-nol għandu jitħallas fil-proporzjon tal-parti tal-vjaġġ li tkun saret.

(5) Fil-każ imsemmi fis-subartikolu (4), id-dmir tal-ġarr tal-merkanzija jaqa' fuq kull wieħed mill-karigaturi, iżda n-noleġġant jibqa' obbligat mhux biss li jgħarrafhom bis-sitwazzjoni tiegħu, iżda li jagħmel ukoll f'dan iż-żmien dak kollu li hu meħtieġ għall-konservazzjoni tat-tagħbija.

Jekk il-bastiment ma kienx tajjeb għall-baħar meta siefer.

295. In-noleġġant jitlef in-nol u jwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet lejn in-noleġġatur, jekk dan jipprova li l-bastiment ma kienx tajjeb għall-baħar meta siefer.

Meta n-noleġġatur jista' jieħu lura l-merkanzija matul il-vjaġġ.

296. In-noleġġatur jista' matul il-vjaġġ jieħu lura l-merkanzija kollha, jew biċċa minnha, basta li ebda ħsara jew dewmien ma jiġu b'daqshekk ikkaġunati lin-noleġġaturi l-oħra, u li jħallas lill-kaptan in-nol kollu tal-merkanzija li jieħu lura, kif ukoll is-sehem li jmissu għall-avarija ġenerali jew indennizz ieħor, jekk ikun hemm lok, skont iċ-ċirkostanzi, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 324.

Jekk it-tagħbija ma tkunx tista' tibqa' tinġarr.

297. Jekk, matul il-vjagġ, it-tagħbija, minħabba xi aċċident tal-baħar, issir li ma tkunx tista' aktar tinġarr bil-baħar, in-noleġġatur jista' jeħodha lura billi jħallas in-nol fil-proporzjon tal-parti tal-vjaġġ li tkun saret; iżda, jekk it-tagħbija ma tkunx tista' hekk tissokta tinġarr bil-baħar minħabba difett fiha nfisha, in-noleġġatur, jekk jeħodha lura, għandu jħallas in-nol kollu.

Nol tal-merkanzija mibjugħa matul il-vjaġġ.

298. In-nol tal-merkanzija li l-kaptan ikun kostrett ibiegħ matul il-vjaġġ biex isewwi l-bastiment, jew biex jixtri qlugħ, ħbula jew armar ieħor, jew proviżjonijiet, għandu jitħallas kollu, jekk il-bastiment jasal salv fil-port, jew fil-proporzjon tal-parti tal-vjaġġ li tkun saret, jekk il-bastiment jegħreq.

Nol tal-merkanzija mitfugħa l-baħar.

299. In-nol tal-merkanzija mitfugħa l-baħar għas-salvazzjoni komuni, jitħallas b'kontribuzzjoni bħala avarija ġenerali.

Ma jitħallasx nol għall-merkanzija li tintilef bil-għarqa tal-bastiment, eċċ.

300. Ma jitħallas ebda nol għall-merkanzija li tintilef minħabba li l-bastiment jegħreq, jew imur l-art, jew minħabba forza maġġuri oħra, u n-noleġġant għandu jrodd in-nol li jkun tħallas lilu bil-quddiem.

In-nol għandu jitħallas jekk il-merkanzija tiġi salvata.

301. (1) Jekk il-merkanzija tiġi salvata mill-għarqa jew diżastru ieħor, in-nol għandu jitħallas lin-noleġġant sal-lok tad-diżastru.

(2) Għandu jitħallas in-nol kollu jekk il-merkanzija titwassal sal-lok tad-destinazzjoni.

Ma jitħallasx jekk tiġi salvata mingħajr il-għajnuna tal-kaptan.

302. Ma għandu jitħallas ebda nol għal dik il-merkanzija li tkun parti mit-tagħbija, li tiġi salvata fil-baħar jew fuq xatt il-baħar, mingħajr il-għajnuna tal-kaptan.

Ħatt tat-tagħbija.

303. Wara li jgħaddi ż-żmien miftiehem fil-kuntratt, jew stabbilit mil-liġi għall-ħatt, in-noleġġant jew il-kaptan jista' jġiegħel lin-noleġġatur, jew lill-persuna li lilha tkun mibgħuta t-

tagħbija, biex jibda jħott it-tagħbija minn fuq il-bastiment, u biex iħallas in-nol u l-avarija.

Meta n-noleġġant jew il-kaptan jista' jħott u jiddepożita l-merkanzija.

304. Jekk, wara li jgħaddu l-granet tal-istallija, tinqala' kwistjoni dwar il-ħatt tal-merkanzija, in-noleġġant jew il-kaptan jista' jħott il-merkanzija, u jqegħdha b'depożitu f'idejn terza persuna, bla ħsara tal-jedd tiegħu fuq dik il-merkanzija.

Il-kaptan ma jistax iżomm il-merkanzija abbord.

305. (1) In-noleġġant jew il-kaptan ma jistax iżomm il-merkanzija fuq il-bastiment minħabba li ma jkunx tħallas in-nol, l-avarija ġenerali, u spejjeż oħra.

(2) Iżda, in-noleġġant jew il-kaptan jista' jqiegħed il-merkanzija b'depożitu f'idejn terza persuna sakemm isir il-ħlas tassomma li jkollu jieħu, u jista', jekk il-merkanzija tkun ta' xorta li tista' titħassar, jitlob il-bejgħ tagħha.

(3) Jekk l-avarija ġenerali ma tkunx tista' tiġi illikwidata malajr, jista' jintalab id-depożitu ġuddizzjarju ta' somma li tiġi stabbilita mill-qorti.

Meta l-kaptan jitlef il-jedd tiegħu kontra n-noleġġatur jew il-karigatur.

306. Jekk il-kaptan iħott il-merkanzija mingħajr ma jieħu l-ħlas tan-nol, tal-avarija, jew ta' spejjeż oħra, jew mingħajr ma jieħu dawk il-prekawzjonijiet li għalihom ikollu jedd skont il-liġijiet tallok tal-ħatt, jitlef il-jedd tiegħu kontra n-noleġġatur jew il-karigatur, jekk dak in-noleġġatur jew karigatur jipprova li hu ħallas l-ammont tan-nol, tal-avarija u tal-ispejjeż lill-persuna li irċeviet il-merkanzija, jew li ma jistax, billi dik il-persuna tkun falliet, jieħu lura dak l-ammont.

Jekk il-kunsinnatarju jirrifjuta li jirċievi l-merkanzija.

307. Jekk il-kunsinnatarju jirrifjuta li jirċievi l-merkanzija, in-noleġġant jew il-kaptan jista' jitlob il-bejgħ ta' dik il-kwantità ta' merkanzija li tkun meħtieġa għall-ħlas tan-nol, avariji u spejjeż oħra, bla ħsara, li jista' jdur kontra n-noleġġaturi jew karigaturi jekk id-dħul mill-bejgħ ma jkunx biżżejjed.

Fil-privileġġ għan-nol jidħlu wkoll l-avariji u spejjeż oħra.
Kap. 16.

308. (1) Fil-privileġġ speċjali li, taħt id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (*ċ*) tal-artikolu 2009 tal-Kodiċi Ċivili, imiss lin-noleġġant jew lill-kaptan għall-ħlas tan-nol, jidħlu wkoll il-kontribuzzjonijiet għall-avariji u spejjeż oħra.

(2) Iżda, dan il-privileġġ, sew dwar in-nol kemm dwar l-avariji u spejjeż oħra, jispiċċa wara ħmistax-il ġurnata mill-kunsinna tal-merkanzija, għalkemm din il-merkanzija tkun għad ma għaddietx f'idejn terzi.

Meta l-merkanzija għandba tingħadd, eċċ.

309. Meta n-nol hu miftiehem fuq il-għadd, fuq il-kejl, jew fuq l-użin tal-merkanzija li għandha tinġarr, in-noleġġant għandu jedd jitlob li l-merkanzija tiġi magħduda, imkejla, jew miżuna waqt il-ħatt.

In-noleġġatur jew karigatur ma jistax jitlob tnaqqis tan-nol.

310. F'ebda każ in-noleġġatur jew il-karigatur ma jista' jitlob it-tnaqqis tan-nol.

Meta l-karigatur jista' jabbanduna l-merkanzija għan-nol.

311. Il-karigatur ma jistax jabbanduna għall-ħlas tan-nol il-merkanzija li tkun naqset fil-prezz jew li tkun tħassret b'difett tagħha nfisha jew b'aċċident. Iżda, jekk btieti ta' nbid, żejt, għasel, jew likwidi oħra jkunu hekk nixxew li jsiru vojta jew kważi, dawn

il-btieti jistgħu jiġu abbandunati għan-nol.

Sub-titolu III

FUQ KIF JINĦALLU L-KUNTRATTI TA' NOLEĠĠ

Meta l-kuntratt ta' noleġġ jinħall *ipso jure.*

312. (1) Il-kuntratt ta' noleġġ jinħall *ipso jure,* mingħajr ma l-partijiet jistgħu jitolbu nol jew indennizz, meta jinsab li hemm, qabel it-tluq tal-bastiment, xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(*a*) jekk it-tluq tal-bastiment ikun miżmum minn forza maġġuri;

(*b*) jekk l-esportazzjoni mil-lok tat-tluq tal-merkanzija kollha jew ta' parti mill-merkanzija li tkun imdaħħla fl-istess kuntratt ta' noleġġ, hija ipprojbita, jew jekk l-importazzjoni tagħha hija ipprojbita fil-lok tad-destinazzjoni;

(*ċ*) jekk il-kummerċ mal-pajjiż għal fejn hu iddestinat il-bastiment huwa ipprojbit.

(2) F'kull każ bħal dan l-ispejjeż tat-tagħbija u tal-ħatt jibqgħu fuq in-noleġġatur.

Meta tinqala' gwerra.

313. (1) Il-kuntratt ta' noleġġ jista' jinħall fuq talba ta' waħda mill-partijiet jekk, qabel il-bidu tal-vjaġġ, tinqala' gwerra, li minħabba fiha l-bastiment jew it-tagħbija, jew il-wieħed u l-oħra, ma jibqgħux jitqiesu bħala proprjetà newtrali.

(2) Jekk la l-bastiment u lanqas it-tagħbija ma jkunu liberi, in-noleġġant u n-noleġġatur ma jistgħux jitolbu kumpens wieħed mingħand l-ieħor, iżda n-noleġġatur ibati l-ispejjeż tat-tagħbija u tal-ħatt.

(3) Jekk it-tagħbija biss ma tkunx libera, in-noleġġatur għandu jħallas lin-noleġġant l-ispejjeż kollha meħtieġa biex ilesti l-bastiment għas-safar, għall-pagi u għall-manteniment tal-ekwipaġġ sa dak in-nhar li ssir it-talba għall-ħalla tal-kuntratt, jew, jekk il-merkanzija tkun ġà abbord, sa dak in-nhar tal-ħatt.

(4) Jekk il-bastiment biss ma jkunx liberu, l-ispejjeż kollha tat-tagħbija u tal-ħatt ibatihom in-noleġġant.

In-noleġġant iżomm sħiħ il-jedd tal-kontrastallija u avarija.

314. Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, in-noleġġant iżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu għall-ġranet ta' kontrastallija u għall-avarija ġenerali, jekk ikun hemm.

Jekk il-bastiment hu noleġġat għal iżjed minn post wieħed ta' destinazzjoni u tinqala' gwerra qabel it-tmiem tal-vjaġġ.

315. Jekk il-bastiment, noleġġat għal iżjed minn post wieħed ta' destinazzjoni, wara li jispiċċa vjaġġ wieħed, jinsab fil-port li minnu għandu jitlaq għal vjaġġ ieħor, u tinqala' gwerra qabel ma jitlaq għal dan il-vjaġġ l-ieħor, għandhom jitħarsu dawn ir-regoli li ġejjin:

(*a*) jekk la l-bastiment u lanqas it-tagħbija ma jkunu liberi-

il-bastiment għandu jibqa' fil-port sakemm issir il-paċi jew

sakemm ikun jista' jitlaq taħt skorta, jew b'mod ieħor żgur, jew sakemm jiġi mibgħut ordni ġdid lill-kaptan mis-sidien tal-bastiment u tat-tagħbija,

jekk il-bastiment ikun imgħobbi, il-kaptan jista' jiddepożita l-merkanzija f'maħżen jew f'lok ieħor żgur, sakemm il-vjaġġ jista' jissokta jew sakemm jittieħdu passi oħra,

il-pagi tal-baħrin u l-ispejjeż tal-manteniment tal-ekwipaġġ, il-kera tal-imħażen u kull spiża oħra ikkaġunata bid-dewmien jitbatew, bħala avarija ġenerali, min-noleġġatur u min-noleġġant,

jekk il-bastiment ma jkunx imgħobbi, in-noleġgatur ibati żewġ terzi tal-ispejjeż;

(*b*) jekk il-bastiment biss ma jkunx liberu -

il-kuntratt tal-vjaġġ miftiehem jiġi maħlul fuq talba tan-noleġġant,

jekk il-bastiment ikun imgħobbi, in-noleġġant jew il-kaptan għandu jħallas l-ispejjeż tat-tagħbija u tal-ħatt, u ma jistax jitlob ħlief in-nol fil-proporzjon tal-vjaġġi li jkunu ġà saru, tal-kontrastallija, u tal-avarija ġenerali;

(*ċ*) jekk it-tagħbija biss ma tkunx libera, u n-noleġġatur ma jagħmilx tagħbija xort'oħra, il-kaptan jista' jitlaq mingħajr tagħbija, u jispiċċa l-vjaġġ li għalih ikun telaq. F'dan il-każ, in-noleġġant jew il-kaptan, wara li jispiċċa l-vjaġġ, għandu jedd għan-nol kollu, u jgħoddu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 284 u 286:

Iżda n-noleġġant jew il-kaptan għandu, fl-assenza tan-noleġġatur, jagħmel ħiltu kif jiħtieġ sabiex ifittex tagħbija minn persuni oħra.

Jekk il-gwerra tinqala' qabel ma l-bastiment jasal jew meta jasal fil-post tat-tagħbija.

316. (1) Meta l-bastiment jiġi noleġġat vojt għal port ieħor, u biex jiġi hemm imgħobbi għal vjaġġ, il-kuntratt jinħall jekk, waqt li l-bastiment ikun sejjer lejn il-lok tat-tagħbija, jew ikun wasal fil-lok tat-tagħbija, tinqala' gwerra li minħabba fiha ma jkunx jista' jissokta l-vjaġġ; u ebda waħda mill-partijiet ma jkollha jedd għal kumpens, kemm-il darba l-impediment ikun għall-bastiment biss, inkella għall-bastiment u għat-tagħbija flimkien.

(2) Jekk, għall-kuntrarju, il-bastiment ikun liberu, iżda mhux it-tagħbija, in-noleġġatur għandu jħallas nofs in-nol miftiehem.

Projbizzjoni ta' kummerċ.

317. Jekk, waqt li l-bastiment ikun fil-vjaġġ, il-kummerċ mal-pajjiż li għalih il-bastiment ikun telaq jiġi ipprojbit, u l-bastiment ikollu jerġa' lura bit-tagħbija, in-nol jitħallas għall-vjaġġ tal-mawra biss, għalkemm il-bastiment ikun ġie noleġġat biex imur u jerġa' lura.

Embargo.

318. (1) Jekk minħabba *embargo* jew raġuni oħra ta' forza maġġuri, il-vjaġġ ta' bastiment jiġi sospiż għal xi żmien jew qabel it-tluq tal-bastiment jew matul il-vjaġġ, mingħajr ebda ħtija tal-kaptan, tas-sid, jew tan-noleġġatur, il-ftehim jibqa' jseħħ, u ebda waħda mill-partijiet ma jkollha jedd ta' indennizz għal dewmien.

(2) In-nol għandu jitħallas ukoll għaz-żmien li l-bastiment idum miżmum, jekk in-noleġġ ikun bix-xahar; iżda m'għandha titħallas ebda żieda ta' nol jekk il-bastiment ikun noleġġat bil-vjaġġ.

(3) Il-karigatur jista', fi żmien l-impediment, iħott il-merkanzija bi spejjeż tiegħu, bil-kondizzjoni li jerġa' jgħabbiha jew li jindennizza lin-noleġġant jew lill-kaptan.

Imblokk.

319. Jekk il-port tad-destinazzjoni tal-bastiment ikun imblukkat, il-kaptan għandu, jekk ma jirċevix ordni xort'oħra, jitlaq lejn xi wieħed mill-portijiet qrib tal-istess Stat, fejn ikun hemm permess li jidħol.

Noleġġ bil-kolletta.

320. Ir-regoli kollha taħt dan is-sub-titolu jgħoddu għall-kuntratt ta' noleġġ bil-kolletta.

Sub-titolu IV

FUQ IL-POLOZ TA' KARGU

Polza ta' kargu.

321. Il-polza ta' kargu għandha tkun iffirmata mill-kaptan, u mogħtija lill-karigatur, u duplikat tagħha għandu jkun iffirmat mill-karigatur, u mgħoti lill-kaptan.

Kif issir u kif tista' tiġi ittrasferita.

322. (1) Il-polza ta' kargu tista' tkun għall-ordni jew għall-purtatur jew għal persuna msemmija fiha.

(2) Il-polza ta' kargu tista' tiġi ittrasferita b'ġîra wkoll in bjank.

Kopji tal-polza ta' kargu.

323. Il-kaptan għandu jagħti tant kopji ta' polza ta' kargu daqs kemm jitlob in-noleġġatur jew il-karigatur.

Il-merkanzija ma tistax tiġi rtirata mingħajr il-poloz.

324. (1) In-noleġġaturi jew il-karigaturi ma jistgħux jirtiraw il-merkanzija ġà mgħobbija mingħajr ma jagħtu lura lill-kaptan il-poloz li jkunu rċevew għal dik il-merkanzija.

(2) Jekk tkun ġiet mibgħuta polza ta' kargu waħda jew ikunu ġew mibgħuta iżjed minn waħda, in-noleġġaturi jew il-karigaturi ma jistgħux jirtiraw il-merkanzija mingħajr ma jagħtu garanzija biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-konsegwenzi li jistgħu jġibu dik il-polza jew dawk il-poloz mibgħuta, u bl-obbligu, fil-każijiet kollha, li jħallsu n-nol kollu, l-ispejjeż tal-ħatt, u dawk ikkaġunati bit-tqanqil tat-tagħbija li tifdal, bla ħsara tal-artikolu 290, jew ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi.

Favur u kontra min tagħmel prova l-polza ta' kargu.

325. Il-polza ta' kargu tagħmel prova bejn il-partijiet kollha interessati fit-tagħbija, kif ukoll bejniethom u l-assiguraturi, bla ħsara tal-prova kuntrarja.

Jekk ikun hemm differenza bejn il-poloz tal-istess tagħbija.

326. Jekk il-poloz tal-istess tagħbija ma jkunux jaqblu waħda ma' l-oħra, dik li tkun f'idejn il-kaptan tagħmel prova, jekk tkun ġiet mimlija mill-karigatur jew mill-aġent tiegħu; u dik li tiġi ippreżentata mill-karigatur jew mid-destinatarju tagħmel prova, jekk tkun ġiet mimlija mill-kaptan.

L-aġent jew id-destinatarju għandu jagħti irċevuta.

327. L-aġent jew id-destinatarju meta jirċievi l-merkanzija msemmija fil-polza ta' kargu jew fil-kuntratt tan-noleġġ, għandu jagħti lill-kaptan irċevuta ta' dik il-merkanzija, taħt piena li jħallas l-ispejjeż, id-danni u l-imgħaxijiet kollha, magħduda dawk ikkaġunati bid-dewmien.

Sub-titolu V

FUQ IL-PASSIĠĠIERI

Jekk il-passiġġier ma jitlax abbord fiż-żmien stabbilit.

328. Jekk il-passiġġier ma jitlax abbord, jew, mingħajr il-permess tal-kaptan, jitbiegħed mill-bastiment fil-ħin stabbilit għat-tluq, il-kaptan jista' jsiefer u jieħu l-ammont kollu tal-passaġġ.

Il-passiġġier ma jistax jittrasferixxi l-jedd tiegħu.

329. Il-passiġġier ma jistax, mingħajr il-kunsens tal-kaptan, jittrasferixxi lil ħaddieħor il-jedd li jagħtih il-kuntratt.

Jekk il-passiġġier imut qabel ma jibda l-vjaġġ.

330. (1) Jekk il-passiġġier imut qabel ma jibda l-vjaġġ, jitħallas nofs il-passaġġ biss.

(2) F'dan il-każ l-ispejjeż tal-manteniment, jekk ikunu mdaħħlin fil-passaġġ miftiehem, jiġu mnaqqsin minnu.

Jekk il-vjaġġ ma jissoktax.

331. (1) Jekk il-vjagġ tal-bastiment ma jissoktax jew jiġi sospiż, jew qabel it-tluq jew matul il-vjaġġ, minħabba forza maġġuri, jew minħabba ħaġa oħra li ma tiddependix mill-kaptan, il-passiġġier u l-kaptan jibqgħu maħlula mill-obbligi lejn xulxin, u ebda wieħed minnhom ma jista' jitlob kumpens mingħand l-ieħor.

(2) Iżda, jekk il-vjaġġ ma jissoktax wara li jibda, il-passiġġieri għandhom iħallsu l-passaġġ fil-proporzjon tal-parti tal-vjaġġ li tkun saret.

Il-passiġġier għandu jedd għall-manteniment sakemm il-bastiment jissewwa.

332. Jekk fil-każ tal-artikolu 294, il-passiġġier ikun irid jistenna sakemm il-bastiment jissewwa, il-manteniment tal-passiġġier, matul dan iz-żmien, ikun a karigu tal-kaptan kemm-il darba dan ikun obbliga ruħu li jagħti l-manteniment matul il-vjaġġ.

Il-passiġġieri għandhom jobdu l-ordnijiet tal-kaptan.

333. Il-passiġġieri għandħom jobdu l-ordnijiet tal-kaptan f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-bon ordni abbord.

Il-kaptan m'għandux ibiddel ir-rotta fuq talba tal-passiġġier.

334. Il-kaptan la huwa obbligat, u lanqas ma jista', jidħol f'port jew jieqaf matul il-vjaġġ, fuq talba jew għall-vantaġġ ta' passiġġier.

Manteniment tal-passiġġieri.

335. Il-passiġġier għandu, jekk ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, jaħseb għall-manteniment tiegħu nnifsu; iżda l-kaptan għandu, jekk mitlub, jipprovdi lill-passiġġieri, bi prezz xieraq, bil-proviżjonijiet meħtieġa.

Ħwejjeg il-passiġġieri f'każ ta' mewt.

336. Jekk passiġġier imut matul il-vjaġġ, il-kaptan għandu jieħu ħsieb jerfa' kull ma jkollu abbord il-passiġġier li jmut.

337. Il-kaptan għandu jedd iżomm f'idejħ għall-ħlas tal-passaġġ u tal-manteniment, kull ħaġa li l-passiġġier itella' abbord, u dan barra l-privileġġ speċjali li huwa għandu bħall-krediturі msemmijin fil-paragrafu (*b*) tal-artikolu 2009 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-kaptan għandu jedd iżomm f'idejh il-proprjetà tal-passiġġieri. Kap. 16

Titolu II

FUQ IL-KUNTRATTI TA' SELF B'KAMBJU MARITTIMU

L-artikoli minn 338 sa 360 imħassra: XXXVII.1988.41.

Titolu III

FUQ L-ASSIGURAZZJONI MARITTIMA

Sub-Titolu I

FUQ IL-KUNTRATT TA' ASSIGURAZZJONI MARITTIMA

361. (1) Il-kuntratti ta' assigurazzjoni marittima għandhom isiru bil-miktub, taħt piena ta' nullità.

Il-kuntratt ta' assigurazzjoni marittima għandu jsir bil-miktub.

(2) Huma jistgħu jsiru b'kitba privata, li tissejjaħ polza. Fil-polza m'għandu jitħalla ebda vojt.

(3) Il-kuntratt għandu jkun fih id-data tal-ġurnata li fiha ġie iffirmat, u jekk ġiex magħmul qabel jew wara nofs inhar.

362. (l) Kuntratt wieħed jista' jkun fih iżjed minn assigurazzjoni waħda, sew dwar l-oġġetti assigurati, minn assigurazzjoni waħda, sew dwar l-oġġetti assigurati, sew dwar l-ammont tal-premju, kemm ukoll dwar id-diversi assiguratur.

Kuntratt wieħed jista' jkun fih iżjed minn assigurazzjoni waħda.

(2) Jekk bl-istess kuntratt oġġetti, ukoll jekk mhux tal-istess speċi, imgħobbija fuq l-istess bastiment, jiġu assigurati għal persuna waħda biss, jitqies li saret assigurazzjoni waħda biss.

(3) Jekk l-assiguraturi jkunu tnejn jew iżjed, u huma ma jiffirmawx il-kuntratt fl-istess żmien, kull wieħed minnhom għandu, qabel ma jiffirma, iniżżel id-data u l-ħin li fihom ikun iffirma.

363. Il-polza tista' tiġi ittrasferita b'ġîra.

Trasferiment b' ġîra.

364. (1) L-assigurazzjoni tista' ssir fuq il-korp tal-bastiment, imgħobbi jew vojt, armat jew żarmat, li jsiefer waħdu jew ma' oħrajn; fuq l-armar u l-għodda; fuq l-armament; fuq il-proviżjon; fuq dak kollu li jkun intefaq għall-bastiment sa dak in-nhar tat-tluq; fuq is-somom mislufa b'kambju marittimu u l-imgħaxijiet tagħhom; fuq il-tagħbija; fuq il-qligħ mistenni; fuq in-nol miftiehem; u fuq kull ħaġ'oħra li tista' tiġi stmata fi flus, u li tista'

Oġġetti li jistgħu jiġu assigurati.

tkun suġġetta għar-riskju tan-navigazzjoni.

(2) Fl-assigurazzioni tal-bastiment, mingħajr tifsir ieħor, jidħlu l-korp tal-bastiment, l-armar u l-għodda, u l-armament.

Meta u għal liema żmien tista' ssir l-assigurazzjoni.

365. (1) L-assigurazzjoni tista' ssir fuq l-oġġetti kollha hawn fuq imsemmija jew fuq biċċa minnhom, kollha f'daqqa, jew kull oġġett għalih.

(2) Tista' ssir fi żmien il-paċi jew fi żmien gwerra, qabel jew matul il-vjaġġ tal-bastiment.

(3) Tista' ssir għall-vjaġġ ta' 'l hemm u lura, jew biss għal wieħed mit-tnejn; għall-vjaġġ kollu jew għal żmien limitat; għal vjaġġ partikolari u flimkien għal żmien limitat; għall-vjaġġi u trasporti kollha bil-baħar, fi xmajjar jew kanali navigabbli.

Kemm idum ir-riskju.

366. Jekk sew il-vjaġġ kemm iż-żmien huma msemmija fil-kuntratt tal-assigurazzjoni, l-assiguratur jieħu r-riskju tal-vjaġġ kollu. Jekk il-vjaġġ idum iżjed miż-żmien limitat, il-premju jikber fil-proporzjon li jdum iżjed. Jekk il-vjaġġ jispiċċa fi żmien iqsar minn dak stabbilit, il-premju miftiehem ma jista' jitnaqqas bl-ebda mod.

Merkanzija assigurata fuq bastiment mhux magħruf mill-assigurat.

367. Jekk l-assigurat ma jkunx jaf fuq liema bastiment hija mgħobbija l-merkanzija, din il-merkanzija tista' tiġi assigurata bħala mgħobbija fuq bastiment mhux magħruf mill-assigurat.

Meta l-ispeċi tal-merkanzija mhix iddikjarata fil-kuntratt.

368. Jekk ix-xorta jew l-ispeċi tal-merkanzija ma tkunx imsemmija fil-kuntratt, il-merkanzija tista' tiġi assigurata taħt l-isem ġenerali ta' merkanzija; iżda f'din l-assigurazzjoni ma jidħlux il-flus tad-deheb jew tal-fidda, jew il-virgi jew il-bċejjeċ tad-deheb jew tal-fidda, jew id-djamanti, il-ġawhar, l-oġġetti tad-deheb, jew il-munizzjonijiet ta' gwerra.

Merkanzija stmata b'munita stanġiera.

369. Jekk il-valur tal-ħaġa assigurata hu stabbilit fil-kuntratt b'munita stranġiera, hu għandu jiġi meqjus fuq il-valur ta' dik il-munita stranġiera f'Malta, kif ikun miexi l-kambju fiz-żmien li jsir il-kuntratt.

Kif jiġi ippruvat il-valur tal-merkanzija.

370. Jekk il-valur tal-merkanzija ma jkunx stabbilit fil-kuntratt, dan il-valur jista' jiġi ippruvat bil-fatturi u bil-kotba: fin-nuqqas ta' dawn, il-merkanzja tiġi stmata fuq il-prezz tas-suq fiż-żmien u fil-lok tat-tagħbija, kompriżi d-drittijiet kollha li tħallsu u l-ispejjeż li saru saż-żmien tat-tagħbija tal-merkanzija.

Kif jiġi ippruvat il-qligħ mistenni.

371. Il-qligħ mistenni jiġi ippruvat bil-listi tal-prezzijiet kurrenti, jew, fin-nuqqas ta' dawn il-listi, b'mezzi oħra li juru l-qligħ li raġonevolment seta' jsir kieku l-merkanzija assigurata waslet fil-lok ta' destinazzjoni wara vjaġġ mingħajr aċċidenti.

Meta l-qligħ huwa anqas mis-somma iddikjarata mill-assigurat.

372. Jekk b'dawn il-listi tal-prezzijiet kurrenti, jew b'mezzi oħra, jiġi ippruvat li, kieku l-merkanzija waslet, il-qligħ kien ikun anqas mis-somma iddikjarata fil-kuntratt mill-assigurat, l-assiguratur jiġi meħlus bil-ħlas ta' dik is-somma anqas. Jekk l-oġġetti assigurati ma kienu jagħtu ebda qligħ, l-assiguratur ma jkollu jagħti xejn.

Kif jiġi ippruvat l-ammont tan-nol.

373. (1) L-ammont tan-nol jiġi ippruvat bil-kuntratti ta'

noleġġ, jew bil-poloz ta' kargu.

(2) Fin-nuqqas ta' dawn il-provi, u kwantu għall-merkanzija li tkun tas-sidien infishom tal-bastiment, l-ammont tan-nol jiġi illikwidat minn periti.

Żmien tar-riskju.

374. Jekk iż-żmien tar-riskju ma jkunx ġie stabbilit fil-kuntratt tal-assigurazzjoni, dan ir-riskju jibda u jispiċċa kif jingħad fl-artikolu 355.

Żmien tar-riskju dwar il-merkanzija,

375. Meta tiġi assigurata merkanzija, iż-żmien tar-riskju jimxi bla ma jieqaf, ukoll jekk, wara li l-bastiment ikun ta fond f'port intermedju, il-kaptan kien kostrett iħott it-tagħbija sabiex isewwi l-bastiment; iżda ż-żmien tar-risku jispiċċa jekk il-vjaġġ jiġi mwaqqaf legalment, jew jekk l-assigurat ikun ta ordni biex il-merkanzija ma terġax titgħabba, jew, fl-aħħarnett, malli l-vjaġġ jiġi mitmum.

dwar in-nol,

376. Ir-riskju għan-nol assigurat jibda, għall-assiguratur, kif u meta titgħabba l-merkanzija li tikkontribwixxi għan-nol, u jispiċċa meta l-merkanzija tinħatt l-art.

dwar assiguraturi ta' self b'kambju marittimu,

377. Ir-riskju tal-assiguraturi ta' somom mislufa b'kambju marittimu, jibda u jispiċċa flimkien mal-bidu u mat-tmiem tar-riskju tal-kambjant, skont il-liġi, u skont dawk il-pattijiet li jkunu ġew innotifikali lill-assiguratur.

dwar qligħ mistenni.

378. Iż-żmien li fih jibda u jispiċċa r-riskju għall-qligħ mistenni, hu l-istess bħal dak li hemm għall-merkanzija.

Il-qligħ mistenni għandu jiġi stmat għalih waħdu.

379. (1) Fil-każ ta' assigurazzjoni ta' qligħ mistenni, dan il-qligħ għandu jiġi stmat għalih waħdu fil-kuntratt, b'tismija tal-merkanzija li minnha hu mistenni dan il-qligħ.

(2) Fil-każ li l-oġġett assigurat jiġi stmat kollu kemm hu f'daqqa, bi ftehim espress li ż-żejjed fuq dik l-istima għandu jitqies bħala l-qligħ mistenni, l-assigurazzjoni tiswa biss għall-prezz tal-oġġetti assigurati, u kwantu għaż-żejjed dan jiġi meqjus fuq dak l-ammont ta' qligħ mistenni illi jista' jiġi ippruvat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 370 u 371.

Rijassigurazzjoni.

380. (1) L-assiguratur jista' jerġa' jassigura ma' ħaddieħor l-oġġetti li hu stess ikun assigura.

(2) L-assigurat jista' jassigura il-prezz tal-assigurazzjoni.

(3) Il-premju tar-rijassigurazzjoni jista' jkun akbar jew iżgħar minn dak tal-assigurazzjoni.

Żieda tal-premju jekk tinqala' gwerra.

381. Jekk, wara li jibda r-riskju maħsub fil-kuntratt ta' assigurazzjoni, tinqala' gwerra, u, minħabba f'ħekk, l-oġġett assigurat jiġi espost għal periklu akbar, l-assiguratur għandu jedd jitlob żieda tal-premju, u, meta din iż-żieda ma tkunx ġiet miftiehma bejn il-partijiet, tiġi stabbilita mill-qorti, billi jitqiesu ċ-ċirkostanzi li jistgħu jkabbru l-periklu.

Il-baħri jew il-passiġġier li jkollu merkanzija assigurata, għandu jiddepożita polza ta' kargu. *Emendat: XXXI.1966.2; LVIII.1974.68; XXIV.1995.362.*

382. (1) Kull wieħed mill-ekwipaġġ jew passiġġier, li jkollu, abbord tal-bastiment li fuqu jkun iservi jew ikun ħa l-passaġġ, merkanzija assigurata f'Malta, hu obbligat iħalli polza ta' kargu fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla, jekk il-tagħbija ssir f'Malta; jekk it-tagħbija ssir barra minn Malta, din il-polza għandha titħalla għand ir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta f'dak il-port jew għand persuna li tkun isservi fis-servizz diplomatiku, konsulari jew servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li, b'arranġament mal-Gvern ta' Malta, ikun assuma li jirrappreżenta l-interessi ta' dak il-Gvern f'dak il-port jew għand persuna awtorizzata għal hekk mill-President ta' Malta, jew, fl-assenza ta' dawn il-persuni, għand xi kummerċjant ta' fiduċja li jkun ċittadin ta' Malta jew ċittadin ieħor tal-Commonwealth, jew għand maġistrat lokali.

(2) Jekk il-merkanzija assigurata tkun tal-kaptan, il-polza ta' kargu għandha tkun iffirmata minn tnejn fost il-membri prinċipali tal-ekwipaġġ, u, f'każ ta' diżastru, il-kaptan hu obbligat jipprova lill-assiguraturi x-xiri ta' dik il-merkanzija.

Falliment tal-assiguratur jew tal-assigurat.

383. (1) Jekk l-assiguratur ifalli qabel ma jispiċċa r-riskju, l-assigurat jista' jitlob jew li tiġi mogħtija garanzija jew li jiġi maħlul il-kuntratt.

(2) L-assiguratur għandu l-istess jedd fil-każ ta' falliment tal-assigurat, jekk il-premju tal-assigurazzjoni ma jkunx ġie lilu mħallas.

Meta hu null il-kuntratt tal-assigurazzjoni.

384. Il-kuntratt ta' assigurazzjoni hu null, jekk isir -

(*a*) fuq il-pagi jew salarji tan-nies tal-ekwipaġġ;

(*b*) fuq il-premju jew il-kappa assenjata lill-kaptan;

(*ċ*) fuq il-bastimenti jew il-merkanzija obbligati, qabel ma jibda l-vjaġġ, b'self b'kambju marittimu fuq il-valur kollu tagħhom:

Iżda, jekk il-bastimenti jew il-merkanzija ma jkunux obbligati b'dan is-self ħlief f'biċċa biss, il-kuntratt ta' assigurazzjoni jiswa għaż-żejjed tal-valur tagħhom li jaqbeż is-somma meħuda b'self.

Ħabi jew dikjarazzjoni falza.

385. (1) Kull ħabi, jew dikjarazzjoni falza mill-assigurat, jew kull differenza bejn il-kuntratt ta' assigurazzjoni u l-polza ta' kargu, jagħmlu null il-kuntratt ta' assigurazzjoni, jekk il-ħabi, id-dikjarazzjoni falza jew id-differenza jkunu tali li jnaqqsu l-idea tar-riskju jew li jbiddlu l-oġġett tiegħu.

(2) L-assigurazzjoni hija nulla għad li l-ħabi, id-dikjarazzjoni falza jew id-differenza ma kellhomx effett fuq il-ħsara jew fuq it-telf tal-ħwejjeġ assigurati.

Sub-titolu II

FUQ IL-JEDDIJIET U L-OBBLIGI TAL-ASSIGURATUR U TA' L-ASSIGURAT

Jekk vjaġġ jiġi abbandunat qabel il-bidu tar-riskju.

386. (1) Jekk il-vjaġġ jiġi abbandunat, ukoll jekk bl-egħmil tal-assigurat, qabel ma jkun beda r-riskju għall-assiguratur, l-assigurazzjoni ssir nulla, u l-assigurat mhux obbligat iħallas il-premju, u, fil-każ li jkun ħallsu, għandu jedd jieħu lura l-ħlas mingħand l-assiguratur.

(2) Iżda, l-assiguratur għandu jirċievi, bħala storn, nofs fil-mija fuq is-somma assigurata, jew nofs il-premju, jekk il-premju kollu ma jkunx jammonta għal wieħed fil-mija.

Riskju tal-assiguratur.

387. It-telfa jew il-ħsara li tiġri lill-oġġetti assigurati minħabba tempesta, jew għax il-bastiment jegħreq, jew jinkalja, jew b'kolliżjoni aċċidentali, b'tibdil furzat ta' rotta jew ta' vjaġġ jew ta' bastiment; inkella minħabba ġettu, ħruq, priża, sakkeġġ, piraterija, arrest b'ordni ta' potenza, dikjarazzjoni ta' gwerra, rappreżalji; jew, in ġenerali, minħabba kull periklu ieħor tal-baħar, huma għar-riskju tal-assiguratur, kemm-il darba l-assiguratur ma jkunx b'konvenzjoni ġie meħlus minn wieħed jew aktar minn dawk ir-riskji.

Tibdil volontarju tar-rotta. eċċ., ma jbatiħx l-assiguratur.

388. Kull tibdil volontarju ta' rotta jew ta' vjaġġ jew ta' bastiment, u kull telf jew ħsara li jsiru bl-egħmil tal-assigurat, ma hux għar-riskju tal-assiguratur, u dan jitqies li qala' l-premju, jekk iż-żmien tar-riskju tiegħu jkun beda.

Ħsara minħabba difetti fil-merkanzija nfisha.

389. (1) Jekk ma jkunx hemm ftehim espress xort'oħra, l-assiguratur ma hu fl-ebda każ obbligat għall-ħsara jew għall-avarija li jiġru direttament minħabba difett tal-oġġetti assigurati infishom jew minħabba x-xorta tagħhom.

(2) Fil-każijiet li fihom l-assiguratur għandu jħallas il-ħsara għat-tnixxijiet jew għat-tidwib, għandha qabel xejn titnaqqas il-kwantità li l-merkanzija assigurata hi soltu suġġetta li tonqos.

Baratterija.

390. (l) Jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, l-assiguratur ma jweġibx għall-malversazzjoni jew ħtijiet tal-kaptan jew tal-ekwipaġġ, magħrufin taħt l-isem ta' *baratterija tal-kaptan*.

(2) Dan il-ftehim kuntrarju m'għandux effett għal dik il-parti tal-ħaġa assigurata li tkun proprjetà tal-kaptan.

(3) Iżda, l-assiguratur iwieġeb għan-nuqqas ta' ħila tal-kaptan jew tal-ekwipaġġ.

Kolliżjonijiet. *Emendat: XXII.1976.4.*

391. (1) Fil-każ ta' ħsarat minħabba kolliżjoni bejn bastimenti, l-assiguratur hu obbligat għad-danni ikkaġunati b'kolliżjoni aċċidentali, jew b'kolliżjoni ikkaġunata bi ħtija tal-kaptan jew tal-ekwipaġġ ta' bastiment ieħor.

(2) Iżda, jekk jinsab li l-ħtija kienet sew tal-bastiment assigurat kemm tal-bastiment l-ieħor, jew ikun hemm dubju dwar ta' min minnhom kienet il-ħtija, id-danni, meta ma jkunux igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jitbatew f'ishma ndaqs bejn il-bastimenti li jkunu ħabtu ma' xulxin; u, f'dawn il-każijiet, kif ukoll fil-każ ta' kolliżjoni li tiġri bi ħtija tal-kaptan jew tal-ekwipaġġ tal-bastiment assigurat, l-assiguratur mhux obbligat, kemm-il darba ma jkunx obbliga ruħu wkoll għall-każijiet ta' *baratterija tal-kaptan*.

Kap. 234.

(3) L-assiguratur, fil-każijiet imsemmijin f'dan l-artikolu, hu obbligat biss għall-ħsara li ssir fil-bastiment assigurat, u m'hu obbligat għal ebda indennizz li, minħabba l-kolliżjoni, ikollu jitħallas mill-bastiment assigurat lill-bastiment l-ieħor.

Drittijiet ta' pilotaġġ, eċċ.

392. L-assiguratur mhux obbligat għall-ispejjeż ordinarji ta' pilotaġġ jew ta' rmonk, lanqas għall-ebda xorta ta' drittijiet imposti fuq il-bastiment jew fuq il-merkanzija, ħlief jekk isiru jew jiġu imposti minħabba ħsarat li għalihom l-assiguratur hu obbligat.

Klawsola, "franka mill-avarija."

393. Meta l-assigurazzjoni ssir bil-klawsola "franka mill-avarija", l-assiguratur m'hu obbligat għal ebda avarija, ġenerali jew partikulari, ħlief fil-każijiet li jagħtu lok għall-abbandun.

Klawsola "franka mill-ostilitajiet."

394. (1) Meta l-assigurazzjoni ssir bil-klawsola "franka mill-ostilitajiet", l-assiguratur hu meħlus minn kull responsabbiltà jekk l-oġġetti jispiċċaw jew jitħassru minħabba vjolenza, priża, sakkeġġ, arrest b'ordni ta' potenza, dikjarazzjoni ta' gwerra, jew rappreżalja.

(2) Il-kuntratt ta' assigurazzjoni jispiċċa hekk kif il-ħaġa assigurata issofri dewmien, jew titbiddel ir-rotta tal-vjaġġ, minħabba ostilitajiet.

(3) Iżda, dan kollu ma jeħlisx lill-assiguratur mill-obbligu tal-ħlas tal-ħsara li tkun ġrat qabel il-bidu tal-ostilitajiet.

Bastiment, eċċ., miżmumin fil-port minn forza ostili.

395. Meta l-bastiment jew il-merkanzija assigurati "franki mill-ostilitajiet" jiġu, minn forza ostili, meħuda jew miżmuma f'port, dan il-bastiment jew merkanzija jitqiesu li ġew meħudin bħala priża fil-baħar, u r-riskju tal-assiguratur jispiċċa.

Assigurazzjoni fuq merkanzija li għandha tiġi mgħobbija fuq żewġ bastimenti jew iżjed.

396. Jekk l-assigurazzjoni tkun ġiet imqassma fuq merkanzija li għandha titgħabba fuq żewġ bastimenti jew iżjed imsemmijin fil-kuntratt, b'dikjarazzjoni tas-somma assigurata fuq kull bastiment, u jekk il-merkanzija kollha titgħabba fuq bastiment wieħed jew fuq numru ta' bastimenti anqas minn dak imsemmi fil-kuntratt, l-assiguratur hu obbligat biss għas-somma li assigura fuq il-bastiment jew fuq il-bastimenti li ħadu t-tagħbija, għalkemm il-bastimenti kollha msemmijin fil-kuntratt jintilfu; u b'danakollu hu għandu jedd għal nofs fil-mija fuq l-ammont tal-assigurazzjonijiet li jsiru hekk nulli.

Meta l-vjaġġ jiġi mtawwal jew imqassar.

397. (1) L-assiguratur hu meħlus mir-riskji, u jieħu l-premju, jekk l-assigurat jibgħat il-bastiment f'lok iżjed bogħod minn dak imsemmi fil-kuntratt, għalkemm dan il-lok ikun fuq l-istess rotta.

(2) L-assigurazzjoni għandha l-effett tagħha kollu jekk il-vjaġġ jiġi mqassar.

L-assigurat għandu jgħarraf lill-assiguratur bid-diżastru.

398. (1) L-assigurat għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-assiguratur bl-aħbarijiet kollha li jirċievi dwar it-telfa tal-ħaġa assigurata, u għandu jagħti lill-assiguraturi, jekk jitolbuhomlu, il-kopji jew l-estratti ta' kull dokument li jkun jagħti dawn l-aħbarijiet.

(2) Fin-nuqqas ta' dan, hu jbati d-danni u l-ispejjeż.

L-assigurat għandu jagħmel ħiltu biex isalva jew jirkupra l-ħaġa assigurata.

399. Sakemm l-assigurat ma jeżerċitax il-jedd tal-abbandun li lilu jmiss, hu għandu jagħmel ħiltu kollha biex isalva jew jirkupra l-ħaġa assigurata.

L-assiguratur ta' self b'kambju marittimu ma jweġibx għall-qerq tal-kambjatarju.

400. Fil-każ ta' assigurazzjoni ta' self b'kambju marittimu, l-assiguratur, fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, ma jweġibx għall-qerq tal-kambjatarju.

Jekk il-merkanzija assigurata ma tintbagħatx.

401. Jekk l-oġġetti assigurati ma jiġux mibgħuta, jew tiġi mibgħuta biċċa minnhom biss, l-assiguratur jirċievi nofs fil-mija, jew in-nofs tal-premju, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 386, fuq is-somma assigurata jew fuq is-somma li taqbeż il-valur tal-oġġetti mibgħuta, skont il-każ.

Jekk il-mandant li ma jissemmiex ismu ma jibgħatx il-merkanzija.

402. Dak li jikkuntratta assigurazzjoni għal persuna oħra mingħajr ma jagħti isimha, ma jistax jitlob il-premju jekk din il-persuna l-oħra ma tibgħatx il-merkanzija, jew tibgħat biċċa minnha biss.

Assigurazzjonl għal somma fuq jew taħt il-valur reali.

403. (1) L-assigurazzjoni magħmula għal somma li taqbeż il-valur tal-oġġetti assigurati hija nulla għall-assigurat biss, jekk jiġi ippruvat li kien hemm frodi jew qerq min-naħa tiegħu.

(2) Jekk ma jkunx hemm frodi jew qerq, l-assigurazzjoni tiswa sa l-ammont tal-valur tal-oġġetti assigurati, u, għaż-żejjed, l-assiguraturi jieħdu nofs fil-mija, jew nofs il-premju, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 386.

(3) Il-patt li l-assiguratur hu obbligat għas-somma kollha msemmija fil-kuntratt, apparti l-valur tal-oġġett assigurat, huwa validu.

(4) Jekk l-assigurazzjoni ssir għal valur anqas mill-valur reali, l-assiguratur hu obbligat biss fil-proporzjon tal-valur iddikjarat.

Iżjed minn assigurazzjoni waħda fuq l-istess oġġett.

404. (1) Jekk ikun hemm żewġ kuntratti jew iżjed ta' assigurazzjoni, li jkunu saru mingħajr qerq, fuq l-istess oġġett, u l-ewwel kuntratt ikun ikopri l-valur kollu tal-oġġett assigurat, ikollu effett biss dan l-ewwel kuntratt.

(2) L-assiguraturi li jkunu iffirmaw il-kuntratti ta' wara huma meħlusa, u jirċievu biss in-nofs fil-mija fuq is-somma assigurata, jew nofs il-premju, skont l-artikolu 386.

(3) Jekk il-valur kollu tal-oġġetti mgħobbija ma jkunx kopert bl-ewwel kuntratt, l-assiguraturi li jkunu iffirmaw il-kuntratti ta' wara huma obbligati għall-valur li jibqa', skont l-ordni tad-data tal-kuntratti.

Jekk abbord ikun hemm merkanzija sa l-ammont kollu tal-assigurazzjonijiet.

405. Jekk abbord ikun hemm merkanzija sa l-ammont kollu tas-somom assigurati, u tintilef biċċa mill-merkanzija, it-telfa jbatuha l-assiguraturi kollha ta' din il-merkanzija, kull wieħed fil-proporzjon tal-interess li jkollu.

Meta l-kaptan jista' jagħmel skala f'diversi portijiet.

406. Jekk tiġi mogħtija s-setgħa lill-kaptan li jidħol f'iżjed minn port wieħed biex ikompli jew ibiddel it-tagħbija, l-assiguratur ibati r-riskju tal-merkanzija assigurata, kif jingħad fl-artikolu 355.

Radd tal-premju fil-każ ta' nullità tal-kuntratt,

407. Fil-każ ta' nullità tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, kollu jew ta' biċċa minnu, l-assiguratur għandu, jekk l-assigurat ikun mexa b'bona fidi, irodd il-premju, jew, skont ma jkun il-każ, dik il-biċċa tal-premju proporzjonata għall-ammont li jkun irċieva għal riskji li ma jkunx ħa, bit-tnaqqis ta' nofs fil-mija, jew ta' nofs il-premju skont l-artikolu 386.

barra minn f'każ ta' qerq, eċċ., tal-assigurat.

408. Jekk il-kuntratt jiġi annullat minħabba qerq, frodi, jew mala fidi min-naħa tal-assigurat, l-assiguratur mhux obbligat irodd il-premju.

Nullità tal-assigurazzjoni jekk l-assiguratur ikun jaf li l-bastiment wasal salv, eċċ.

409. Hija nulla l-assigurazzjoni meta ssir fuq bastimenti jew merkanzija li, fil-waqt tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, ikunu ġà waslu fil-lok tad-destinazzjoni, jew ikunu batew diżastru, jekk jiġi ippruvat, jew ikun hemm preżunzjoni li, fil-waqt tal-firma tal-kuntratt, l-assiguratur kien jaf li l-ħaġa assigurata waslet, jew, skont il-każ, l-assigurat kien jaf bid-diżastru.

Meta hemm preżunzjoni li wasla jew id-diżastru kienu magħrufa.

410. Jitqies li hemm din il-preżunzjoni jekk, meta jsir kalkolu ta' erba' mili fis-siegħa, inkella jekk, meta jittieħed qies tal-mezzi ta' komunikazzjoni jew ċirkostanzi oħra, jinsab li l-aħbar dwar il-wasla jew it-telfa tal-bastiment setgħat tasal fil-lok fejn sar il-kuntratt mil-lok ta' dik il-wasla jew telfa, jew mil-lok minn fejn dik l-aħbar ġiet l-ewwel, qabel ma ġie iffirmat il-kuntratt.

Fatti oħra li jagħtu lok għal din il-preżunzjoni.

411. Jitqies ukoll li hemm dik il-preżunzjoni jekk, qabel il-firma tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, ikun wasal xi bastiment fil-lok fejn sar il-kuntratt, mil-lok tal-wasla jew tat-telfa, jew mil-lok minn fejn tkun ġiet l-ewwel aħbar ta' dik il-wasla jew telfa, basta li dan il-bastiment ikun siefer minn dawk il-postijiet wara l-wasla jew telfa.

Klawsola ta' "aħbarijiet tajba jew ħżiena".

412. (1) Ma titqiesx li hemm il-preżunzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, jekk l-assigurazzjoni ssir taħt il-klawsola ta' "aħbarijiet tajba jew ħżiena", jew xi klawsola oħra bħal din.

(2) F'dan il-każ l-assigurazzjoni ma tistax tiġi annullata, jekk ma jiġix ippruvat li l-assiguratur kien jaf bil-wasla, jew l-assigurat kien jaf bid-diżastru, qabel ma ġie iffirmat il-kuntratt.

Sub-titilu III

FUQ L-ABBANDUN

Meta jista' jsir l-abbandun.

413. (1) L-abbandun tal-ħwejjeġ assigurati jista' jsir f'każ-

(*a*) ta' għarqa;

(*b*) ta' bastiment li jinkalja jew imur l-art u jitkisser;

(*ċ*) li l-bastiment ma jkunx aktar tajjeb għan-navigazzjoni minħabba diżastru tal-baħar;

(*d*) ta' abbandun furzat;

(*e*) ta' priża;

(*f*) ta' arrest minn potenza stranġiera jew mill-Gvern;

(*g*) ta' telfa jew tħassir tal-oġġetti assigurati meta din it-telfa jew it-tħassir jilħqu mill-anqas tliet kwarti tal-

valur tagħhom.

(2) Il-ħsarat l-oħra kollha jitqiesu avarija, u jiġu regolati bejn l-assiguratur u l-assigurat skont il-ftehim tagħhom, u skont l-interess ta' kull wieħed minnhom.

Meta l-bejgħ tal-merkanzija jista' jagħti lok għall-abbandun.

414. Il-bejgħ tal-merkanzija minħabba aċċidenti tal-baħar, matul il-vjaġġ u qabel ma din il-merkanzija tasal fil-lok tad-destinazzjoni, jitqies bħala wieħed mill-każijiet ta' telfa li jagħti lok għall-abbandun, ikun kemm ikun il-prezz li jġib dan il-bejgħ.

Il-kontribuzzjonijiet għall-avarija ġenerali ma jitqisux fil-kalkolu biex jiġi stabbilit il-valur tat-telfa jew tat-tħassir.

415. Meta hu meħtieġ li jiġi żgurat jekk hemmx tħassir jew telfa ta' tliet kwarti tal-valur tal-merkanzija assigurata, ma jitqisux id-danni li ġejjin mill-kontribuzzjonijiet għall-avarija ġenerali. Iżda, l-ispejjeż tal-bejgħ ta' din il-merkanzija, u l-ispejjeż tal-atti meħtieġa ta' qabel il-bejgħ jiġu ikkalkulati.

L-assigurat jista' jagħżel bejn l-abbandun u l-azzjoni ta' avarija.

416. (1) Meta hemm lok għall-abbandun tal-ħwejjeġ assigurati, l-assigurat jista' jagħżel li jagħmel l-abbandun jew li jeżerċita l-azzjoni ta' avarija.

(2) L-assigurat ma jistax, wara li jagħżel l-azzjoni ta' avarija, jirrinunzja għal din l-azzjoni u jeżerċita l-azzjoni ta' abbandun. Iżda, hu jista' jirrinunzja għall-abbandun, jekk dan ikun għad ma ġiex aċċettat mill-assiguraturi, u jeżerċita l-azzjoni ta' avarija.

L-abbandun ma jistax isir qabel ma jibda r-riskju.

417. L-abbandun ma jistax isir qabel ma jibda r-riskju assigurat.

L-abbandun ma jistax ikun kondizzjonali jew parzjali.

418. L-abbandun tal-oġġetti assigurati ma jistax ikun ta' biċċa minnhom, lanqas ma jista' jsir taht kondizzjoni. Fl-abbandun tidħol biss il-ħaġa li hija l-oġġett tal-assigurazzjoni u tar-riskju.

F'liema żminijiet jista' jsir l-abbandun.

419. (1) L-abbandun lill-assiguraturi għandu jsir f'dawn iż-żminijiet li ġejjin:

(*a*) fi żmien sitt xhur minn dak in-nhar li tasal l-aħbar tad-diżastru, jekk dan jiġri fuq il-kosti tal-Ewropa, jew fuq dawk tal-Asja jew tal-Afrika fil-Mediterran, jew, f'każ ta' priża, minn dak in-nhar li tasal l-aħbar li l-bastiment ġie meħud f'wieħed mill-portijiet jew mill-postijiet li qegħdin fil-kosti hawn fuq imsemmija;

(*b*) fi żmien tmintax-il xahar miz-żminijiet hawn fuq imsemmija rispettivament, jekk id-diżastru jkun ġara jew il-priża tkun ġiet meħuda f'xi parti oħra tad-dinja.

(2) Wara li dawn iż-żminijiet jagħlqu, l-assigurat ma jistax iżjed jagħmel l-abbandun.

L-assigurat għandu jagħti avviż lill-assiguratur.

420. (1) Meta hemm jedd għall-abbandun, u f'każ ta' kull aċċident ieħor li hu għar-riskju tal-assiguratur, l-assigurat għandu jinnotifika lill-assiguratur b'kull informazzjoni li jkun irċieva.

(2) In-notifika għandha ssir mingħajr dewmien, taħt piena tad-danni u l-imgħaxijiet.

Żmien li għandu jgħaddi biex jagħti jedd għall-abbandun mingħajr il-ħtieġa tal-prova tat-telfa.

421. (1) Jekk, wara li tgħaddi sena mit-tluq tal-bastiment, jew minn dak in-nhar li jaslu l-aħħar aħbarijiet fuqu, f'każ ta' vjaġġi ordinarji, jew wara li jgħaddu sentejn fil-każ ta' vjaġġi twal, l-assigurat jiddikjara li ma irċieva l-ebda aħbar tal-bastiment, hu jista' jagħmel l-abbandun lill-assiguratur u jitlob il-ħlas tas-somma assigurata, mingħajr ma tkun meħtieġa l-prova tat-telfa tal-bastiment.

(2) Wara s-sena jew is-sentejn hawn fuq imsemmija, l-assigurat għandu, biex jibda l-proċeduri, iż-żminijiet imsemmijin fl-artikolu 419.

Meta titqies li saret it-telfa fil-każ ta' "polza għal żmien determinat".

422. (1) Fil-każ ta' assigurazzjoni għal żmien determinat, wara li jagħlqu ż-żminijiet imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, it-telfa tal-bastiment titqies li ġrat fiż-żmien tal-assigurazzjoni.

(2) Jekk jiġu magħmulin waħda wara l-oħra żewġ assigurazzjonijiet jew iżjed bi żmien determinat, it-telfa titqies li saret fiż-żmien tal-ewwel assigurazzjoni; jew fil-każ tal-aħbar li tasal kif jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, fiż-żmien ta' dik l-assigurazzjoni partikulari li tkun taqbel mad-data tal-aħħar aħbarijiet.

Tifsir ta' "vjaġġi twal".

423. Il-vjaġġi twal huma dawk li jsiru għall-kosti jew pajjiżi 'l hemm mill-Istrett ta' Ġibiltà, eċċ., eċċetwat il-littoral tal-Ewropa sas-Sund, il-littoral tal-Afrika sa Kap Verde, il-Baħar Baltiku, il-Gżejjer Britanniċi, u l-gżejjer ta' Madera u tal-Kanarji.

L-assigurat jista' jagħmel l-abbandun minnufih jew iżomm dan il-jedd.

424. L-assigurat jista', bin-notifika msemmija fl-artikolu 420, jew jagħmel l-abbandun, u jsejjaħ lill-assiguratur għall-ħlas tas-somma assigurata fiż-żmien imsemmi fil-kuntratt, jew iżomm il-jedd li jagħmel l-abbandun fiż-żminijiet imsemmija fil-liġi.

Dikjarazzjoni li għandha ssir mill-assigurat meta jagħmel l-abbandun.

425. L-assigurat għandu meta jagħmel l-abbandun, jiddikjara l-assigurazzjonijiet kollha li jkun għamel, jew li jkun ipprokura jew ordna li jsiru, u l-flus li ssellef b'kambju marittimu fuq il-bastiment jew fuq il-merkanzija. Fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, iż-żmien tal-ħlas li għandu jibda jgħodd mill-abbandun, jieqaf sa dak in-nhar li l-assigurat jagħmel u jinnotifika dik id-dikjarazzjoni, iżda b'daqshekk iż-żmien stabbilit biex isir l-att ta' abbandun ma jiġix imġedded.

Effetti ta' dikjarazzjoni qarrieqa.

426. Jekk id-dikjarazzjoni tkun qarrieqa, l-assigurat jitlef il-vantaġġi tal-assigurazzjoni, u għandu jħallas is-somma li jkun issellef b'kambju marittimu jew fuq il-merkanzija, għad li l-bastiment jintilef jew jiġi meħud bħala priża.

Obbligi tal-assigurat f'każ ta' għarqa, eċċ.

427. (1) F'każ ta' għarqa jew jekk il-bastiment jinkalja u jitkisser, l-assigurat għandu jfittex li jirkupra l-oġġetti assigurati, bla preġudizzju tal-jedd li jagħmel l-abbandun fiż-żmien u fil-lok li jmiss.

(2) L-assigurat għandu jedd għall-ispejjeż tal-irkupru sal-valur tal-oġġetti rkuprati.

Meta għandha titħallas is-somma tal-assigurazzjoni.

428. (1) Jekk iż-żmien tal-ħlas ma jkunx ġie stabbilit fil-kuntratt, l-assiguratur għandu jħallas is-somma tal-assigurazzjoni erba' xhur wara n-notifika tal-abbandun.

(2) Wara li jagħlaq dak iż-żmien, l-assiguratur għandu jħallas ukoll l-imgħaxijiet bir-rata legali. L-oġġetti abbandunati jibqgħu obbligati għall-ħlas.

L-assiguratur ma jistax jiġi mħarrek qabel ma tingħata lilu l-prova tat-tagħbija u tat-telfa.

429. L-assiguratur ma jistax jiġi mħarrek għall-ħlas tas-somom assigurati qabel ma jiġu innotifikati lilu l-atti li jippruvaw it-tagħbija u t-telfa tal-merkanzija assigurata.

Meta l-qorti tista' tordna l-ħlas provviżorju.

430. (1) Meta, fil-fehma tal-qorti, l-eċċezzjonijiet ta' assiguraturi għandhom jiġu mismugħin f'kawża għaliha, il-qorti għandha tikkundanna l-assiguraturi għall-ħlas provviżorju lill-assigurat tas-somma assigurata, bl-obbligu tal-assigurat li jagħti garanzija.

(2) Il-garanzija tispiċċa wara sentejn, jekk matul dan iż-żmien l-assiguraturi ma jkunu ġiebu 'l quddiem ebda talba ġudizzjarja.

Effetti tal-abbandun.

431. Meta l-abbandun jiġi innotifikat u aċċettat, jew iddikjarat validu, l-oġġetti assigurati jsiru tal-assiguratur minn dak in-nhar tal-abbandun, u l-assiguratur ma jistax, bl-iskuża li l-bastiment ġie lura, jeħles mill-ħlas tas-somma assigurata.

Fl-abbandun tal-bastiment għandu jidħol in-nol tal-merkanzija salvata.

432. In-nol tal-merkanzija salvata, ukoll jekk ikun ġie mħallas bil-quddiem, jidħol fl-abbandun tal-bastiment, u jsir ukoll proprjetà tal-assiguratur, bla ħsara tal-jeddijiet ta' dawk li silfu b'kambju marittimu, jew tal-baħrin għall-ħlas tas-salarju tagħhom, jew ta' persuni oħra għall-ħlas tal-ispejjeż maħruġin matul il-vjaġġ.

F'każ ta' arrest minn potenza.

433. (1) F'każ ta' arrest b'ordni ta' potenza, l-assigurat għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika lill-assiguratur bl-aħbar li jkun irċieva.

(2) L-abbandun tal-oġġetti arrestati ma jistax isir ħlief wara sitt xhur min-notifika, jekk l-arrest ikun sar fil-Mediterran jew f'xi baħar tal-Ewropa; jew wara sena, jekk l-arrest ikun sar f'post iżjed bogħod.

(3) Dawn iż-żminijiet jibdew igħoddu minn dak in-nhar tan-notifika tal-arrest. Kemm-il darba, l-merkanzija arrestata tkun ta' xorta li tista' titħassar, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija jitnaqqsu f'xahrejn fl-ewwel każ, u fi tliet xhur fit-tieni każ.

L-assigurati għandhom ifittxu li jeħilsu l-oġġetti arrestati.

434. (1) Matul iż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, l-assigurati għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex jeħilsu l-oġġetti arrestati.

(2) L-assiguraturi min-naħa tagħhom jistgħu, bi ftehim ma' l-assigurati jew għal rashom, jagħmlu l-ħila tagħhom biex jeħilsu dawk l-oġġetti.

Abbandun minħabba li l-bastiment ma jkunx tajjeb għall-baħar.

435. L-abbandun minħabba li bastiment ma jkunx tajjeb għall-baħar ma jistax isir jekk il-bastiment ikun jista' jissewwa u jinġieb fi stat li jissokta l-vjaġġ għal-lok tad-destinazzjoni, ħlief jekk l-ispejjeż tat-tiswija jkunu iżjed minn tliet kwarti tal-valur tal-bastiment, bla ħsara tal-jedd tal-assigurat kontra l-assiguraturi għall-ispejjeż u l-avarija li jkunu tbatew.

Għandu jingħata avviż lill-assiguratur tat-tagħbija.

436. Jekk il-bastiment ikun ġie iddikjarat mhux tajjeb għall-baħar, il-parti li jkollha t-tagħbija assigurata, għandha, mingħajr dewmien, tinnotifika lill-assiguratur bl-aħbar li rċeviet.

Il-kaptan għandu jipprokura bastiment ieħor.

437. Il-kaptan għandu f'dan il-każ jagħmel ħiltu kollha li jipprokura bastiment ieħor biex jieħu l-merkanzija fil-lok tad-destinazzjoni tagħha.

Riskju fil-każ ta' tagħbija mill-ġdid fuq bastiment ieħor.

438. L-assiguratur jieħu r-riskju tal-merkanzija li terġa' tiġi mgħobbija fuq bastiment ieħor, fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, sakemm din il-merkanzija tasal u tinħatt.

Spejjeż li għalihom hu obbligat l-assiguratur.

439. Barra minn dan, l-assiguratur hu obbligat għall-avariji u għall-ispejjeż kollha tal-ħatt, tad-depożitu u kustodja fl-imħażen, u tat-tagħbija fuq bastiment ieħor, għal kull żieda fin-nol, u għal kull spiża oħra li ssir għas-salvataġġ tal-merkanzija, sa l-ammont tas-somma assigurata.

Jekk il-kaptan ma jgħabbix il-merkanzija fuq bastiment ieħor fi żmien xahrejn, l-assigurat jista' jagħmel l-abbandun.

440. Jekk fi żmien xahrejn il-kaptan ma setax isib bastiment ieħor biex igħabbi fuqu l-merkanzija u jeħodha fil-lok tad-destinazzjoni, l-assigurat jista' jagħmel l-abbandun ta' dik il-merkanzija.

Titolu IV

FUQ L-AVARIJI U L-ĠETTU U KONTRIBUZZJONI GĦALL-AVARIJI

Sub-titolu I

FUQ L-AVARIJI

Avarija.

441. Kull spiża straordinarja li ssir għall-bastiment waħdu jew għall-merkanzija waħidha, jew għat-tnejn flimkien, u kull ħsara li tiġri lill-bastiment jew lill-merkanzija minn x'ħin jitgħabbew jew jitilqu, sakemm jiġu lura jew jitħallew, jaqgħu taħt l-isem ta' avarija.

Regoli li għandhom jitħarsu meta ma hemmx ftehim speċjali.

442. Meta ma jkunx hemm ftehim speċjali bejn il-partijiet kollha, l-avariji huma regolati mid-dispożizzjonijiet li ġejjin.

Avariji ġenerali jew partikolari.

443. L-avariji huma ta' żewġ xorta: avarija grossa jew ġenerali, u avarija sempliċi jew partikolari.

Avariji ġenerali.

444. Huma avariji ġenerali:

(*a*) l-oġġetti mitfugħa l-baħar għas-sigurtà komuni, jew għall-ġid tal-bastiment u tat-tagħbija flimkien;

(*b*) il-gumni, l-arbli, il-qlugħ, u armar ieħor, li jiġu maqtugħin jew imkissrin għall-ħsieb fuq imsemmi;

(*ċ*) l-ankri, iċ-ċimi, jew ħwejjeġ oħra li jiġu abbandunati għall-ħsieb fuq imsemmi;

(*d*) il-ħsara li bil-ġettu ssir lill-merkanzija li tibqa' fuq il-

bastiment;

(*e*) il-ħsara li ssir apposta fil-bastiment biex tgħin il-ġettu, biex tħaffef il-bastiment, jew biex issalva l-merkanzija, jew biex tgħin il-ħruġ tal-ilma, u kull ħsara kollha li tbati t-tagħbija minħabba f'hekk;

(*f*) il-manteniment tal-baħrin matul iż-żmien tat-tiswijiet tal-ħsarat li jsiru apposta għas-sigurtà komuni;

(*g*) l-ispejjeż tal-ħatt biex jiħfief il-bastiment, u għad-dħul f'port jew lok ieħor, meta l-bastiment ikollu jagħmel hekk minħabba tempesta, jew minħabba li jkollu warajh xi egħdewwa jew pirati, jew minħabba raġuni oħra, għas-sigurtà tal-bastiment u tat-tagħbija;

(*h*) il-ħsara li ssir lill-bastiment waħdu, jew lit-tagħbija waħidha, jew lit-tnejn flimkien, jekk il-bastiment jiġi mitfugħ l-art apposta biex ma jinqabadx priża jew ma jintilifx, jew biex il-bastiment jew it-tagħbija jiġu meħlusa minn kull periklu ieħor li jkun fil-qrib, l-ispejjeż u s-salarji biex il-bastiment jerġa' jintrefa' f'wiċċ il-baħar; u l-ħlas għax-xogħol barrani sabiex tiġi meħlusa t-telfa jew il-priża fil-każijiet hawn fuq imsemmija;

(*i*) in ġenerali, il-ħsarat kollha li jitbatew apposta fil-każijiet ta' periklu, u l-ispejjeż magħmulin għall-ġid u għas-sigurtà komuni tal-bastiment u tal-merkanzija, miż-żmien tat-tagħbija u tat-tluq, sar-ritorn u l-ħatt.

Ħwejjeġ li jikkontribwixxu għall-avarija ġenerali.

445. Il-merkanzija, il-bastiment fl-istat li jkun fiż-żmien li jasal, u l-ammont nett tan-nol wara li jinqatgħu s-salarji u l-manteniment tal-baħrin, u spejjeż oħra tal-vjaġġ għandhom kollha, kull ħaġa skont ma jkun il-valur jew l-ammont tagħha, jikkontribwixxu għall-avarija ġenerali.

Kif jiġi magħmul il-prezz.

446. Il-prezz tal-merkanzija jiġi stabbilit skont il-valur tagħhom fil-lok tal-ħatt.

Avariji partikolari.

447. Huma avariji partikolari:

(*a*) il-ħsara li tiġri fil-merkanzija minħabba difett tagħha nfisha, jew minħabba tempesta, priża, għarqa, jew minħabba li l-bastiment imur l-art;

(*b*) l-ispejjeż magħmulin biex tiġi salvata l-merkanzija;

(*ċ*) it-telfa ta' gumni, ankri, qlugħ, arbli, jew ċimi, li ssir minħabba tempesta jew aċċident ieħor tal-baħar; l-ispejjeż li jsiru billi l-bastiment ikollu jidħol f'xi post minħabba t-telfa b'aċċident ta' dawn l-oġġetti, jew minħabba li jkollu bżonn jieħu proviżjon, jew sabiex jissewwa l-bastiment jekk dan ikun jagħmel l-ilma;

(*d*) is-salarji u l-manteniment tal-baħrin matul iż-żmien tat-tiswijiet tal-bastiment minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin f'dan l-artikolu;

(*e*) is-salarji u l-manteniment tal-baħrin matul il-kwarantina; u

(*f*) in ġenerali, l-ispejjeż kollha magħmulin u l-ħsara kollha li jbati l-bastiment waħdu, jew il-merkanzija waħidha, miż-żmien tat-tagħbija u tat-tluq tagħhom sa dak tar-ritorn u tal-ħatt, kemm-il darba dawn l-ispejjeż u ħsarat ma jkunux ġew magħmula jew ikkaġunati apposta, u għas-sigurtà komuni tal-bastiment u tat-tagħbija.

Min ibati u jħallas l-avariji partikolari.

448. L-avariji partikolari jitbatew u jitħallsu mis-sid tal-ħaġa li tbati l-ħsara jew li tikkaġuna l-ispiża.

Ħsara fil-merkanzija li ssir bi traskuraġni tal-kaptan jew tal-ekwipaġġ.

449. (1) Il-ħsarat li jsiru lill-merkanzija billi l-kaptan jonqos li jagħlaq il-bokkaporti, li jankra l-bastiment, jew li jipprovdi gumni tajba jew minħabba aċċidenti oħra li jiġru bi traskuraġni tal-kaptan jew tal-ekwipaġġ, huma wkoll avariji partikolari li għandu jbatihom sid il-merkanzija; iżda għal kull ħsara bħal din is-sid għandu azzjoni kontra l-kaptan, il-bastiment, u n-nol.

(2) Il-ħsarat li jbatu s-sidien tal-bastiment minħabba dewmien bla bżonn u iżjed milli jmiss fil-portijiet, iwieġeb għalihom il-kaptan.

Spejjeż ta' bdoti, rmonk, eċċ., mhumiex avariji.

450. Id-drittijiet ta' bdoti u ta' rmonk għad-dħul ta' bastiment f'portijiet jew f'postijiet, jew għall-ħruġ minnhom, l-ispejjeż ta' testimonjali, id-drittijiet ta' tunnellaġġ, u drittijiet oħra ta' navigazzjoni, mhumiex avariji, iżda huma sempliċi spejjeż li jbatihom il-bastiment, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (*g*) tal-artikolu 444.

Meta ma tistax issir azzjoni għal avarija.

451. Ma hemmx azzjoni għal avarija ġenerali jekk din l-avarija ma tkunx taqbeż il-wieħed fil-mija tal-valur tal-bastiment u tal-merkanzija flimkien, u ma hemmx azzjoni għal avarija partikolari jekk din l-avarija ma tkunx taqbeż il-wieħed fil-mija tal-valur tal-ħaġa li batiet il-ħsara.

Sub-titolu II

FUQ IL-ĠETTU U KONTRIBUZZJONI GĦALL-AVARIJA

Ġettu.

452. (1) Jekk minħabba tempesta jew minħabba li jkunu jiġru warajh l-egħdewwa, il-kaptan jidhirlu li hu dmir tiegħu, biex isalva l-bastiment, li jitfa' xi ħaġa l-baħar, jew li jaqtal-arbli, jew li jabbanduna l-ankri, għandu jieħu l-fehma tal-interessati li jkunu abbord tal-bastiment, u tal-membri prinċipali tal-ekwipaġġ.

(2) Jekk il-fehmiet ma jkunux jaqblu, tirbaħ il-fehma tal-kaptan.

Liema ħwejjeġ għandhom jintefgħu l-ewwelnett.

453. Il-ħwejjeġ li huma l-anqas meħtieġa, l-itqal, u li jiswew l-anqas, għandhom jintefgħu l-ewwel.

Id-deċiżjoni meħhuda għandha titniżżel bil-miktub.

454. (1) Il-kaptan għandu, mill-iżjed fis li jista' jkun, iniżżel bil-miktub id-deliberazzjoni meħuda dwar il-ġettu.

(2) Fid-deliberazzjoni għandhom jissemmew ir-raġunijiet li iġiegħlu li jsir il-ġettu, u l-oġġetti mitfugħa jew li batew ħsara; għandu jkun hemm fiha miġjuba l-ismijiet ta' dawk li jkunu qablu u ta' dawk li ma jkunux qablu mal-kaptan; u għandha tiġi ikkupjata fil-ġurnal.

Dikjarazzjoni ta' telfiet u ħsarat.

455. ld-dikjarazzjoni tat-telfiet u tal-ħsarat għandha ssir fil-lok fejn il-bastiment iħott.

Kif tiġi stmata l-merkanzija mitfugħa l-baħar.

456. Il-merkanzija mitfugħha l-baħar tiġi stmata skont il-prezz kif ikun miexi fil-lok tal-ħatt; ix-xorta u l-kwalità tagħha għandha tiġi ippruvata fuq kollox bil-poloz ta' kargu u bil-fatturi, jekk ikun hemm.

Kif għandu jsir il-qsim tat-telf.

457. It-telfiet u l-ħsarat jiġu mqassma fuq l-oġġetti mixħuta l-baħar u fuq dawk salvati, u fuq il-bastiment u fuq in-nol, fil-proporzjon tal-valur tagħhom fil-lok tal-ħatt.

Meta d-dikjarazzjoni tal-kwalità tal-merkanzija ma tkunx vera.

458. (1) Jekk fil-poloz ta' kargu tkun ġiet iddikjarata ħaġa b'oħra dwar il-kwalità tal-merkanzija, u jinsab li din il-merkanzija hija ta' valur akbar minn dak iddikjarat, hija għandha, jekk tiġi salvata, tikkontribwixxi skont l-istima tagħha; iżda, jekk tintilef tiġi mħallsa skont il-kwalità kif iddikjarata fil-polza ta' kargu.

(2) Jekk jinsab li l-merkanzija hija ta' kwalità inferjuri minn dik imsemmija fil-polza ta' kargu, hija għandha, jekk tiġi salvata, tikkontribwixxi skont il-kwalità msemmija fil-polza ta' kargu; iżda, jekk tiġi mitfugħa l-baħar jew tiġrilha ħsara, tiġi mħallsa skont il-valur tagħha.

Il-munizzjonijiet ta' gwerra, eċċ., ma jidħlux fil-kontribuzzjoni tal-avarija ġenerali.

459. (1) Il-munizzjonijiet ta' gwerra, il-proviżjonijiet, il-bagalji tan-nies tal-ekwipaġġ, u l-ilbies tal-użu tal-passiġġieri ma jidħlux fil-kontribuzzjoni tal-avarija ġenerali.

(2) Iżda, il-valur ta' dawn l-oġġetti, jekk jiġu mitfugħin il-baħar, jitħallas b'kontribuzzjoni fuq l-oġġetti l-oħra kollha.

Oġġetti mingħajr polza ta' kargu.

460. L-oġġetti li għalihom ma jkunx hemm polza ta' kargu, lanqas dikjarazzjoni tal-kaptan, ma jitħallsux jekk jiġu mitfugħin il-baħar, imma jikkontribwixxu jekk jiġu salvati.

Oġġetti mgħobbija fuq il-gverta.

461. (1) L-oġġetti mgħobbija fuq il-gverta tal-bastiment jikkontribwixxu, jekk jiġu salvati; jekk jiġu mitfugħin il-baħar, jew ibatu ħsara minħabba l-ġettu, sidhom ma jkollu jedd għal ebda kontribuzzjoni, iżda, għandu jedd ta' regress kontra l-kaptan, meta dan ikun responsabbli skont il-liġi.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-vjaġġi bejn Malta u Sqallija, jew bejn Malta u Tripli jew Tuneż, jew għal dawk l-oġġetti li b'użu jitgħabbew fuq il-gverta.

Jekk il-ġettu ma jsalvax il-bastiment.

462. Jekk il-ġettu ma jsalvax il-bastiment, ma jkun hemm ebda kontribuzzjoni, u l-merkanzija li ma tkunx ġiet mitfugħa l-baħar, u li ġiet salvata, ma tkunx obbligata la għall-ħlas u lanqas għall-indennizz ta' dik il-merkanzija l-oħra li tkun ġiet mitfugħa jew li batiet ħsara.

Jekk il-ġettu isalva l-bastiment li mbagħad jintilef.

463. Jekk il-ġettu jsalva l-bastiment, u jekk dan, meta jissokta l-vjaġġ, wara jintilef, l-oġġetti salvati jikkontribwixxu għall-ġettu, skont il-valur tagħhom fl-istat li jkunu jinsabu, wara li jinqatgħu l-ispejjeż tas-salvataġġ.

Ħsara li tiġri wara l-ġettu.

464. (1) L-oġġetti mitfugħin il-baħar ma jidħlux fil-kontribuzzjoni, fl-ebda każ, għall-ħlas ta' ħsarat li jiġru lill-merkanzija salvata wara l-ġettu.

(2) It-tagħbija ma tidħolx fil-kontribuzzjoni għall-ħlas tal-bastiment li jintilef jew li jsir mhux tajjeb għall-baħar, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 444.

Il-merkanzija tikkontribwixxi għat-tiswija tal-bastiment li jiġi miftuħ biex tiġi salvata.

465. Jekk il-bastiment jiġi miftuħ biex tinħareġ minnu l-merkanzija, din il-merkanzija tikkontribwixxi għat-tiswija tal-ħsara li ssir lill-bastiment.

Ebda kontribuzzjoni mill-merkanzija mqiegħda fuq id-dgħajjes.

466. Jekk il-bastiment jintilef bil-bqija tat-tagħbija, ma jkunx hemm jedd għall-kontribuzzjoni kontra l-merkanzija li titqiegħed fid-dgħajjes biex jitħaffef il-bastiment, lanqas jekk din il-merkanzija tasal salva fil-port.

Jekk l-oġġetti mitfugħa jiġu rkuprati.

467. Jekk, wara t-taqsim tal-kontribuzzjoni, l-oġġetti mitfugħa l-baħar jiġu rkuprati mis-sidien tagħhom, dawn is-sidien għandhom iroddu lill-kaptan u lill-interessati dak li jkunu ħadu mill-kontribuzzjoni, wara li jitnaqqsu d-danni li jkunu saru bil-ġettu, u l-ispejjeż tal-irkupru tal-oġġetti.

Sid il-merkanzija mhux obbligat jikkontribwixxi iżjed mill-valur tagħha.

468. Sid il-merkanzija ma jista' jiġi f'ebda każ imġiegħel jikkontribwixxi għall-avarija ġenerali iżjed mill-valur tal-merkanzija fiż-żmien li tasal.

Titolu V

FUQ IL-KREDITI PRIVILLEĠĠATI FUQ BASTIMENTI U BĊEJJEĊ OĦRA TAL-BAĦAR

L-artikoli minn 469 sa 476, imħassra bl-Att: XXXVII.1988.41.

TAQSIMA III

FUQ IL-FALLIMENT

Titolu I

Sostitwit: XXIII.2022.5.

FUQ ID-DIKJARAZZJONI TA' FALLIMENT

L-istat tal-falliment.

477. (1) Kull kummerċjant li, meta jitqies ukoll il-passiv kontinġenti u prospettiv tiegħu, ma jistax iħallas id-djun kummerċjali tiegħu, għandu jissospendi l-ħlas tad-djun kollha tiegħu, u għandu jkun, ma' dik is-sospensjoni, fi stat ta' falliment.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), jekk dejn kummerċjali dovut mill-kummerċjant jibqa' ma jitħallasx kollu jew parzjalment wara erbgħa u għoxrin (24) ġimgħa mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv kontra l-kummerċjant permezz ta' xi wieħed mit-titoli eżekuttivi speċifikati fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-kummerċjant għandu jissospendi l-ħlas tad-djun kollha tiegħu u jitqies li hu fi stat ta' falliment.

Kap. 12.

(3) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, il-kelma "kummerċjant" għandha, b'żieda mal-persuni msemmija fl-artikolu 4, tinkludi wkoll kwalunkwe persuna oħra fiżika jew ġuridika, fir-rigward ta' djun kummerċjali li għalihom tali persuna tkun, jew issir, responsabbli kemm bħala debitur prinċipali jew xort'oħra.

(4) F'din it-Taqsima, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, il-kliem li ġejjin għandhom it-tifsiriet hawn mogħtija lilhom:

(*a*) "dejn kummerċjali" tfisser kwalunkwe passiv inkors minn kwalunkwe persuna, kemm bħala debitur prinċipali jew xort'oħra, sa fejn dak il-passiv ġie inkors, jew mod ieħor ikun ġej minn xi passiv li oriġinarjament ġie inkors fil-waqt ta', f'konnessjoni ma', jew għall-finijiet ta', l-eżerċizzju ta' xi kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni mid-debitur oriġinali, u kwalunkwe passiv ieħor li l-Ministru responsabbli għar-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta jista' jippreskrivi permezz ta' regolamenti;

(*b*) "dejn personali" tfisser kwalunkwe passiv inkors minn kwalunkwe persuna, kemm bħala debitur prinċipali jew xort'oħra, li ma jkunx dejn kummerċjali;

(*ċ*) "dejn", meta użata waħedha, tfisser kwalunkwe passiv inkors minn kwalunkwe persuna, kemm bħala debitur prinċipali jew xort'oħra, u kemm jekk ikun dejn kummerċjali jew dejn personali; u

(*d*) "awtorità kompetenti" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza.

Kap. 632

(5) Dejn li jaqa' taħt is-subartikolu (4)(a), li ma jkunx ġie

inkors esklussivament fil-kors tal-attivitajiet imsemmija fis-subartikolu (4)(a), għandu, għall-finijiet ta' din it-Taqsima, jiġi ttrattat biss bħala dejn kummerċjali sal-limitu ta' dik il-parti tad-dejn li ġie inkors, jew li jkun ġie b'riżultat ta', l-attivitajiet imsemmija fis-subartikolu (4)(a), u l-fraži "dejn kummerċjali" għandha, għall-finijiet ta' din it-Taqsima, tinqara u tinftiehem skont hekk.

(6) Kwalunkwe trasferiment ta' attiv, ħlas ta' djun, jew att tal-kummerċ magħmula minn kummerċjant li jkun fi stat ta' falliment u li jkunu magħmula bejn id-data tas-sospensjoni ta' ħlasijiet u d-data tas-sentenza li tiddikjara l-falliment, għandhom, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni mill-qorti skont l-artikolu 482(3) li d-debitur ma huwiex fi stat ta' falliment, ikunu nulli u bla effett.

Dikjarazzjoni fil-qorti.

478. Mas-sospensjoni tal-ħlasijiet, kull kummerċjant għandu, mingħajr dewmien żejjed, jippreżenta dikjarazzjoni ta' falliment fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

Kontenut tad-dikjarazzjoni ta' falliment.

479. (1) Id-dikjarazzjoni ta' falliment ippreżentata mill-kummerċjant għandha tiġi konfermata bil-ġurament u għandha tinkludi s-segwenti:

(*a*) l-isem tal-kummerċjant u n-numru ta' identifikazzjoni jew reġistrazzjoni tiegħu;

(*b*) it-tip ta' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni, li fir-rigward tagħhom ġew inkorsi d-djun;

(*ċ*) l-isem, in-numru ta' identifikazzjoni jew reġistrazzjoni, u dettalji oħra ta' kull kreditur tal-kummerċjant flimkien mal-indirizz reġistrat tagħhom jew, fl-assenza ta' indirizz reġistrat, l-indirizz tal-post tan-negozju jew post ta' residenza tagħhom;

(*d*) il-valur u n-natura tad-djun tal-kummerċjant, kemm dawk kummerċjali kif ukoll dawk personali, u l-garanzija, jekk ikun hemm, li għandhom il-krediturі rispettivi; u

(*e*) tali informazzjoni oħra li l-Ministru jista', b'avviż, jistabbilixxi.

(2) Fil-każ tal-falliment ta' persuna ġuridika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi wkoll l-isem u l-post ta' residenza tal-persuni kollha fiżiċi li huma obbligati *in solidum* għad-djun tal-persuna ġuridika.

Produzzjoni tal-kotba.

480. Mad-dikjarazzjoni msemmija fl-artikoli ta' qabel dan, il-kummerċjant għandu, fl-istess ħin, jippreżenta fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), il-kotba, rekords u karti oħra kollha tal-kummerċ tiegħu:

Iżda, fejn il-kummerċjant ma jkunx persuna li għandha żżomm kotba tal-kummerċ skont l-artikolu 13, ikun biżżejjed li tali

persuna tippreżenta fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha li tista' tkun meħtieġa biex jiġu aċċertati ċ-ċirkostanzi li fihom ġew inkorsi d-djun rispettivi, flimkien ma' dikjarazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-persuna f'dak il-ħin billi jiġu verifikati l-attiv u l-passiv ta' tali persuna.

Dikjarazzjoni ta' falliment fuq talba ta' kreditur.

481. (1) Kwalunkwe kreditur jista', kemm jekk id-dejn dovut lilu hu dejn kummerċjali jew xort'oħra, u minkejja li tali kreditu jkun għad ma għalaqx, jaġixxi bi proċedura sommarja fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), kontra kummerċjant li jkun debitur tiegħu, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, u jitlob dikjarazzjoni li dan il-kummerċjant hu fi stat ta' falliment.

Id-dikjarazzjoni ma tistax tintalab mill-wild kontra l-ġenitur jew bil-maqlub, eċċ.

(2) Dikjarazzjoni ta' falliment ma tistax tintalab minn wild kontra l-ġenitur, jew mill-ġenitur kontra l-wild, jew minn konjuġi kontra l-oħra jew l-ieħor.

Meta d-dikjarazzjoni tista' tintalab wara l-mewt tal-kummerċjant.

(3) Il-falliment ta' kummerċjant, li jkun persuna fiżika, jista' jiġi ddikjarat wara mewtu, jekk qabel ma miet hu kien issospenda l-ħlasijiet; f'dak il-każ, id-dikjarazzjoni tal-falliment ma tistax tiġi mitluba mill-kredituri ħlief fi żmien tliet (3) xhur mill-mewt tad-debitur.

Il-kreditur li jitlob sentenza ta' dikjarazzjoni ta' falliment għandu jagħti garanzija.

(4) Fil-każ ta' talba għal dikjarazzjoni ta' falliment kif provdut f'dan l-artikolu, il-kreditur li jagħmel it-talba għandu, fl-istess ħin li jagħmel dik it-talba, jobbliga ruħu b'garanzija, li tkun ekwivalenti għall-ogħla minn għaxra fil-mija (10%) tad-dejn dovut lil tali kreditur jew elf euro (€1,000) favur id-debitur li kontra tiegħu ssir it-talba, sabiex il-kawża tipprosegwi mingħajr dewmien u li jipprova t-talba tiegħu; fin-nuqqas ta' dan, il-qorti tista' tordna li s-somma tal-garanzija tiġi mħallsa, kollha jew parzjalment, lill-parti li favur tagħha l-garanzija tkun ġiet mogħtija:

Iżda, dan il-ħlas mhuwiex ta' ostakolu għal azzjoni kontra l-kreditur għal danni u imgħaxijiet naxxenti minn dik il-proċedura.

Sejħa lill-krediturі.

482. (1)Meta tkun ġiet ippreżentata dikjarazzjoni ta' falliment skont l-artikolu 479, ir-reġistratur għandu, b'avviż, isejjaħ lill-krediturі msemmija fid-dikjarazzjoni biex jidhru quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), f'dik id-data, u f'tali ħin li għandu jiġi speċifikat fl-avviż relevanti, li tkun data mhux iżjed tard minn tletin (30) ġurnata mid-data li fiha tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni, u jgħidu għaliex id-debitur tagħhom m'għandux jiġi ddikjarat li hu fi stat ta' falliment, u biex jagħmlu sottomissjonijiet rigward il-ħatra ta' trustee tal-falliment mill-qorti. Ir-reġistratur għandu jara li l-avviż jiġi notifikat lill-krediturі msemmija fid-dikjarazzjoni, u li l-avviż, flimkien mad-dikjarazzjoni, jiġu ppubblikati permezz ta' avviż li fih astratt fil-Gazzetta u f'gazzetta waħda (1) jew iżjed ta' kuljum.

(2) Meta ssir talba għad-dikjarazzjoni ta' falliment skont l-artikolu 481, ir-reġistratur, għandu, b'avviż, isejjaħ lid-debitur imsemmi fid-dikjarazzjoni biex jidher quddiem il-Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Kummerċ), f'dik id-data, u f'tali ħin li għandu jiġi speċifikat fl-avviż relevanti, li tkun data mhux iżjed tard minn tletin (30) ġurnata mid-data li fiha tkun ġiet mitluba d-dikjarazzjoni, u jgħid għaliex m'għandux jiġi ddikjarat li hu fi stat ta' falliment. Ir-reġistratur għandu jara li l-avviż jiġi notifikat lill-kreditur li jagħmel it-talba, u li l-avviż, flimkien mad-dikjarazzjoni, jiġu ppubblikati permezz ta' avviż li fih astratt fil-Gazzetta u f'gazzetta waħda (1) jew iżjed ta' kuljum, li jsejjaħ persuni interessati biex jgħidu għaliex id-debitur m'għandux jiġi ddikjarat li hu fi stat ta' falliment, u biex jagħmlu sottomissjonijiet rigward il-ħatra ta' trustee tal-falliment mill-qorti.

(3) Fejn il-qorti, waqt il-proċeduri hawn fuq imsemmija, tkun sodisfatta li tkun ġiet murija kawża għala d-debitur m'għandux jiġi ddikjarat li hu fi stat ta' falliment, il-qorti għandha, b'sentenza, tiddikjara li d-debitur mhuwiex fi stat ta' falliment u tordna l-ispejjeż kontra l-parti telliefa. Il-qorti għandha wkoll tordna li astratt tad-deċiżjoni jiġi ppubblikat permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

(4) Fejn il-qorti, waqt il-proċeduri hawn fuq imsemmija, tkun sodisfatta li ma tkun ingħatat l-ebda raġuni li għaliha d-debitur ma għandux jiġi ddikjarat li hu fi stat ta' falliment, il-qorti għandha tagħti sentenza li biha tiddikjara l-falliment.

(5) Fil-każ li l-qorti tkun tal-fehma li d-dikjarazzjoni ta' falliment magħmula mid-debitur skont l-artikolu 479, jew id-dikjarazzjoni ta' falliment mitluba mill-kreditur skont l-artikolu 481, hi frivola u vessatorja, il-qorti tista' tikkundanna lill-parti telliefa għad-doppju tal-ispejjeż.

L-għemil ta' atti u proċeduri.

483. (1) Jekk il-kreditur li fuq it-talba tiegħu jkun ġie ddikjarat il-falliment jonqos li jgħaddi għall-eżekuzzjoni, bi spejjeż tiegħu, ta' dawk l-atti u proċeduri li jkunu meħtieġa biex iwasslu għall-għemil ta' ordni dwar falliment, kwalunkwe kreditur ieħor, kif ukoll il-fallut innifsu, jista' jgħaddi għall-eżekuzzjoni ta' dawk l-atti jew proċeduri.

Rimborż ta' spejjeż li jsiru mill-kreditur.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 499, l-ispejjeż kollha meħtieġa inkorsi waqt proċeduri ta' falliment għandhom jiġu mħallsa lura lill-kreditur li jkun ħariġhom mill-flus li jidħlu akkont tal-patrimonju tal-falliment, bi preferenza fuq kwalunkwe dejn ieħor.

Sospensjoni ta' talbiet.

484. (1) L-eżekuzzjoni ta' talbiet ta' natura monetarja kontra l-fallut jew il-patrimonju tal-falliment għandha tiġi sospiża fir-rigward tad-djun kollha msemmija fl-artikolu 487 mal-għoti tas-sentenza li tiddikjara falliment.

(2) Is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' talbiet kif prevista fis-subartikolu (1), għandha tieqaf fil-konfront tal-fallut marrijabilitazzjoni tal-fallut skont l-artikoli 524(1)(b) jew 534(1)(b), kif ikun il-każ.

Atti frawdolenti tal-krediturihuma nulli jew annullabbli.

485. Kull att li jittrasferixxi beni, kemm korporali jew inkorporali, inkluż kwalunkwe rinunzja għal kwalunkwe suċċessjoni jew għal preskrizzjoni akkwistata, u kull obbligazzjoni mġarrba, jew att ieħor magħmula mill-fallut sabiex jiffroda l-krediturii tiegħu, għandu jkun null u mingħajr effett anke jekk il-partijiet interessati jkunu aġixxew u, jew huma b'*bona fide*.

Il-fallut huwa spussessat mill-proprjetà tiegħu.

486. (1) Mal-ħatra ta' trustee tal-falliment skont l-artikolu 488, il-fallut għandu jkun *ipso jure* spussessat mit-titolu eżistenti tiegħu għall-attiv kollu, minbarra dawk imsemmija fl-artikolu 492, kemm korporali u inkorporali, u kemm jekk ikunu jew ma jkunux jirrigwardaw in-negozju tiegħu. Il-proprjetà ta' tali attiv, bl-operat tal-liġi, għandu jgħaddi favur u jiġi vestit fit-trustee tal-falliment li għandu jirċievi u jżomm tali attiv għall-benefiċċju tal-korp tal-krediturii. Id-djun kollha, inklużi d-djun imsemmija fl-artikolu 487, għandhom, bl-operat tal-liġi, isiru dovuti u għandhom jitħallsu mill-patrimonju tal-falliment kif vestit fit-trustee tal-falliment:

Iżda, minkejja kwalunkwe liġi oħra, l-ebda piż, imposta jew drittijiet oħra ma għandhom isiru pagabbli f'Malta bħala taxxa, dazju jew tariffa jew imposta oħra governattiva, minkejja l-mod li bih tkun deskritta, fuq, jew bħala riżultat tat-trasferimenti kkontemplati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(2) Kull ma jgħaddi favur il-fallut wara l-falliment iżda qabel ikunu seħħew l-avvenimenti msemmija fl-artikoli 524(1) jew 534(1), kif ikun il-każ, għandu, bl-operat tal-liġi, meta u kif dan hekk jgħaddi, jiġi vestit fit-trustee tal-falliment li għandu jirċievi u jżomm il-beni għall-benefiċċju tal-korp tal-krediturii:

Iżda, minkejja kwalunkwe liġi oħra, l-ebda piż, imposta jew drittijiet oħra ma għandhom isiru pagabbli f'Malta bħala taxxa, dazju jew tariffa jew imposta oħra governattiva, minkejja l-mod li bih tkun deskritta fuq, jew bħala riżultat, tat-trasferimenti kkontemplati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Kwalunkwe attiv li jgħaddi favur it-trustee tal-falliment bl-operat tas-subartikoli (1) u (2) għandu jiġi riċevut mit-trustee tal-falliment, bla ħsara għal kull jedd ta' terzi, kemm reali jew personali, eżistenti f'dak iż-żmien, liema jeddijiet għandhom jiġu ppreservati u m'għandhomx b'hekk jiġu ppreġudikati.

Id-dejn tal-fallut mhux magħluq isir eżegwibbli mad-dikjarazzjoni tal-falliment.

487. Id-djun li għandu jagħti l-fallut, li jkunu għadhom ma għalqux, ukoll jekk privileġġati, b'rahan jew b'ipoteka, għandhom isiru pagabbli bis-sentenza tal-qorti li tiddikjara l-falliment.

Sostitwit: XXIII.2022.6.

Titolu II

FUQ IL-JEDDIJIET U L-OBBLIGI TAT-TRUSTEE TAL-FALLIMENT

Ħatra ta' trustee tal-falliment.

488. (1) Il-qorti għandha fis-sentenza li biha tiddikjara l-falliment, taħtar persuna waħda (1) jew iżjed bħala trustee tal-falliment biex teżerċita l-funzjonijiet mogħtija lit-trustee tal-falliment taħt din it-Taqsima:

Iżda, meta tinħatar iżjed minn persuna waħda (1) bħala trustee tal-falliment, il-persuni hekk maħtura għandhom jaġixxu flimkien bħala trustee tal-falliment u flimkien ikunu responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet mogħtija lit-trustee tal-falliment taħt din it-Taqsima.

(2) It-trustee tal-falliment għandu jitqies bħala uffiċjal tal-qorti, u b'hekk għandu jkun soġġett għall-ordnijiet tal-qorti.

(3) F'każ ta' mewt, interdizzjoni, inabilitazzjoni jew riżenja tat-trustee tal-falliment, jew xi waħda (1) jew iżjed mill-persuni hekk maħtura, il-qorti għandha, fuq talba ta' kwalunkwe persuna interessata jew minn jeddha, tirrilaxxa lil dik il-persuna jew persuni mill-ħatra tagħhom. Il-qorti għandha taħtar persuna waħda (1) jew iżjed bħala trustee tal-falliment sostitut, u minnufih mal-ħatra, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 486, 489 u 490 għandhom *mutatis mutandis* jgħoddu għat-trustee tal-falliment sostitut.

(4) Kwalunkwe persuna interessata tista', fi żmien għoxrin (20) ġurnata mill-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fl-artikolu 490, tippreżenta rikors lill-qorti għas-sostituzzjoni tat-trustee tal-falliment abbażi li t-trustee mhuwiex tajjeb u kapaċi, kemm minħabba l-preżenza ta' konflitt ta' interess jew għal xi raġuni valida oħra.

Awtorizzazzjoni tat-trustee tal-falliment. Kap. 632.

489. It-trustee tal-falliment maħtur mill-qorti għandu jkun persuna debitament awtorizzata biex taġixxi f'dik il-kariga skont l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza, u li l-qorti jidhrilha li hi tajba biex fedelment taqdi l-obbligi tal-kariga tagħha.

Pubblikazzjoni ta' astratt tas-sentenza fil-Gazzetta.

490. (1) It-trustee tal-falliment għandu, fi żmien erbatax (14)-il ġurnata mis-sentenza li tiddikjara l-falliment, jinnotifika lill-awtorità kompetenti u lir-reġistratur b'tali sentenza, u jara li jiġi ppubblikat avviż, li jkun fih astratt tas-sentenza, fil-Gazzetta u f'gazzetta waħda (1) jew iżjed, liema avviż għandu jindika b'mod ċar l-isem, il-kunjom u l-indirizz tan-negozju tal-persuna jew persuni maħtura bħala trustee tal-falliment.

(2) Astratt tas-sentenza li tiddikjara l-falliment għandu wkoll jiġi insinwat fir-Reġistru Pubbliku fi żmien erbatax (14)-il ġurnata mis-sentenza.

Tneħħija tat-trustee tal-falliment.

491. (1) Il-qorti tista', f'kull stadju tal-proċeduri, minn jeddha jew fuq talba ta' wieħed (1) jew iżjed mill-krediturі jew tal-fallut, tneħħi t-trustee tal-falliment.

(2) Ma jkunx hemm appell minn deċiżjoni tal-qorti magħmula

skont is-subartikolu (1).

(3) Mat-tneħħija tat-trustee tal-falliment mill-qorti, il-qorti għandha taħtar trustee tal-falliment sostitut u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 488 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Beni li tista' tinżamm mill-fallut.

492. Meta l-fallut hu persuna fiżika, il-fallut għandu jkollu d-dritt iżomm l-użu, il-pussess u l-proprjetà ta' kwalunkwe beni li tappartjeni lilu li, kif il-fallut jista' raġonevolment juri għas-sodisfazzjon tat-trustee tal-falliment, tikkomprendi:

(*a*) ir-residenza prinċipali tal-fallut;

(*b*) kwalunkwe vettura, għodda, jew tagħmir tal-fallut, sa fejn il-fallut jista' raġonevolment juri li dawn huma meħtieġa minnu għat-twettiq ta' xi attività li hi permissibbli skont l-artikolu 498(3);

(*ċ*) kwalunkwe lbies u beni mobbli oħra meħtieġa għall-użu personali tal-fallut jew ta' kwalunkwe persuna li tkun tiġi minnu b'konsangwinità jew affinità sat-tielet grad inklużivament;

(*d*) kwalunkwe provvisti mediċi jew tagħmir mediku tal-fallut, safejn il-fallut jista' raġonevolment juri li dawn huma meħtieġa għall-benesseri fiżiku u mentali tiegħu jew għal dak ta' kwalunkwe persuna oħra li tkun tiġi minnu b'konsangwinità jew affinità sat-tielet grad inklużivament; u

(*e*) kwalunkwe jedd tan-nomina li l-fallut jista' jkollu għal xi benefiċċju ekkleżjastiku vakanti.

Qbid ta' beni.

493. (1) Sabiex jiġi assigurat il-pussess tal-beni tal-fallut, kompriżi l-kotba, ir-rekords u karti oħra tiegħu, it-trustee tal-falliment għandu jippreżenta rikors fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), għall-ħruġ ta' mandat ta' qbid kontra kwalunkwe persuna li jista' jkollha l-pussess tal-beni, inkluż il-fallut.

(2) Fil-każ tal-falliment ta' persuna ġuridika, il-mandat ta' qbid jiġi eżegwit mhux biss fuq l-uffiċċji prinċipali jew binjiet tal-fallut, iżda wkoll fuq ir-residenza jew binjiet ta' kull waħda mill-persuni li huma obbligati *in solidum* għad-djun tal-persuna ġuridika.

Il-kotba huma miftuħa biex jarawhom il-partijiet interessati.

494. Il-kotba, rekords u l-karti l-oħra tal-fallut għandhom jinżammu f'dak il-post kif il-qorti tista' tordna, u jistgħu jarawhom il-partijiet kollha interessati fuq talba bil-miktub magħmula lit-trustee tal-falliment, sakemm it-trustee tal-falliment hu sodisfatt li l-persuna li tagħmel it-talba hi persuna interessata.

Patrimonju tal-falliment.

495. (1) Il-patrimonju tal-falliment għandu jinkludi kull somma dovuta lill-fallut, inkluża kwalunkwe somma li l-fallut jirċievi mit-twettiq ta' xi attività skont l-artikoli 496, 497 u 498:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jintemmu meta jiġu mibdula bi ftehim dwar id-djun jew ordni dwar

falliment magħmula skont din it-Taqsima, u fi kwalunkwe każ, m'għandhomx jibqgħu japplikaw għal perjodu itwal minn tliet (3) snin mid-data tas-sentenza li tiddikjara l-falliment.

(2) Fejn il-fallut iwettaq attivitajiet skont l-artikolu 498(3), il-fallut għandu d-dritt jirċievi mingħand it-trustee tal-falliment, minn kull somma dovuta lill-fallut bħala rimunerazzjoni għal tali attivitajiet, ammont ta' flus li jiġi determinat mit-trustee tal-falliment, liema ammont ma jkunx inqas mill-paga minima nazzjonali għal persuni li jkollhom tmintax-il (18) sena jew iżjed, ikkalkulata pro rata matul il-ħatra tat-trustee tal-falliment.

(3) Fejn il-fallut ma jkunx jista', għal raġunijiet li t-trustee tal-falliment isib li huma leġittimi, iwettaq attivitajiet skont l-artikolu 498(3), il-fallut ikun intitolat li jirċievi, mill-patrimonju tal-falliment, benefiċċju li m'għandux ikun anqas mill-paga minima nazzjonali stabbilita għal persuni ta' tmintax-il (18) sena u aktar, ikkalkolata pro rata tul iż-żmien li matulu jiġi maħtur it-trustee tal-falliment.

(4) L-ammont imsemmi fis-subartikoli (2) u (3) għandu jkun ogħla mill-paga minima nazzjonali fejn il-fallut raġonevolment juri għas-sodisfazzjon tat-trustee tal-falliment li l-fallut għandu l-ħtieġa prevalenti għas-somma addizzjonali minħabba ċirkostanzi gravi u ġustifikabbli li huma speċifiċi għall-fallut jew għad-dipendenti tiegħu.

Bejgħ ta' assi li jitħassru.

496. (1) It-trustee tal-falliment għandu jbigħ mingħajr dewmien, permezz ta' rkantatur liċenzjat jew mod ieħor l-assi li t-trustee tal-falliment jidhirlu li jitħassru.

(2) Assi li jitħassru li dwarhom ma jkunx ġie eżerċitat id-dritt ta' rivendikazzjoni skont it-Titolu III qabel il-bejgħ tagħhom, għandhom jinbiegħu skont is-subartikolu (1), u kwalunkwe dritt rispettiv ta' rivendikazzjoni għandu jiġi estint u r-rikavat għandu jifforma parti mill-patrimonju tal-falliment skont l-artikolu 495.

Bejgħ ta' assi li ma jitħassrux.

497. (1) L-assi li ma jitħassrux ma jistgħux jinbiegħu mit-trustee tal-falliment qabel il-konferma tal-pattijiet proposti għal ftehim dwar id-djun skont it-Titolu V jew il-bejgħ tal-assi miżmuma bi trust skont it-Titolu VI, kif ikun il-każ, ħlief b'eżekuzzjoni ta' sentenza sommarja tal-qorti fuq rikors ġuramentat maħruġ kontra l-partijiet interessati.

(2) Fid-deċiżjoni dwar ir-rikors ġuramentat, il-qorti għandha, fost affarijiet oħra, tikkonsidra:

(*a*) jekk il-valur tal-attiv hux ser ikun sostanzjalment ippreservat bil-bejgħ immedjat tiegħu;

(*b*) jekk it-trustee tal-falliment għandux bżonn ta' likwidità addizzjonali biex ikompli l-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tal-fallut skont l-artikolu 498; u

(*ċ*) jekk il-fallut għandux bżonn ta' flus urġentement sabiex jissodisfa l-ispejjeż tiegħu ta' kuljum ordinarji u raġonevoli.

(3) Ma jkunx hemm appell minn deċiżjoni tal-qorti magħmula skont is-subartikolu (1).

It-trustee tal-falliment jista' jissokta n-negozju.

498. (1) It-trustee tal-falliment jista', bl-awtorizzazzjoni tal-qorti b'digriet, fejn ikun possibbli, jara li jissoktaw il-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tal-fallut, meta t-trustee tal-falliment ikun tal-fehma li tali ssoktar ikun mezz biex jiżdied l-attiv għall-benefiċċju tal-korp tal-krediturі:

Iżda, skont kif jista' jkun meħtieġ għall-issoktar tal-kummerċ, tan-negozju, tas-sengħa jew tal-professjoni, it-trustee tal-falliment jista' jitlob l-awtorizzazzjoni mill-qorti biex jagħmel użu minn kwalunkwe beni miżmuma fi trust fl-eżerċizzju ta' tali kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni.

(2) Il-qorti għandha, mal-għoti ta' tali awtorizzazzjoni b'digriet, tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha li huma l-aktar vantaġġużi għall-interessi tal-korp tal-krediturі:

Iżda fejn kwalunkwe kreditur, jippreżenta oppożizzjoni għal dik l-awtorizzazzjoni, il-qorti tista', meta tingħata raġuni tajba, u wara li tisma' lit-trustee tal-falliment, tirtira l-awtorizzazzjoni.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-fallut ma għandux iwettaq kwalunkwe att tal-kummerċ sakemm ma jkunx ġie rijabilitat skont din it-Taqsima. Kwalunkwe fallut li hu persuna fiżika jista' qabel ma jiġi rijabilitat skont l-artikoli 524(1)(b) jew 534(1)(b), kif ikun il-każ, iwettaq legalment xi attività:

Iżda, t-twettiq ta' dik l-attività m'għandhiex tirrikjedi, tkun il-kawża ta', jew teħtieġ, it-twettiq ta' xi atti tal-kummerċ mill-fallut:

Iżda wkoll li t-twettiq ta' xi att ta' amministrazzjoni straordinarja, skont l-artikolu 1322 tal-Kodiċi Ċivili, mill-fallut wara d-dikjarazzjoni ta' falliment iżda qabel ir-rijabilitazzjoni skont l-artikoli 524(1)(b) jew 534(1)(b), kif ikun il-każ, għandu, f'kull żmien, jeħtieġ minn qabel il-kunsens espress bil-miktub tat-trustee tal-falliment.

Kap. 16.

Somma ta' flus li t-trustee tal-falliment jista' jżomm fi trust.

499. (1) It-trustee tal-falliment jista' jżomm dik is-somma jew somom kif il-qorti għandha tiddeċiedi, sabiex jitħallas it-trustee tal-falliment u jagħmel tajjeb għal kwalunkwe spejjeż li t-trustee tal-falliment jista' raġonevolment jagħmel fit-twettiq tal-obbligi tiegħu skont din it-Taqsima, bħala l-ewwel spiża mill-patrimonju tal-falliment li tiġi qabel kull spiża oħra. Il-flejjes l-oħra kollha għandhom jibqgħu jinżammu mit-trustee tal-falliment fi trust, distinti u separati mill-beni personali tat-trustee tal-falliment u

minn beni oħra miżmuma mit-trustee tal-falliment taħt kwalunkwe trust oħra.

(2) Il-Ministru jista', b'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Att dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza, jagħmel regolamenti dwar il-ħlas tal-ispejjeż u r-remunerazzjoni tat-trustee tal-falliment.

Kap. 632.

(3) Il-Qorti għandu jkollha s-setgħa tordna li l-ispejjeż u r-remunerazzjoni tat-trustee tal-falliment jiġu mħallsa skont kif provdut f'regolamenti magħmula skont is-subartikolu (2).

Azzjoni kontra trustee tal-falliment.

500. (1) Tista' tiġi eżerċitata biss azzjoni kontra t-trustee tal-falliment minn parti interessata għar-raġuni li t-trustee tal-falliment ikun naqas milli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, kemm jekk jirriżultaw minn din it-Taqsima jew b'ordni tal-qorti.

(2) It-trustee tal-falliment għandu jkun personalment responsabbli mingħajr limitu għal kwalunkwe danni kkaġunati bħala riżultat ta' qerq jew negliġenza kbira min-naħa tiegħu.

Żamma fis-sħiħ tal-jeddijiet.

501. (1) It-trustee tal-falliment, malli jiġi maħtur, għandu jagħmel kull att meħtieġ sabiex il-jeddijiet tal-fallut lejn id-debituri tiegħu jinżammu sħaħ, u għandu wkoll jara li ssir l-iskrizzjoni fir-Reġistru Pubbliku ta' kwalunkwe ipoteka fuq il-beni tad-debituri tal-fallut, jekk dan ma jkunx ġà ħa ħsiebha.

(2) It-trustee tal-falliment għandu l-obbligu li jħarrek għall-ħlas ta' kwalunkwe djun dovuti lill-fallut, għall-benefiċċju tal-patrimonju tal-falliment.

(3) It-trustee tal-falliment ma jistax jidħol fi kwalunkwe kompromess jew jissottometti kwalunkwe kwistjoni f'arbitraġġ, mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-krediturì li jkunu jirrappreżentaw l-akbar sehem fil-valur tal-krediturì tal-fallut, u l-awtorizzazzjoni tal-qorti.

Tħejjija tal-inventarju.

502. (1) Fi żmien tletin (30) ġurnata mis-sentenza li tiddikjara l-falliment, it-trustee tal-falliment għandu jagħmel inventarju tal-beni li jikkomprendu l-patrimonju tal-falliment u jippreżenta tali inventarju fir-reġistru:

Iżda l-inventarju għandu jiġi aġġornat mit-trustee tal-falliment kull darba li t-trustee tal-falliment jista' jidhirlu meħtieġ, billi jittieħed qies tal-fatti u ċ-ċirkostanzi, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mill-aħħar preżentazzjoni tal-inventarju.

(2) Il-perjodu għat-tħejjija tal-inventarju oriġinali jista', fuq talba tat-trustee tal-falliment u għal raġuni ġusta, jiġi estiż għal mhux aktar minn ħamsa u erbgħin (45) ġurnata.

(3) Kull kreditur għandu d-dritt, u l-fallut hu obbligat, li jassisti fit-tħejjija tal-inventarju.

X'għandu jkun fih l-inventarju.

503. L-inventarju għandu jkun fih lista vera, flimkien ma' deskrizzjoni u stima tal-valur tal-beni mobbli u immobbli kollu li jifforma l-patrimonju tal-falliment miżmum fi trust mit-trustee tal-

falliment, dikjarazzjoni tad-djun dovuti lil jew li għandhom jitħallsu mill-patrimonju tal-falliment, dikjarazzjoni tal-qligħ u telf tal-fallut, u dikjarazzjoni tal-ispejjeż.

Setgħa tal-qorti.

504. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), tista', minn rajha jew fuq talba tat-trustee tal-falliment jew ta' wieħed (1) jew iżjed mill-krediturі, iġġiegħel lill-fallut u lil kwalunkwe persuna oħra tiddikjara, bil-ġurament, kull informazzjoni li jidhrilha li hija meħtieġa jew li tiswa fl-interess tal-korp tal-krediturі jew għat-tħejjija tal-inventarju, jew biex tikkonferma bil-ġurament il-preċiżjoni tal-inventarju.

Titolu III

Sostitwit: XXIII.2022.7.

FUQ IR-RIVENDIKAZZJONI

Rivendikazzjoni ta' kambjali, eċċ.

505. F'każ ta' falliment, jistgħu, bil-liġi, jiġu mitlubin lura l-kambjali u titoli oħra kollha ta' kreditu li jkunu għadhom ma tħallsux u li jkunu jinsabu *in natura* fil-pussess tal-fallut fi żmien il-falliment tiegħu, kemm-il darba dawn il-kambjali jew titoli ta' kreditu jkunu ġew magħmula minn sidhom b'ordni għall-inkass akkont tiegħu nnifsu.

Rivendikazz-joni ta' merkanzija.

506. (1) Tista' wkoll, bil-liġi, tintalab lura l-merkanzija kkunsinnata lill-fallut taħt depożitu jew mibjugħa akkont ta' sidha, saż-żmien kollu li tkun teżisti *in natura*, kollha jew biċċa minnha.

(2) Jista' jintalab lura wkoll, bil-liġi, il-prezz jew il-biċċa tal-prezz ta' din il-merkanzija li ma jkunx ġie mħallas bi flus jew xort'oħra, jew li ma tkunx saret tpaċija tiegħu f'kont kurrent bejn il-fallut u x-xerrej.

Rivendikazz-joni ta' merkanzija mibjugħa lill-fallut.

507. (1) Tista' tintalab lura l-merkanzija mibjugħa lill-fallut jew mibgħuta akkont tiegħu, sakemm tkun fil-pussess tiegħu jew fil-pussess tat-trustee tal-falliment.

(2) Madankollu, dan il-jedd ta' rivendikazzjoni jista' ma jgħoddx fejn, qabel ma tasal il-merkanzija, tkun, mingħajr qerq, ġiet mibjugħa fuq fatturi jew poloz ta' kargu ffirmati minn dak li bagħat il-merkanzija.

(3) Il-parti li tagħmel ir-rivendikazzjoni hija obbligata trodd lill-patrimonju tal-falliment l-akkonti li tkun ħadet, kif ukoll dak kollu li jkun ġie mħallas bil-quddiem għan-noll, kummissjoni, assigurazzjoni jew spejjeż oħra, u għandha tħallas il-bilanċ ta' dawk li jkun għad irid jitħallas.

Merkanzija li għad ma ġietx ikkunsinnata lill-fallut.

508. Il-bejjiegħ jista', bil-liġi, iżomm kwalunkwe merkanzija mibjugħa minnu lill-fallut, u li tkun għadha ma tħallsitx mill-fallut u li tkun għad ma ġietx ikkunsinnata lill-fallut jew li tkun għad ma ntbagħtitx lilu jew lil terza parti akkont tiegħu.

Setgħa tat-trustee tal-falliment li jirtira l-merkanzija.

509. Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 507 u 508, it-trustee tal-falliment jista' jieħu l-merkanzija billi jħallas lill-bejjiegħ il-prezz miftiehem bejnu u l-fallut.

Sostitwit: XXIII.2022.8.

Titolu IV

FUQ IL-VERIFIKA TA' DJUN KONTRA L-PATRIMONJU TAL-FALLIMENT

Lista tal-krediturі.

510. (1) Fi żmien erbatax-il (14) ġurnata minn meta jiġi ppreżentat l-inventarju fir-reġistru, it-trustee tal-falliment għandu jħejji lista tal-krediturі kollha, u jippreżenta tali lista fir-reġistru.

Laqgħa tal-krediturі.

(2) Fi żmien erbatax-il (14) ġurnata mill-preżentata tal-lista ta' krediturі fir-reġistru, ir-reġistratur għandu, fuq ordni tal-qorti, isejjaħ laqgħa tal-krediturі permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta u f'gazzetta waħda (1) jew iżjed, liema laqgħa għandha ssir mhux iżjed tard minn tletin (30) ġurnata minn tali ordni, fil-preżenza tal-qorti fil-ġurnata u fil-post iffissati fl-avviż:

Iżda għandha tiġi notifikata kopja tal-avviż lill-krediturі elenkati fl-indirizz tagħhom residenzjali jew tan-negozju, permezz ta' ittra reġistrata.

Organizzazzjoni tad-djun.

(3) F'tali laqgħa, it-trustee tal-falliment għandu jippreżenta reġistru tad-djun bil-miktub, li permezz tiegħu t-trustee tal-falliment għandu jeżamina d-djun tal-fallut u jorganizza d-djun separatament fi djun kummerċjali u djun personali, meta jitqiesu l-kwalità u n-natura ta' tali djun, u l-mod kif ġew fis-seħħ jew ġew inkorsi:

Iżda fil-każ fejn ir-reġistru tad-djun jikkomprendi dejn li ma jkunx ġie inkors esklussivament fit-twettiq ta' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni, it-trustee tal-falliment għandu jindika tali dejn bħala dejn kummerċjali biss sal-limitu li d-dejn ġie inkors b'mod li jġiegħel li d-dejn jiġi ttrattat bħala dejn kummerċjali skont l-artikolu 477, speċjalment meta jitqiesu:

(*a*) il-mod kif kwalunkwe attiv, merkanzija jew servizz li ġie akkwistat permezz tad-dejn taħt verifika ġie utilizzat jew ikkunsmat;

(*b*) l-importanza ta' kwalunkwe attiv, merkanzija jew servizz li ġie akkwistat permezz tad-dejn taħt verifika, fir-rigward tal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tal-fallut u l-mod kif tali attiv, merkanzija jew servizz ġie integrat fil-prattiċi kummerċjali tal-fallut u invokati għall-finijiet tiegħu; u

(*ċ*) sa fejn kwalunkwe attiv, merkanzija jew servizz li ġie akkwistat permezz tad-dejn taħt verifika, kien ta'

benefiċċju għal għanijiet mhux konnessi mal-kummerċ, negozju sengħa jew professjoni tal-fallut.

Għaldaqshekk, u għall-finijiet ta' din it-Taqsima, kwalunkwe dejn li ma ġiex inkors esklussivament fit-twettiq ta' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni għandu, sal-limitu li tali dejn ġie indikat bħala dejn kummerċjali skont dan l-artikolu, jiġi ttrattat bħala dejn kummerċjali, u xort'oħra bħala dejn personali.

(4) Bħala minimu, ir-reġistru tad-djun għandu jikkomprendi: Xi jkun fih ir-reġistru tad-djun.

(*a*) il-valur ta' kull dejn;

(*b*) l-isem u l-indirizz tal-kreditur li lilu d-dejn hu dovut;

(*ċ*) id-data meta kull dejn inħoloq;

(*d*) il-klassifikazzjoni mit-trustee tal-falliment ta' kull dejn bħala dejn kummerċjali jew dejn personali, hekk iżda li, fejn id-dejn ma ġiex inkors esklussivament fit-twettiq ta' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni, it-trustee tal-falliment għandu jistabbilixxi l-limiti safejn id-dejn ġie indikat bħala dejn kummerċjali skont is-subartikolu (3), u għandu jipproduċi kwalunkwe dokumentazzjoni u informazzjoni relevanti li tagħti prova dwar il-mod kif ikun inħoloq id-dejn;

(*e*) il-kawża u n-natura ta' kwalunkwe preferenza jew garanzija, jekk ikun hemm, marbuta ma' tali dejn; u

(*f*) il-mod kif ser jiġu ggradwati d-djun tal-fallut skont il-liġi.

511. (1) Kull kreditur tal-fallut għandu, fi kwalunkwe żmien qabel il-laqgħa, jippreżenta talba lit-trustee tal-falliment għall-ammissjoni tad-dejn dovut lilu, u għandu jipproduċi u jispeċifika d-dokumenti b'appoġġ għat-talba, li abbażi tagħhom it-trustee tal-falliment għandu jiddeċiedi jekk jilqax jew jiċħadx it-talba, u l-kontenut tal-inventarju u r-reġistru tad-djun għandhom jiġu determinati skont hekk. Rikors ta' kreditur.

(2) Kwalunkwe parti interessata tista', fi żmien għoxrin (20) ġurnata mil-laqgħa, tagħmel sottomissjonijiet kontra l-eżattezza tal-kontenut tal-inventarju u r-reġistru tad-djun. Il-qorti għandha tilħaq id-determinazzjoni tagħha msemmija fl-artikolu 514 biss wara li tkun semgħet lid-debitur, lit-trustee tal-falliment, jew lill-krediturі, kif ikun il-każ.

(3) Għandu jiġi mħejji proċess verbal li jkun fih l-eċċezzjonijiet imressqa mid-debitur, mit-trustee tal-falliment u mill-krediturі.

Persuna interessata tista' tassisti fil-verifika tat-talbiet.

512. Kwalunkwe persuna, għalkemm il-kreditu tagħha ma jkunx ġie vverifikat u ammess, tista', meta sommarjament turi li għandha interess, tassisti fil-verifika tat-talbiet tal-kredituri l-oħra u tressaq eċċezzjonijiet kontra dik il-verifika, u, wara talba lit-trustee tal-falliment, għandha tingħata kopja tal-inventarju u tar-reġistru tad-djun bi spejjeż tagħha.

Talba ta' kreditu falz.

513. (1) Fejn xi persuna xjentement tagħmel kwalunkwe talba falza jew b'mod falz titlob somma akbar minn dik li tassew dovuta lilha, hi tista' tiġi mħarrka quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) u, meta tinstab ħatja, għandha teħel il-ħlas għal darbtejn l-ammont mitlub falz, favur il-patrimonju tal-fallut.

(2) Din l-azzjoni tista' tinġieb mill-fallut, minn kwalunkwe kreditur tal-fallut, jew mit-trustee tal-falliment, u tkun preskritta wara ħames (5) snin mid-data ta' tali talba.

Verifika tas-sottomissjoni-jiet.

514. (1) Meta jiġu ppreżentati s-sottomissjonijiet imsemmija fl-artikolu 511(2), il-qorti għandha tgħaddi għall-verifika tas-sottomissjonijiet. Il-qorti għandha, b'digriet, tikkonferma jew tvarja dak li jinsab fir-reġistru tad-djun, kif jista' jkun relevanti, fi żmien tletin (30) ġurnata mis-sottomissjonijiet ta' kwalunkwe persuna interessata skont l-artikolu 511(2).

(2) It-trustee tal-falliment għandu, fi żmien erbatax-il (14) ġurnata, jissuplimenta dak li jkun jinsab fl-inventarju msemmi fl-artikolu 502(1), bil-pubblikazzjoni tar-reġistru tad-djun imħejji skont il-ħtiġiet tal-artikolu 510, u r-reġistru tad-djun għandu jinżamm u jiġi aġġornat bl-istess frekwenzi tal-inventarju skont il-ħtiġiet tal-artikolu 502(1).

(3) Minkejja l-għeluq tal-perjodu msemmi fl-artikolu 511(2), kwalunkwe persuna interessata tista' b'rikors fil-qorti, titlob il-permess li tippreżenta rikors lit-trustee tal-falliment għall-ammissjoni ta' dejn li qabel ma jkunx ġie miġjub għall-attenzjoni tiegħu. Fejn il-qorti tilqa' t-talba, it-trustee tal-falliment għandu jaġġorna r-reġistru tad-djun u l-proċeduri fl-artikoli 511(1) u (2), u 514(1) għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Appell.

515. (1) Jista' jsir appell kontra kwalunkwe digriet mogħti skont l-artikolu 514(1), permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tad-digriet, u kull tali appell ma jkollu l-ebda effetti sospensivi fuq il-proċeduri skont din it-Taqsima:

Iżda meta jiġi ppreżentat iżjed minn appell wieħed (1) kontra d-digriet, il-Qorti tal-Appell għandha tisma' l-appelli kollha flimkien:

Iżda wkoll waqt is-smigħ tal-appell, il-Qorti tal-Appell tista' tiddeċiedi li taċċetta kwalunkwe dokument jew xhieda ġdida bħala evidenza ta' dejn li jkun qed jintalab. Madankollu, fejn il-Qorti tal-Appell jidhrilha li t-talba nnifisha, jew kwalunkwe dokument jew xhieda ġdida li għandha x'taqsam mad-dokument setgħu ġew

ippreżentati meta kienu qed isiru s-sottomissjonijiet skont l-artikolu 511(2), il-Qorti tal-Appell tista' tordna li l-appellant jeħel l-ispejjeż tal-appell, fl-intier tagħhom jew parzjalment.

(2) Ma jistax ikun hemm appell kontra d-digriet għar-raġuni li d-dejn li ma ġiex inkors esklussivament fit-twettiq ta' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni ġie distribwit bi żball skont il-proviso għall-artikolu 510(3), ħlief fejn il-kreditur rispettiv jista' juri li d-distribuzzjoni saret b'mod li hu manifestament ħażin, b'negliġenza gravi jew b'qerq.

Lista ta' krediturilijonqsu milli jidhru.

516. (1) Ir-reġistru tad-djun għandu separatament jidentifika u jkollu fih l-ismijiet ta' kwalunkwe krediturimagħrufa li jkunu naqsu milli jidhru, personalment jew bi prokura, fil-laqgħa msemmija fl-artikolu 510(2), u l-imsemmija krediturili jkunu naqsu milli jidhru m'għandhomx jiġu kkalkolati:

Iżda kwalunkwe kreditur imniżżel li kien iggradwa aktar 'l isfel mid-dejn li jappartjeni lill-krediturimagħrufa li jkunu naqsu milli jattendu, għandu jirċievi ħlas għad-dejn tiegħu, skont din it-Taqsima, bil-kondizzjoni li jipprovdi biżżejjed garanzija għas-sodisfazzjon tat-trustee tal-falliment, li tassigura li hu joħroġ somma pro rata favur kwalunkwe krediturili ma jkunux dehru, fil-każ li huma jidhru fi żmien sena minn dakinhar li tkun ġiet mogħtija l-garanzija.

(2) Kwalunkwe kreditur li jkun naqas milli jidher fil-laqgħa msemmija fl-artikolu 510(2), għandu d-dritt jitlob lil-qorti tordna li jiġi inkluż fir-reġistru tad-djun u li tordna t-teħid ta' kull azzjoni neċessarja oħra sabiex tagħti effett lil tali inklużjoni.

Titolu V

Sostitwit: *XXIII.2022.9.*

FUQ IL-FALLIMENT BI FTEHIM DWAR ID-DJUN

Sejħa għal-laqgħa.

517. (1) Wara l-pubblikazzjoni tar-reġistru tad-djun skont l-artikolu 514(2), ir-reġistratur għandu jsejjaħ laqgħa tal-krediturili ġew ammessi t-talbiet tagħhom, li għandha ssir fi żmien tletin (30) ġurnata mill-pubblikazzjoni.

(2) Il-fallut għandu jiġi msejjaħ għal din il-laqgħa wkoll. Hu ma jkunx jista' jattendi permezz ta' prokura lil ħaddieħor ħlief bl-approvazzjoni u għal raġunijiet approvati mill-qorti. Il-qorti għandha tivverifika l-istrumenti ta' prokuri ta' dawk li jidhru f'isem krediturii assenti.

Proċedimenti waqt il-laqgħa.

518. (1) Il-qorti għandha tara li t-trustee tal-falliment jagħti, fil-preżenza tagħha, rendikont tal-istat tal-falliment u ta' dak kollu li ġara mill-bidu tal-proċeduri, inklużi, iżda mhux limitati għal:

(*a*) kull proprjetà tal-patrimonju tal-falliment li t-trustee tal-falliment iddetermina li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 492;

(*b*) id-djun li ġew ammessi, u l-kontenut tal-inventarju u tar-reġistru tad-djun; u

(*ċ*) jekk, fl-opinjoni tat-trustee tal-falliment, teżistix xi evidenza li tindika li l-falliment jista' jkun sar b'qerq.

(2) Il-fallut jista', fil-każijiet kollha, jiġi mismugħ. Jekk ikun assenti, il-laqgħa għandha tkompli mingħajru u t-trustee tal-falliment għandu jippreżenta nota fir-reġistru dwar din l-assenza.

Pattijiet tal-ftehim dwar id-djun u l-pjan ta' ħlas mid-dħul tad-debitur.

519. (1) Fil-laqgħa, it-trustee tal-falliment għandu jipproponi għad-diskussjoni u l-approvazzjoni mill-kredituri, il-pattijiet ta' ftehim dwar id-djun, sabiex jitħallsu t-talbiet tal-kredituri, fl-intier tagħhom jew parzjalment, mill-patrimonju tal-falliment, liema pattijiet ikunu ġew approvati mill-fallut.

(2) Meta l-fallut ikun persuna fiżika, it-trustee tal-falliment jista' jipproponi, fi ħdan il-pattijiet tal-ftehim dwar id-djun imsemmija fis-subartikolu (1), pjan ta' ħlas mid-dħul li, skont id-dispożizzjonijiet tiegħu, il-fallut għandu jkun marbut li jkompli jikkontribwixxi ammont determinat ta' flus fil-patrimonju tal-falliment f'idejn it-trustee tal-falliment, minn dak kollu li jiddevolvi għand, jew jinkiseb mill-fallut wara r-rijabilitazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 524(1)(b), għal perjodu li ma jkunx iżjed minn tliet (3) snin ikkalkulat mid-data tal-ħatra tat-trustee tal-falliment, sabiex jiġu mħallsa d-djun rimanenti, fl-intier tagħhom jew parzjalment, skont il-pattijiet tal-ftehim dwar id-djun.

(3) It-trustee tal-falliment għandu, b'appoġġ għall-ftehim dwar id-djun, jagħti tali informazzjoni li għandha tkun meħtieġa biex tgħin lill-kredituri biex jivvalutaw kif xieraq il-pattijiet proposti, u fil-każ li jiġi propost pjan ta' ħlas mid-dħul skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), tali informazzjoni għandha tinkludi projezzjoni finanzjarja li tkopri l-perjodu kollu tal-pjan ta' ħlas mid-dħul kif propost, li titfa' dawl fuq:

(*a*) id-dħul li l-fallut jista' raġonevolment ikun mistenni li jiġġenera, abbażi tal-aħjar valutazzjoni tat-trustee tal-falliment, meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi tal-fallut, l-esperjenza ta' qabel, u l-kwalifiki; u

(*b*) in-nefqa li l-fallut jista' raġonevolment ikun mistenni li jġarrab, abbażi tal-aħjar valutazzjoni tat-trustee tal-falliment, meta wieħed jikkunsidra ċ-ċirkostanzi u d-dipendenti tal-fallut.

(4) It-trustee tal-falliment għandu, waqt dik il-laqgħa, jorganizza l-kredituri fi klassijiet, għall-finijiet tal-votazzjoni fuq il-pattijiet proposti, kif it-trustee tal-falliment jista' jidhirlu meħtieġ biex jiddistingwi bejn id-diversi interessi ekonomiċi fosthom, u liema klassijiet għandhom, bħala minimu, jiddistingwu bejn

(*a*) id-detenturi ta' djun garantiti;

(*b*) id-detenturi ta' djun mhux garantiti;

(*ċ*) id-detenturi ta' djun subordinati, jiġifieri djun li, fil-każ tal-likwidazzjoni tal-patrimonju tal-falliment, jibqgħu ma jiġux imħallsa sa meta jitħallsu kompletament id-djun kollha mhux subordinati tal-fallut; u

(*d*) id-detenturi ta' kwalunkwe drittijiet ta' proprjetà, jew interessi simili oħra, fil-fallut.

(5) Il-krediturijistgħu, fid-diskrezzjoni tat-trustee tal-falliment, jerġgħu jiġu diviżi fi klassijiet addizzjonali, kif jista' jkun meħtieġ sabiex issir distinzjoni bejn krediturifl-istess klassi iżda li għandhom dejn li jappartjeni għal prijoritajiet legali differenti.

(6) Il-krediturikollha li jiffurmaw parti minn klassi speċifika għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod għall-finijiet tal-pattijiet proposti, ħlief sa fejn jirrigwarda xi trattament detrimentali li espressament ikun hemm qbil dwaru mill-kreditur jew il-krediturid irettament affettwati.

(7) Kull ftehim li hu estranju għall-pattijiet proposti, ikun kif ikun ifformulat, li jimmira biex jingħata vantaġġ mhux ġust lil xi kreditur, għandu jkun null u bla effett.

Teħid ta' voti.

520. Il-krediturigħandu jkollhom mill-inqas erbatax-il (14) ġurnata sabiex jikkunsidraw il-pattijiet proposti tal-ftehim dwar id-djun, u għandhom jerġgħu jiltaqgħu fil-ġurnata u f'dak il-ħin iffissat mill-qorti, li fl-ebda każ m'għandu jkun aktar tard minn tletin (30) ġurnata wara, biex jittieħed vot fil-preżenza tal-imħallef.

Il-maġġoranza tal-krediturigħandhom jaqblu fuq il-pattijiet proposti.

521. (1) Ir-reġistratur għandu jħejji proċess verbal tal-proċeduri li jkunu saru u tar-riżoluzzjonijiet li jkunu għaddew f'dawn il-laqgħat.

(2) Klassijiet ta' kredituribiss għandu jkollhom dritt għall-vot, u l-pattijiet proposti għandhom jitqiesu li jkunu ġew approvati mill-korp tal-krediturimalli jirċievu l-approvazzjoni ta' kull klassi ta' kredituri.

(3) Il-vot ta' klassi ta' krediturigħandu jiġi eżerċitat abbażi ta' riżoluzzjoni tal-krediturili jiffurmaw dik il-klassi, liema riżoluzzjoni għandha tgħaddi permezz ta' mill-inqas ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-imsemmija krediturib'referenza għall-valur tad-djun rappreżentati, b'dan għall-finijiet tal-approvazzjoni.

(4) Fejn ftehim bħal dan ma jilħaqx l-appoġġ ta' kull klassi ta' krediturii skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-pattijiet proposti għandhom jiġu approvati mill-qorti skont l-artikolu 523, fejn il-qorti tkun sodisfatta li l-pattijiet proposti:

(*a*) m'għandhomx iwasslu biex kreditur li ma jaqbilx mal-ftehim propost fi ħdan klassi ta' krediturili ma

jaqblux ikun iżjed żvantaġġat taħt il-pattijiet proposti milli dak il-kreditur li ma jaqbilx kien ikun li kieku l-pattijiet ma jiġux approvati u l-proċeduri minflok jittieħdu skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI;

(*b*) ma jfissrux li jippermettu li xi klassi ta' krediturituri tirċievi valur ekonomiku f'eċċess mill-ammont kollu tad-djun ta' dik il-klassi;

(*ċ*) jiżguraw li kwalunkwe klassi ta' krediturituri li ma taqbilx tiġi ttrattata għall-inqas bl-istess mod favorevoli bħal kwalunkwe klassi oħra ta' krediturituri li d-djun tagħhom kienu jiġu gradwati, li kieku ġiet applikata l-gradwazzjoni normali ta' krediturituri, pari passu mad-djun li jappartjenu lill-klassi ta' krediturituri li ma taqbilx, u iżjed favorevolment minn kwalunkwe klassi oħra ta' krediturituri li d-djun tagħhom jiggradwaw taħt id-djun li jappartjenu lill-klassi li ma taqbilx; u

(*d*) irċevew l-approvazzjoni tal-klassijiet ta' krediturituri li jirrappreżentaw, b'referenza għall-valur tad-djun rappreżentati minn dik il-klassi, mill-inqas ħamsin fil-mija (50%) b'referenza għall-valur tad-djun.

(5) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) għandu jkollha s-setgħa teżamina u tapprova kwalunkwe talba minn tuturi u kuraturi ta' krediturituri għall-approvazzjoni tagħhom jew mod ieħor dwar il-pattijiet proposti u l-eżekuzzjoni tagħhom.

Proposta ta' pattijiet ġodda.

522. (1) Jekk il-pattijiet proposti ma jitqisux li ġew approvati mill-krediturituri skont l-artikolu 521(3), il-fallut jew kwalunkwe kreditur, għandhom ikollhom id-dritt fl-istess laqgħa, li, qabel l-approvazzjoni msemmija fl-artikolu 523, jitolbu l-permess tal-qorti biex il-krediturituri jissottomettu sensiela ta' pattijiet ġodda fi żmien mhux iżjed minn erbatax-il (14) ġurnata miċ-ċaħda tal-pattijiet proposti, u f'dan il-każ, il-qorti għandha tippermetti li l-fallut u t-trustee tal-falliment jinstemgħu qabel ma tagħti dan il-permess.

(2) Meta l-qorti tkun tat il-permess għall-proposta ta' pattijiet ġodda, hi għandha ssejjaħ laqgħa ġdida skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 518, li għandha ssir mhux iżjed tard minn tletin (30) ġurnata mill-għoti ta' dak il-permess, għall-approvazzjoni tal-pattijiet ġodda. Kwalunkwe pattijiet ġodda għandhom jiġu sottomessi lit-trustee tal-falliment mill-inqas sebat (7) ijiem qabel dik il-laqgħa, u t-trustee tal-falliment għandu jieħu r-responsabbiltà biex jiddiskuti l-pattijiet ġodda mal-fallut qabel il-laqgħa.

(3) Jista' jsir użu mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu sabiex il-qorti tagħti l-approvazzjoni għal proposta ta' sensiela ta' pattijiet ġodda darba biss:

Iżda kwalunkwe kreditur jista' jipproponi pattijiet ġodda waqt il-laqgħa li ssir skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), u meta jiġu proposti pattijiet alternattivi għall-approvazzjoni, il-

pattijiet alternattivi proposti kollha għandhom jiġu kkunsidrati.

(4) Meta jiġu approvati għadd kbir ta' pattijiet proposti alternattivi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 521(3), il-qorti għandha tidentifika l-pattijiet proposti li jgawdu l-akbar appoġġ b'referenza għall-valur tad-djun rappreżentati mill-krediturі li jivvutaw favur, u tali pattijiet għandhom jipprevalu bl-esklużjoni tal-oħrajn kollha.

Il-pattijiet proposti għandhom jiġu konfermati mill-qorti.

523. (1) Il-qorti għandha, meta tkun sodisfatta li l-pattijiet proposti ġew approvati skont l-artikolu 521(3), b'ordni, tikkonferma li l-pattijiet proposti ġew legalment approvati mill-krediturі, u tali konferma għandha tkun biżżejjed sabiex dawk il-pattijiet isiru vinkolanti.

(2) Jekk il-pattijiet proposti ma jitqisux li ġew approvati skont l-artikolu 521(3), il-konferma tagħhom mill-qorti, ladarba tkun sodisfatta li jeżistu l-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 521(4), għandha tkun biżżejjed biex tali pattijiet isiru vinkolanti:

Iżda għandu jkun preżunt mill-qorti li l-ħtiġiet tal-artikolu 521(4)(a) huma sodisfatti, mingħajr ebda verifika oħra mill-qorti, sakemm xi kreditur li ma jaqbilx ma jitlobx, permezz ta' rikors, lill-qorti biex tivvaluta jekk l-imsemmija ħtiġiet fil-fatt jeżistux jew le.

(3) Il-konferma jew ċaħda tal-pattijiet proposti mill-qorti, u kwalunkwe deċiżjoni tal-qorti fil-kuntest tal-proċeduri għall-proposta u l-konferma tal-pattijiet proposti ta' ftehim dwar djun, għandha tkun soġġetta għal appell, b'rikors lill-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin (20) ġurnata mill-ġurnata tad-deċiżjoni tal-qorti li tikkonferma jew tiċħad il-pattijiet proposti.

(4) Il-Qorti tal-Appell tista', minkejja l-fatt li aċċettat appell magħmul skont is-subartikolu (3), tikkonferma d-deċiżjoni tal-qorti billi tikkonferma l-pattijiet proposti fl-ewwel istanza, u tipprovdi tali rimedju kif ikun meħtieġ biex tiżgura li l-appellant ikun protett mill-effetti tal-pattijiet proposti, jew ikun debitament ikkumpensat, hekk li l-appellant:

(*a*) għandu d-dritt li jirċievi somma għall-inqas ekwivalenti għal dik li l-appellant kien ikun intitolat għaliha li kieku ġiet applikata l-gradwazzjoni normali tal-prijoritajiet, jew fil-każ tal-aħjar xenarju alternattiv li jkun imiss, jekk ma jkunx għadhom ġew ikkonfermati l-pattijiet proposti; jew

(*b*) għandu jiġi ttrattat għall-inqas bl-istess mod favorevoli bħal kwalunkwe kreditur ieħor fi ħdan kwalunkwe klassi ta' krediturі li d-djun tagħhom kienu, li kieku kellha tiġi applikata l-gradwazzjoni normali ta' prijoritajiet, jiġu ggradwati pari passu mad-djun li jappartjenu lill-appellant, u iżjed favorevoli minn kwalunkwe kreditur ieħor fi ħdan kwalunkwe klassi ta' krediturі li d-djun tagħhom kienu, li

kieku tiġi applikata l-gradwazzjoni normali ta' prijoritajiet, jiġu ggradwati wara d-djun li jappartjenu lill-appellant.

(5) Appell magħmul skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ma għandu jkollu l-ebda effetti sospensivi fuq l-eżekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni, jew fuq l-eżekuzzjoni ta' xi pattijiet proposti li jkunu ġew approvati fi ħdan il-proċeduri li fihom ittieħdet dik id-deċiżjoni.

Effetti tal-konferma.

524. (1) Meta l-pattijiet proposti tal-ftehim dwar id-djun ikunu konfermati, il-fallut għandu:

(*a*) fejn il-fallut ikun persuna ġuridika, jiġi awtomatikament meħlus mid-djun kollha, u għandu jitneħħa mir-reġistru relevanti u kwalunkwe djun li jibqgħu mhux imħallsa wara l-eżekuzzjoni tal-pattijiet tal-ftehim dwar id-djun għandhom, fejn ikun hekk previst skont il-liġi, isiru passiv personali ta' tali persuna jew persuni oħra hekk kif ikkontemplat bil-liġi jew bid-dokumenti kostituttivi tal-persuna ġuridika:

Iżda, sa fejn ikun meħtieġ għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, it-trustee tal-falliment għandu jaqdi d-doveri kollha li normalment jiġu assenjati lil likwidatur jew persuna hekk ekwivalenti li tkun responsabbli għall-istralċ tal-persuna ġuridika relevanti:

Iżda wkoll it-trustee tal-falliment għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, dwar il-ħelsien tad-djun, u l-awtorità kompetenti għandha tippubblika avviż tat-temm tal-proċeduri ta' falliment fi ħdan ir-rekords tal-awtorità kompetenti, u għandhom jiġu annessi ma' tali rekords il-pattijiet tal-ftehim dwar id-djun; jew

(*b*) fejn il-fallut ikun persuna fiżika, jitqies bħala rijabilitat għal kummerċ *ipso jure*, u jista' jerġa' jieħu s-sjieda u l-pussess tal-proprjetà tiegħu, fl-intier tagħha jew parzjalment skont il-kondizzjonijiet, jekk ikun hemm, inkorporati fil-ftehim dwar id-djun:

Iżda stipulazzjoni li l-fallut ma għandu ebda setgħa li jwettaq xi att wieħed (1) jew aktar, kemm ta' amministrazzjoni jew ta' trasferiment, mingħajr il-kunsens tat-trustee tal-falliment, sa meta jitwettqu kompletament jew parzjalment l-obbligi tal-fallut skont il-pattijiet tal-pjan ta' ħlas mid-dħul, għandha tkun stipulazzjoni valida, u għandu jkollha effett ukoll kontra partijiet terzi li jkunu kkuntrattaw *bona fide* mal-fallut waħdu;

Iżda wkoll mat-twettiq tal-pattijiet tal-pjan ta' ħlas mid-dħul, jew mal-konferma tal-pattijiet proposti tal-ftehim dwar id-djun jekk dawn ma jkunx fihom pjan ta' ħlas

mid-dħul, il-fallut għandu jiġi awtomatikament meħlus mid-djun kollha kummerċjali li setgħu f'xi żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' falliment ġew mitluba minnu, u l-ħlas ta' xi dejn kummerċjali, jew parti minnu, tal-fallut li jibqa' mhux imħallas wara l-eżekuzzjoni totali tal-pattijiet tal-ftehim dwar id-djun għandu jitnaqqas kollu, għall-benefiċċju tal-patrimonju tal-falliment.

(2) Mar-rijabilitazzjoni għall-kummerċ ta' fallut, li jkun persuna fiżika, għandu jiġi ppubblikat avviż ta' rijabilitazzjoni mit-trustee tal-falliment, permezz ta' avviż fil-Gazzetta u f'xi gazzetta oħra jew iżjed.

(3) Mar-rijabilitazzjoni għall-kummerċ ta' fallut, li jkun persuna fiżika, kwalunkwe djun personali tal-fallut li jibqgħu mhux imħallsa wara l-eżekuzzjoni sħiħa tal-pattijiet tal-ftehim dwar id-djun għandhom, permezz ta' novazzjoni, isiru l-passiv personali tal-fallut rijabilitat, hekk iżda li n-novazzjoni ta' tali djun għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1186 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16. tkun mingħajr preġudizzju għall-preservazzjoni ta' kwalunkwe privileġġ jew ipoteka li jiggarantixxu d-dejn:

Iżda jista' jsir rikors lill-qorti mill-fallut rijabilitat, mhux iżjed tard minn għoxrin (20) ġurnata mill-konferma tal-pattijiet proposti, sabiex kwalunkwe mill-imsemmija djun personali jibqgħu l-passiv tat-trustee tal-falliment, li għandu jibqa' jirċievi ħlasijiet mill-fallut rijabilitat fir-rigward ta' tali passiv personali, skont ftehim milħuq minn u bejn il-fallut rijabilitat u l-krediturі relevanti ta' tali djun, sa meta d-dejn personali rispettiv ikun ġie sodisfatt kompletament, jew sa meta tkun intlaħqet qabel kondizzjoni riżoluttiva espressament stipulata fil-ftehim bejn il-fallut rijabilitat u l-kreditur jew krediturі tiegħu:

Iżda wkoll il-qorti għandha tagħti l-kunsens tagħha biss għal talba magħmula skont l-ewwel proviso fil-każ li l-qorti tkun sodisfatta li jkun intlaħaq ftehim validu minn u bejn il-fallut rijabilitat u l-krediturі relevanti tiegħu, u biss wara li tkun irċeviet il-kunsens tat-trustee tal-falliment.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' ftehim dwar id-djun ma għandhomx ikunu soġġetti għal bidla wara li jkunu ġew ikkonfermati, hekk iżda li tista' ssir talba għal emenda tal-pattijiet tal-pjan ta' ħlas mid-dħul li jifforma parti minn ftehim tad-dejn fi kwalunkwe żmien qabel it-twettiq tal-pattijiet tiegħu:

(*a*) mill-fallut, fil-każ fejn, minħabba bidla materjali fiċ-ċirkostanzi tal-fallut jew tad-dipendenti tiegħu, l-obbligi stipulati fil-pattijiet tal-pjan ta' ħlas mid-dħul jeċċedu l-mezzi tal-fallut; jew

(*b*) mill-krediturі tal-fallut, fil-każ fejn, minħabba bidla materjali fiċ-ċirkostanzi tal-fallut, il-fallut jista' jagħmel

kontribuzzjoni ikbar għall-ħlas tad-djun tiegħu.

(5) Kwalunkwe stipulazzjoni li jkun hemm fi strument ta' ftehim dwar djun, li ma tkunx kontra l-liġi, għandha tkun valida. L-imsemmi strument jista' jipprovdi għall-għażla ta' persuna waħda (1) jew iżjed, sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni tal-pattijiet li jkun hemm fih, biex jassistu fil-bejgħ ta' proprjetà jekk isir tali bejgħ, u sabiex tiġi żgurata d-distribuzzjoni tar-rikavat fost id-diversi krediturі.

(6) Nuqqas ta' pagament skont il-pattijiet tal-ftehim dwar id-djun m'għandu jkollu l-ebda effett fuq it-tnaqqis ta' djun meħlusa skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

Fejn il-ftehim dwar id-djun jipprovdi għal tnaqqis ta' djun personali.

525. Jekk il-ftehim dwar id-djun jipprovdi għat-tnaqqis tad-djun personali, kollha jew kwalunkwe parti minnhom, il-fallut għandu jiġi meħlus, ukoll fir-rigward tal-beni futuri tiegħu, mill-parti mnaqqsa:

Iżda tali tnaqqis u kwalunkwe żmien mogħti lill-fallut għall-ħlas tad-dejn personali ma għandux imur favur xi persuna oħra, li tkun ko-debitur jew il-garanti responsabbli *in solidum* mal-fallut.

Dritt ta' azzjoni ta' krediturі kontra ko-debituri.

526. Minkejja l-ftehim dwar id-djun, id-dritt ta' azzjoni tal-krediturі għall-ammont sħiħ tad-djun tagħhom kontra l-ko-debituri jew garanti responsabbli *in solidum* mal-fallut ma għandux jiġi affettwat, ukoll jekk tali krediturі jistgħu jkunu taw il-kunsens għall-ftehim dwar id-djun.

It-trustee tal-falliment għandu jirrendi l-kontijiet.

527. (1) It-trustee tal-falliment għandu, fi żmien erbatax (14)-il ġurnata wara l-approvazzjoni tal-ftehim dwar id-djun, jew, fejn ikun relevanti, mid-data tat-tlestija tal-aħħar ta' dawk il-pattijiet tal-ftehim dwar id-djun li jirrikjedu l-intervent tat-trustee tal-falliment, jirrendi l-kont finali tiegħu u jista' jiġi mġiegħel jirrendi tali kont fuq talba tal-fallut jew ta' xi parti oħra interessata.

(2) It-trustee tal-falliment għandu, fi żmien perjodu ta' erbatax (14)-il ġurnata mid-data tal-kunsinna tal-kont finali tiegħu, jibgħat lill-fallut jew lill-persuna maħtura taħt il-ftehim dwar id-djun, il-beni, kotba, rekords u karti jew effetti oħra kollha tal-fallut, skont il-pattijiet tal-ftehim dwar id-djun.

(3) Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tas-subartikolu (1), it-trustee tal-falliment għandu, kull sitt (6) xhur, li għandhom jibdew jgħoddu mid-data tal-konferma tal-ftehim dwar id-djun, sad-data tas-sottomissjoni tal-kontijiet finali msemmija fis-subartikolu (1), jippreżenta rapport interim lill-qorti dwar l-attivitajiet kollha mwettqa mit-trustee tal-falliment matul il-perjodu relevanti. Il-qorti għandha, meta tirċievi r-rapport, tivvaluta kemm il-funzjonijiet tat-trustee tal-falliment qegħdin isiru b'mod konsistenti mal-objettiv u l-għan tal-ħatra tiegħu, u l-qorti għandha, fejn ikun neċessarju, tagħti tali ordnijiet kif meħtieġ biex tiżgura eżekuzzjoni bikrija u effettiva tal-pattijiet tal-ftehim dwar id-djun.

Titolu VI

Sostitwit: *XXIII.2022.10.*

FUQ IL-FALLIMENT MINGĦAJR FTEHIM DWAR ID-DJUN

Jekk il-ftehim dwar id-djun ma jiġix approvat.

528. Jekk il-fallut fi kwalunkwe żmien jikkomunika l-intenzjoni tiegħu li jipproċedi bil-falliment mingħajr ftehim dwar id-djun, jew ma jagħtix il-kunsens tiegħu għall-pattijiet proposti ta' ftehim dwar id-djun skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V, jew fil-każ fejn il-pattijiet proposti mhumiex konfermati mill-kredituri u ma jingħatax permess għall-proposta ta' pattijiet ġodda skont l-artikolu 522, jew jekk il-pattijiet proposti ma ġewx ikkonfermati mill-qorti skont l-artikolu 523, il-qorti għandha:

(*a*) jekk il-fallut ikun persuna ġuridika, tagħti struzzjonijiet lit-trustee tal-falliment biex jidher quddiem il-qorti, f'dik id-data, u f'dak il-ħin, li għandhom jiġu speċifikati fl-avviż relevanti, li tkun data li ma għandhiex tkun iżjed tard minn tletin (30) ġurnata mil-laqgħa miżmuma skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 518, biex jippreżenta l-pattijiet proposti tal-ordni dwar falliment, li għandhom jinkludu:

(i) id-djun ammessi u l-kontenut tal-inventarju u r-reġistru tad-djun;

(ii) talba biex jipproċedi għall-bejgħ tal-attiv li jikkomprendi l-patrimonju tal-falliment, taħt l-awtorità tal-qorti; u

(iii) talba għal dawk l-awtorizzazzjonijiet addizzjonali li t-trustee tal-falliment jista' jidhirlu neċessarji jew meħtieġa għat-twettiq tal-pattijiet proposti tal-ordni dwar falliment;

(*b*) jekk il-fallut hu persuna fiżika, tagħti istruzzjonijiet lit-trustee tal-falliment biex jidher quddiem il-qorti f'dik id-data, u f'dak il-ħin, li għandhom jiġu speċifikati fl-avviż relevanti, li tkun data li ma għandhiex tkun iżjed tard minn tletin (30) ġurnata mil-laqgħa miżmuma skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 518, biex jippreżenta l-pattijiet proposti tal-ordni dwar falliment, li għandhom jinkludu:

(i) id-djun ammessi u l-kontenut tal-inventarju u r-reġistru tad-djun;

(ii) l-attiv, miżmum mill-fallut, li t-trustee tal-falliment deherlu li jiġi protett skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 492, hekk iżda li t-trustee tal-falliment għandu, fejn jidhirlu li tali attiv għandu valur eċċessiv meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi tal-fallut, jew fi kwalunkwe ċirkostanza fejn hu jiġi hekk mitlub mill-kredituri, li jirrappreżentaw iżjed minn għaxra fil-mija (10%) tad-djun ammessi, jipproponi li

tali attiv jiġi maqbud u mibjugħ skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 528(b)(iii), u li porzjon stabbilita tar-rikavat li jirriżulta tiġi rimborżata lill-fallut kif it-trustee tal-falliment jista' jidhirlu neċessarju sabiex il-fallut jassigura l-użu ta' attiv li jkun jista' jirrappreżenta sostituzzjoni xierqa;

(iii) l-attiv, li jifforma parti mill-patrimonju tal-falliment, li għandu jiġi mibjugħ, taħt l-awtorità tal-qorti, sabiex jiġu onorati d-djun li jappartjenu lill-krediturі, fl-intier tagħhom jew parzjalment;

(iv) il-kondizzjonijiet, jekk ikun hemm, skont liema l-fallut jista' jikseb lura s-sjieda ta' dak l-attiv, li jifforma parti mill-patrimonju tal-falliment, li mhuwiex propost għall-bejgħ skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 528(b)(iii), hekk iżda li tali attiv għandu awtomatikament jitqiegħed sabiex jiġi mibjugħ skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 528(b)(iii) jekk ma jiġux osservati l-kondizzjonijiet preskritti;

(v) l-ammont stabbilit li l-fallut għandu jikkontribwixxi favur il-patrimonju tal-falliment f'idejn it-trustee tal-falliment, skont il-pjan ta' ħlas mid-dħul, jekk ikun hemm, li jifforma parti mill-ordni dwar falliment, minn kull ħaġa li tiddevolvi fuq, jew tinkiseb mill-fallut wara r-rijabilitazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 534(1)(b), għal perjodu li ma jeċċedix tliet (3) snin li għandu jibda jgħodd mid-data tal-ħatra oriġinali tal-ewwel trustee tal-falliment, għall-ħlas ulterjuri tad-djun, fl-intier tagħhom jew parzjalment, liema ammont għandu jiġi fformulat skont il-projezzjoni, magħmula mit-trustee tal-falliment, tad-dħul u nefqiet tal-fallut skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 519(3); u

(vi) kwalunkwe obbligi oħra li għandhom jiġu imposti fuq il-fallut għal tul iż-żmien tal-pjan ta' ħlas mid-dħul.

Rekwiżiti minimi tal-ordni dwar falliment.

529. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' ordni dwar falliment, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 528(b), għandhom jiżguraw li l-fallut ikun jista' jżomm flejjes ekwivalenti għall-valur totali ta':

(*a*) il-paga minima nazzjonali stabbilita għal persuni li għandhom tmintax (18)-il sena jew iżjed, ikkalkolata pro rata għal tul iż-żmien tal-pjan ta' ħlas mid-dħul; u

(*b*) ammont addizzjonali f'eċċess mill-paga minima nazzjonali fejn il-fallut raġonevolment juri, għas-sodisfazzjon tal-qorti, li l-fallut għandu ħtieġa prevalenti għall-ammont

addizzjonali minħabba ċirkostanzi gravi u ġustifikabbli li huma speċifiċi għall-fallut jew għad-dipendenti tiegħu.

(2) Kwalunkwe fondi li jirriżultaw mill-bejgħ ta' dak l-attiv li jifforma l-patrimonju tal-falliment u elenkati skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 528(b)(iii) għandhom jiġu utilizzati għall-ħlas tad-djun tal-fallut, kemm jekk huma tat-tip personali kif ukoll kummerċjali, fl-ordni ta' gradwazzjoni stabbilita mil-liġi.

(3) Kwalunkwe kontribuzzjoni għall-patrimonju tal-falliment magħmula bis-saħħa ta' pjan ta' ħlas mid-dħul skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 528(b)(v) għandha tintuża esklussivament għall-ħlas tad-djun kummerċjali tal-fallut, fl-ordni ta' gradwazzjoni stabbilita mil-liġi:

Iżda kwalunkwe kontribuzzjoni għall-patrimonju tal-falliment magħmula skont id-dispożizzjonijiet ta' pjan ta' ħlas mid-dħul bis-saħħa tal-artikolu 528(b)(v) li jsir wara li jkunu tħallsu kompletament id-djun kummerċjali tal-fallut għandha tiġi utilizzata għall-ħlas ulterjuri tad-djun personali tal-fallut.

Preżentazzjoni ta' provi dwar qerq.

530. Waqt is-smigħ imsemmi fl-artikolu 528, it-trustee tal-falliment għandu wkoll jippreżenta dikjarazzjoni li tirrifletti l-apprezzament tiegħu jekk il-falliment setax sar b'qerq, u fil-każ li d-dikjarazzjoni ssostni l-possibbiltà tal-eżistenza ta' qerq, it-trustee tal-falliment għandu jissottometti l-provi kollha b'appoġġ għad-dikjarazzjoni tiegħu.

Dritt ta' smigħ.

531. Il-fallut u l-krediturи għandhom, f'dan is-smigħ, jew f'data iżjed tard li tiġi determinata mill-qorti, jingħataw l-opportunità li jiġu mismugħa.

Konferma u varjazzjoni.

532. (1) Fi żmien erbatax (14)-il ġurnata mis-smigħ miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 528, jew l-artikolu 531 jekk ikun applikabbli, il-qorti għandha, permezz ta' ordni, tgħaddi biex tikkonferma, bla ħsara għal xi varjazzjonijiet kif jista' jidhrilha xierqa, il-pattijiet proposti tal-ordni dwar falliment li jkunu ġew proposti skont l-artikolu 528, u dik il-konferma għandha tkun biżżejjed biex tirrendi vinkolanti l-pattijiet proposti.

(2) Mal-konferma mill-qorti skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti għandha tilqa' t-talba tat-trustee tal-falliment biex jipproċedi, fi żmien dak il-perjodu li għandu jiġi stipulat mill-qorti, għall-bejgħ, taħt l-awtorità tal-qorti, tal-attiv li jinsab fil-patrimonju tal-falliment u elenkat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 528(a)(i) jew 528(b)(iii).

(3) Il-pattijiet tal-ordni dwar falliment, u kwalunkwe deċiżjoni tal-qorti fil-kuntest tal-proċeduri għall-għemil ta' ordni dwar falliment, għandhom ikunu soġġetti għal appell, permezz ta' rikors lill-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin (20) ġurnata mill-ġurnata tad-deċiżjoni tal-qorti li tikkonferma jew tiċħad il-pattijiet proposti tal-ordni dwar falliment.

(4) Il-Qorti tal-Appell tista', minkejja l-fatt li kienet aċċettat

appell magħmul skont is-subartikolu (3), tikkonferma d-deċiżjoni tal-qorti billi tikkonferma l-pattijiet proposti fl-ewwel istanza, u tipprovdi tali rimedju kif ikun meħtieġ sabiex tiżgura li l-appellant ikun protett mill-effetti tal-pattijiet proposti, jew ikun debitament ikkumpensat, hekk li l-appellant:

(*a*) għandu jkollu d-dritt li jirċievi ammont għall-inqas ekwivalenti għal dak li l-appellant kien ikun intitolat għalih li kieku ġiet applikata l-gradwazzjoni normali tal-prijoritajiet, jew fil-każ tal-aħjar xenarju alternattiv li jkun imiss, jekk ma jkunux għadhom ġew ikkonfermati l-pattijiet proposti; u

(*b*) għandu jiġi ttrattat għall-inqas bl-istess mod favorevoli bħal kwalunkwe kreditur ieħor fi ħdan kwalunkwe klassi ta' krediturі li d-djun tagħhom kienu, li kieku kellha tiġi applikata l-gradwazzjoni normali ta' prijoritajiet, jiġu ggradwati pari passu mad-djun li jappartjenu lill-appellant, u iżjed favorevoli minn kwalunkwe kreditur ieħor fi ħdan kwalunkwe klassi ta' krediturі li d-djun tagħhom kienu, li kieku tiġi applikata l-gradwazzjoni normali ta' prijoritajiet, jiġu ggradwati wara d-djun li jappartjenu lill-appellant.

(5) Appell magħmul skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ma għandu jkollu l-ebda effetti sospensivi fuq l-eżekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni, jew fuq l-eżekuzzjoni ta' xi pattijiet proposti li jkunu ġew approvati fi ħdan il-proċeduri li fihom ittieħdet dik id-deċiżjoni.

Fidi ta' rahan.

533. (1) Malli jiġi ordnat biex jipproċedi bil-bejgħ tal-attiv li jifforma l-patrimonju tal-falliment, it-trustee tal-falliment għandu jkun awtorizzat li jifdi r-rahan, għall-ġid tal-patrimonju tal-falliment, mal-ħlas tad-djun rispettivi.

(2) Jekk ir-rahan ma jiġix mifdi mit-trustee tal-falliment, u jinbiegħ mill-kreditur għal prezz ogħla mid-dejn, iż-żejjed għandu jinġabar mit-trustee tal-falliment; jekk il-prezz rikavat hu inqas mid-dejn, il-kreditur li kellu r-rahan jista', wara li jagħti prova ta' dan, jikkompeti għad-differenza.

Responsab-biltà għal djun mhux imħallsa u rijabilitazzjoni.

534. (1) Malli jingħata l-ordni mill-qorti biex it-trustee tal-falliment jipproċedi għall-bejgħ tal-attiv li jifforma l-patrimonju tal-falliment, il-fallut għandu, sakemm ma jkun hemm l-ebda determinazzjoni mill-qorti li l-falliment sar b'qerq:

Fejn il-fallut hu persuna ġuridika.

(*a*) fejn il-fallut ikun persuna ġuridika, jiġi awtomatikament meħlus mid-djun kollha, u għandu jitneħħa mir-reġistru relevanti u kwalunkwe dejn li jibqa' mhux imħallas wara l-bejgħ tal-attiv għandu, fejn ikun hekk previst skont il-liġi, isir passiv personali ta' tali persuna jew persuni oħra hekk kif ikkontemplat bil-liġi jew bid-dokumenti kostituttivi tal-persuna ġuridika:

Iżda, sa fejn ikun meħtieġ għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, it-trustee tal-falliment għandu jaqdi kwalunkwe doveri li normalment jiġu assenjati lil likwidatur jew persuna hekk ekwivalenti li tkun responsabbli għall-istralċ tal-persuna ġuridika relevanti:

Iżda wkoll it-trustee tal-falliment għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, dwar il-ħelsien tad-djun, u l-awtorità kompetenti għandha tippubblika avviż tat-tlestija tal-proċeduri ta' falliment fi ħdan ir-rekords tal-awtorità kompetenti, u għandhom jiġu annessi ma' tali rekords il-pattijiet tal-ordni dwar falliment; jew

(*b*) fejn il-fallut ikun persuna fiżika, jitqies bħala rijabilitat għall-kummerċ *ipso jure*, u jista' jerġa' jieħu s-sjieda u l-pussess tal-proprjetà tiegħu, fl-intier tagħha jew parzjalment skont il-kondizzjonijiet, jekk ikun hemm, inkorporati fl-ordni dwar falliment: Fejn il-fallut hu persuna fiżika.

Iżda stipulazzjoni li l-fallut ma għandu jkollu l-ebda setgħa li jwettaq xi att wieħed (1) jew aktar, kemm ta' amministrazzjoni jew ta' trasferiment, mingħajr il-kunsens tat-trustee tal-falliment, sa meta jitwettqu kompletament jew parzjalment l-obbligi tal-fallut skont il-pattijiet tal-pjan ta' ħlas mid-dħul, għandha tkun stipulazzjoni valida, u għandu jkollha effett ukoll kontra partijiet terzi li jkunu kkuntrattaw *bona fide* mal-fallut waħdu:

Iżda wkoll mat-twettiq tal-pattijiet tal-pjan ta' ħlas mid-dħul, jew mal-konferma tal-pattijiet proposti tal-ordni dwar falliment jekk dawn ma jkunx fihom pjan ta' ħlas mid-dħul, il-fallut għandu jiġi awtomatikament meħlus mid-djun kollha kummerċjali li setgħu f'xi żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' falliment ġew mitluba minnu, u l-ħlas ta' xi dejn kummerċjali, jew parti minnu, tal-fallut li jibqa' mhux imħallas wara l-eżekuzzjoni sħiħa tal-pattijiet tal-ordni dwar falliment għandu jitħassar kompletament, għall-benefiċċju tal-patrimonju tal-falliment.

(2) Mar-rijabilitazzjoni għall-kummerċ ta' fallut, li jkun persuna fiżika, għandu jiġi ppubblikat avviż ta' rijabilitazzjoni mit-trustee tal-falliment fil-Gazzetta u f'xi gazzetta oħra jew iżjed.

(3) Mar-rijabilitazzjoni għall-kummerċ ta' fallut, li jkun persuna fiżika, kwalunkwe djun personali tal-fallut li jibqgħu mhux imħallsa wara l-eżekuzzjoni sħiħa tal-pattijiet tal-ordni dwar falliment għandhom, permezz ta' novazzjoni, isiru l-passiv personali tal-fallut rijabilitat, hekk iżda li n-novazzjoni ta' tali djun għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1186 tal-Kodiċi Ċivili, tkun mingħajr preġudizzju għall-preservazzjoni ta' kwalunkwe privileġġ jew ipoteka li jiggarantixxu d-dejn: Kap. 16.

Iżda jista' jsir rikors lill-qorti mill-fallut rijabilitat, mhux iżjed tard minn għoxrin (20) ġurnata minn meta ssir ordni dwar falliment, sabiex kwalunkwe mill-imsemmija djun personali jibqgħu l-passiv tat-trustee tal-falliment li għandu jibqa' jirċievi ħlas mill-fallut rijabilitat kontra tali passiv personali, skont ftehim milħuq minn u bejn il-fallut rijabilitat u l-krediturі relevanti ta' tali djun, sa meta d-dejn personali rispettiv ikun ġie sodisfatt kompletament, jew sa meta tkun intlaħqet qabel kondizzjoni riżoluttiva espressament stipulata fil-ftehim bejn il-fallut rijabilitat u l-kreditur jew krediturі tiegħu:

Iżda wkoll il-qorti għandha tagħti l-kunsens tagħha għal talba magħmula skont l-ewwel proviso fil-każ biss li tkun sodisfatta li jkun intlaħaq ftehim validu minn u bejn il-fallut rijabilitat u l-krediturі relevanti tiegħu, u biss wara li tkun irċeviet il-kunsens tat-trustee tal-falliment.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' ordni dwar falliment ma għandhomx ikunu soġġetti għall-bidla wara li jkunu ġew ikkonfermati, hekk iżda li tista' ssir talba għal emenda tal-pattijiet tal-pjan ta' ħlas mid-dħul li jifforma parti minn ordni dwar falliment fi kwalunkwe żmien qabel it-twettiq tal-pattijiet tiegħu:

(*a*) mill-fallut, fil-każ fejn, minħabba bidla materjali fiċ-ċirkostanzi tal-fallut jew tad-dipendenti tiegħu, l-obbligi stipulati fil-pattijiet tal-pjan ta' ħlas mid-dħul jeċċedu l-mezzi tal-fallut; jew

(*b*) mill-krediturі tal-fallut, fil-każ fejn, minħabba bidla materjali fiċ-ċirkostanzi tal-fallut, il-fallut jista' jagħmel kontribuzzjoni ikbar għall-ħlas tad-djun kummerċjali li kieku b'mod ieħor jiġu meħlusa.

(5) Kwalunkwe stipulazzjoni li jkun hemm f'ordni dwar falliment, li ma tkunx kontra l-liġi, għandha tkun valida. L-imsemmi strument jista' jipprovdi għall-għażla ta' persuna waħda (1) jew iżjed, sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni tal-pattijiet li jkun hemm fih, biex jassistu fil-bejgħ ta' proprjetà jekk isir tali bejgħ, u sabiex tiġi żgurata d-distribuzzjoni tar-rikavat fost id-diversi krediturі.

(6) Nuqqas ta' ħlas skont il-pattijiet ta' ordni dwar falliment m'għandu jkollu l-ebda effett fuq it-tnaqqis ta' djun meħlusa skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

Fejn l-ordni dwar falliment jipprovdi għal tnaqqis ta' parti mid-dejn.

535. Jekk l-ordni dwar falliment jipprovdi għat-tnaqqis tad-dejn personali, kollu jew kwalunkwe parti minnu, il-fallut għandu jiġi meħlus, ukoll fir-rigward tal-beni futuri tiegħu, mill-parti mnaqqsa:

Iżda tali tnaqqis u kwalunkwe żmien mogħti lill-fallut għall-ħlas tad-dejn personali ma għandux imur favur xi persuna oħra, li tkun ko-debitur jew il-garanti responsabbli *in solidum* mal-fallut.

Dritt ta' azzjoni ta' kredituri kontra ko-debituri.

536. Minkejja l-ordni dwar falliment, id-dritt ta' azzjoni tal-kredituri għall-ammont sħiħ tad-djun tagħhom kontra l-ko-debituri jew garanti responsabbli *in solidum* mal-fallut ma għandux jiġi affettwat.

It-trustee tal-falliment għandu jirrendi l-kontijiet.

537. (1) It-trustee tal-falliment għandu, fi żmien erbatax (14)-il ġurnata wara l-approvazzjoni tal-ordni dwar falliment, jew, fejn ikun relevanti, mid-data tat-twettieq ta' kwalunkwe mill-pattijiet tal-ordni dwar falliment li jirrikjedu l-intervent tat-trustee tal-falliment, jirrendi l-kont finali tiegħu u jista' jiġi mġiegħel jirrendi tali kont fuq talba tal-fallut jew minn xi parti oħra interessata.

(2) It-trustee tal-falliment għandu, fi żmien perjodu ta' erbatax (14)-il ġurnata mid-data tal-kunsinna tal-kont finali tiegħu, jibgħat lill-fallut jew lill-persuna maħtura taħt l-ordni dwar falliment, il-beni, kotba, rekords u karti jew effetti oħra kollha tal-fallut, skont il-pattijiet tal-ordni dwar falliment.

(3) Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tas-subartikolu (1), it-trustee dwar falliment għandu, kull sitt (6) xhur, li jibdew jgħoddu mid-data tal-konferma tal-ordni dwar falliment sad-data tas-sottomissjoni tal-kontijiet finali msemmija fis-subartikolu (1), jippreżenta rapport interim lill-qorti dwar l-attivitajiet kollha mwettqa mit-trustee tal-falliment matul il-perjodu relevanti. Il-qorti għandha, malli tirċievi r-rapport, tivvaluta kemm il-funzjonijiet tat-trustee tal-falliment qegħdin isiru b'mod konsistenti mal-objettiv u l-għan tal-ħatra tiegħu, u l-qorti għandha, fejn ikun neċessarju, tagħti tali ordnijiet kif meħtieġ biex tiżgura eżekuzzjoni bikrija u effettiva tal-pattijiet tal-ordni dwar falliment.

Titolu VII

Sostitwit: XXIII.2022.11.

FUQ IL-FALLIMENT B'MOD ĠENERALI

Dispożizzjoni-jiet ġenerali.

538. Fil-każijiet kollha ta' falliment:

Ħatra ta' kuratur biex jagħti l-kunsens tiegħu għan nom ta' kreditur.

(1)(*a*) Mal-awtorizzazzjoni tal-qorti biex it-trustee tal-falliment jipproċedi għall-bejgħ ta' attiv li jifforma l-patrimonju tal-falliment, skont l-artikolu 497, jew in segwitu għall-ftehim ta' dejn, jew in segwitu għal ordni dwar falliment, u jekk it-trustee tal-falliment ikun identifika l-bżonn li jinkiseb il-kunsens ta' kreditur qabel it-trasferiment ta' kwalunkwe attiv, u, jew, fejn il-kreditur ikun meħtieġ li jidher fuq kwalunkwe att pubbliku pertinenti sabiex jagħti l-kunsens għall-kanċellazzjoni ta', jew tnaqqis fi, kwalunkwe kawża ta' preferenza u r-reġistrazzjoni tal-istess, li jgawdi minnhom il-kreditur fuq l-attiv imsemmi, it-trustee tal-falliment jista', jekk ikun tal-opinjoni li l-kunsens tal-imsemmi kreditur huwa, jew jista' jinżamm, jagħmel rikors lill-qorti għall-ħatra ta' kuratur.

(*b*) Kuratur maħtur skont dan l-artikolu, jista' taħt l-awtorità tal-qorti, jagħti l-kunsens tiegħu għat-

trasferiment tal-attiv u, jew, jidher fi kwalunkwe att pubbliku pertinenti sabiex jagħti l-kunsens għal u f'isem il-kreditur, imsemmi fil-paragrafu (a), li jista' jżomm il-kunsens tiegħu għall-kanċellazzjoni ta', jew it-tnaqqis fi, kwalunkwe kawża ta' preferenza, u r-reġistrazzjoni tal-istess, li jgawdi minnha l-imsemmi kreditur, bil-kondizzjoni li l-kuratur jirċievi dak il-porzjon tar-rikavat mill-bejgħ ta' attiv li, f'termini ta' liġi u soġġett għall-ftehim ta' dejn jew ordni dwar falliment, li jappartjeni għall-imsemmi kreditur, biex jiġi applikat favur tiegħu skont l-artikolu 538(1)(ċ):

Iżda l-qorti għandha tipproċedi biss bil-ħatra ta' kuratur għall-bejgħ ta' attiv li jifforma l-patrimonju tal-falliment skont l-artikolu 497, fejn it-trustee tal-falliment, fir-rikors tiegħu, ikun esprima l-opinjoni li l-kreditur, imsemmi fil-paragrafu (a), li jista' jżomm il-kunsens tiegħu għandu jirċievi, bħala riżultat tal-bejgħ tal-attiv, ammont mill-inqas ekwivalenti għal dak li l-imsemmi kreditur kien ikun intitolat għalih kieku ġiet applikata l-gradwazzjoni normali tal-prijoritajiet, jew fil-każ tal-aħjar xenarju alternattiv li jkun imiss, kieku l-bejgħ tal-attiv ma kienx se jseħħ.

(*ċ*) Il-kuratur għandu jirċievi, għal u f'isem il-kreditur, imsemmi fil-paragrafu (a), li jista' jżomm il-kunsens tiegħu, dak il-porzjon tar-rikavat mill-bejgħ tal-attiv imsemmi fl-artikolu 538(1)(b) li, f'termini ta' liġi u soġġett għall-ftehim ta' dejn jew ordni dwar falliment, jappartjeni lill-imsemmi kreditur, u għandu jiżgura li fondi bħal dawk jew jitqassmu lill-kreditur msemmi jew, jekk dan ma jkunx raġonevolment prattikabbli, il-fondi jiġu ddepożitati fil-qorti għall-benefiċċju tal-kreditur imsemmi:

Iżda r-rikavat minn bejgħ ta' attiv skont l-artikolu 497 ma għandux jitqassam jew jiġi ddepożitat skont il-paragrafu (ċ), iżda għandu jiġi aggregat mal-patrimonju tal-falliment fit-termini tal-artikolu 495.

(2) (*a*) ladarba tingħata s-sentenza li tiddikjara l-falliment skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 488, ma għandu jakkumula l-ebda imgħax fuq is-somom dovuti mill-fallut mid-data tad-dikjarazzjoni ta' falliment magħmula mill-kummerċjant innifsu, jew mid-data tar-rikors minn kreditur li jitlob dikjarazzjoni ta' falliment, kif ikun il-każ; u

(*b*) ma għandu jkun hemm l-ebda possibbiltà ta' ħelsien fir-rigward ta' djun li joħorġu minn:

(i) kwalunkwe ammenda jew multa dovuta mid-debitur skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Malta;

(ii) djun ċivili dovuti mid-debitur fir-rigward ta' danni għal delitt;

(iii) pagi dovuti mid-debitur u li jikkostitwixxu djun bi privileġġ fuq l-attiv ta' debitur bis-saħħa tal-artikolu 20 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

(iv) djun dovuti mid-debitur fir-rigward ta' kummerċ frawdolenti jew ħażin skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Att dwar il-Kumpaniji; u Kap. 386.

(v) djun dovuti mid-debitur minħabba obbligi ta' manteniment skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

Falliment frawdolenti.

539. (1) Il-benefiċċji mogħtija lill-fallut bl-artikoli 524 u 534 ma għandhomx japplikaw għal każ ta' falliment frawdolenti.

(2) Il-fallut għandu jitqies li hu fallut frawdolenti f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk hu jagħmel dikjarazzjoni li ma jkollhiex mis-sewwa f'dak li għandu x'jaqsam mad-djun dovuti lilu jew minnu, jew fir-rigward tal-falliment tiegħu, bla ħsara għal kwalunkwe proċeduri kriminali li jistgħu jinbdew kontra l-fallut għal sperġur jew għal ġurament falz;

(*b*) jekk huwa jfinġi kwalunkwe spejjeż jew telf, jew jekk jonqos milli jagħti spjegazzjoni sodisfaċenti tal-mod kif iddispona mid-dħul tiegħu;

(*ċ*) jekk hu jkun ħeba jew warrab xi somma ta' flus, jew xi dejn dovut lilu, oġġetti, merkanzija jew ħwejjeġ oħra mobbli;

(*d*) jekk hu jkun għamel bejgħ, transazzjonijiet jew donazzjonijiet fittizji;

(*e*) jekk hu jkun finġa djun b'kollużjoni bejnu u krediturі fittizji, bi skritturi finti jew billi jiddikjara ruħu debitur, mingħajr kawża jew konsiderazzjoni, fi kwalunkwe att pubbliku jew privat;

(*f*) jekk hu jkun ħeba jew qered il-kotba tiegħu, dokumenti jew karti oħra dwar il-kontijiet tiegħu.

Każijiet fejn il-kummerċjant jista' jiġi aġġudikat fallut frawdolenti.

540. Fallut jista', fil-każijiet li ġejjin, jiġi aġġudikat fallut frawdolenti, kemm-il darba ma jipprovax biżżejjed li hu ma kellu ebda ħsieb li jiffroda:

(*a*) jekk hu ma jkunx żamm kotba jew jekk il-kotba tiegħu ma jkunux juru l-veru stat tal-attiv u l-passiv tiegħu;

(*b*) jekk, meta ġie legalment imsejjaħ għal kwalunkwe laqgħa li, bid-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima

hu kien marbut li jattendi, naqas milli jattendi;

(ċ) jekk hu ma kienx assista fit-tħejjija tal-inventarju.

TAQSIMA IV

Emendat: XXIV.1995.362.

FUQ IL-PRESKRIZZJONI U FUQ IR-RAĠUNIJIET LI GĦALIHOM M'HEMMX JEDD TA' AZZJONI F'XI ĦWEJJEĠ KUMMERĊJALI, FUQ IL-ĠURISDIZZJONI TAL-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA, U FUQ ID-DRITTIJIET KUMMERĊJALI

Titolu I

FUQ IL-PRESKRIZZJONI U FUQ IR-RAĠUNIJIET LI GĦALIHOM M'HEMMX JEDD TA' AZZJONI F'XI ĦWEJJEĠ KUMMERĊJALI

Żminijiet perentorji.

541. Iż-żminijiet kollha stabbiliti b'dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi għall-eżerċizzju ta' azzjonijiet jew regressi li ġejjin minn atti kummerċjali, huma perentorji; u l-benefiċċju tar-*restitutio in integrum* bis-saħħa ta' titolu, motiv jew privileġġ li jkun, ma jgħoddx.

Azzjonijiet preskritti biż-żmien ta' ħames snin.

542. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew *promissory notes*, jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dak in-nhar li jagħlqu, u l-azzjonijiet li ġejjin minn tratti jew *cheques* fuq bankiera jew kaxxiera jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin mid-data tagħhom.

Azzjonijiet li ġejjin minn kambju marittimu, eċċ.

543. Kull azzjoni li ġejja minn kuntratt ta' kambju marittimu jew ta' assigurazzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dak in-nhar li hija setgħat tiġi eżerċitata.

Azzjonijiet ta' nolijiet, eċċ.

544. L-azzjonijiet li ġejjin jaqgħu bil-preskrizzjoni kif sejjer jingħad hawn taħt:

(*a*) kull azzjoni għall-ħlas ta' nol, sena wara li jispiċċa l-vjaġġ;

(*b*) kull azzjoni għall-ħlas ta' proviżjonijiet mogħtijin lill-baħrin b'ordni tal-kaptan, sena wara li jiġu mogħtija;

(*ċ*) kull azzjoni għall-ħlas ta' njam u ħwejjeg oħra meħtieġa għall-bini, armar u forniment ta' bastiment, sentejn wara li dak l-injam jew ħwejjeġ oħra jiġu fornuti;

(*d*) kull azzjoni għall-ħlas tas-salarji ta' ħaddiema u għal xogħlijiet magħmula, sena wara li jispiċċaw ix-xogħlijiet jew wara l-kunsinna tax-xogħol;

(*e*) kull azzjoni għall-kunsinna ta' merkanzija, wara sena minn dak in-nhar li jasal il-bastiment.

Meta ma hemmx azzjoni.

545. Ma hemmx azzjoni -

(*a*) kontra l-kaptan u l-assiguraturi għall-ħsara li tiġri lill-merkanzija, jekk il-merkanzija tiġi rtirata mingħajr protest u l-ħsara kienet tista' tidher;

(*b*) kontra n-noleġġatur għal avarija, jekk il-kaptan ikun ikkunsinna l-merkanzija u irċieva n-nol mingħajr ma jkun għamel protest;

(*ċ*) għal ħsarat ikkaġunati b'kolliżjoni ta' bastimenti f'lok li fih il-kaptan seta' jaġixxi, kemm-il darba l-kaptan ma jkunx għamel il-protest tiegħu.

Il-preskrizzjoni timxi kontra minuri, eċċ.

546. Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort' oħra, il-preskrizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kodiċi jimxu kontra l-minuri u l-interdetti, bla ħsara tal-jedd tagħhom ta' regress kontra t-tutur jew il-kuratur.

Titolu II

FUQ IL-ĠURISDIZZJONI TAL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Emendat: XXIV.1995.362.

Ġurisdizzjoni kummerċjali. *Emendat: XXIV.1995.362. Sostitwit: XXIII.2022.12.* Kap. 12.

547. Il-ġurisdizzjoni kummerċjali, salv għad-dispożizzjonijiet tat-Tielet Taqsima, hija eżerċitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kwisjonijiet ta' natura kummerċjali.

548. Huma ta' natura kummerċjali -

(*a*) il-kwistjonijiet kollha dwar obbligazzjonijiet u kuntratti bejn kummerċjanti, jekk ma jidhirx mill-att innifsu li l-affari hija purament ċivili;

(*b*) il-kwistjonijiet kollha dwar atti ta' kummerċ bejn kull xorta ta' persuni.

Kwistjonijiet oħra li tiddeċiedi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. *Emendat: XXIV.1995.362. Sostitwit: XXIII.2022.13.*

549. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiddeċiedi wkoll azzjonijiet kontra aġenti jew persuni oħra inkarigati minn kummerċjanti, u s-subalterni tagħhom, għall-operazzjonijiet biss magħmulin fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal tagħhom; u azzjonijiet ta' dawk hawn fuq imsemmija l-ewwel, kontra l-prinċipal.

Titolu III

FUQ ID-DRITTIJIET KUMMERĊJALI

Drittijiet kummerċjali. *Sostitwit: XXIII.2009.21.*

550. Drittijiet kummerċjali differenti minn dawk stabbiliti skont l-Iskeda li hawn ma' din l-Ordinanza jistgħu jiġu miftiehma bejn il-partijiet. Provditur ta' servizz għandu jinforma lill-klijent tiegħu dwar id-dritt, jew il-bażi ta' kif għandu jiġi stabbilit id-dritt, qabel

ma jiġi provdut is-servizz.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja biex jistabbilixxi drittijiet.
Emendat: A.L. 4 tal-1963; XXXI.1966.2; XIII.2008.2.

551. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista', b'avviż maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern, wara li jisma' l-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija, ibiddel l-Iskeda tad-drittijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, jew iżid magħha.

DISPOSIZZJONI ĠENERALI

Kull użu kuntrarju ma għandu ebda effett.

552. Kull liġi jew użu kuntrarji jew inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ma għandhom ebda effett.

L-iskedi miġjubin fl-art. 1 tal-Ord. II tal-1898, ikkonsolidati.
Emendata: IX.2003.4; A.L. 407 tal-2007.

SKEDA

(Artikoli 550 - 551)

TAQSIMA I

(Artikolu 70 (3))

ATTIVITAJIET SEKONDARJI TA' AĠENTI TAL-KUMMERĊ

1. L-attivitajiet ta' persuna bħala aġent tal-kummerċ huma sekondarji meta jkun jista' raġonevolment jiftiehem li l-għan ewlieni tal-arranġament mal-prinċipal ikun differenti minn dak stipulat fil-paragrafu 2 hawn aktar 'l isfel.

2. Arranġament ikun jinkwadra fl-ambitu ta' dan il-paragrafu jekk -

(*a*) in-negozju tal-prinċipal ikun il-bejgħ, jew skont il-każ, ix-xiri ta' oġġetti ta' xi xorta partikolari; u

(*b*) l-oġġetti jew servizzi inkwisjoni huma tali li -

(i) l-operazzjonijiet huma normalment individwalment negozjati u magħmula fuq bażi kummerċjali, u

(ii) l-ipprokurar ta' operazzjoni f'xi okkażjoni waħda x'aktarx li jwassal għal aktar operazzjonijiet f'dawk l-oġġetti jew servizzi ma' dak il-klijent f'okkażjonijiet futuri, jew għal operazzjonijiet f'dawk l-oġġetti jew servizzi ma' klijenti oħra fl-istess area ġeografika jew fost l-istess assoċjazzjoni ta' klijenti u li skont hekk, ikun f'kull interess kummerċjali tal-prinċipal li jiġi żviluppat il-kummerċ f'dawk l-oġġetti li jaħtar rappreżentant għal dawk il-klijenti bl-għan li r-rappreżentant jiddedika kull sforz u ħila u jagħmel in-nefqa mir-risorsi tiegħu nnifsu għal dak l-għan.

3. Dawn li ġejjin huma indikazzjonijiet li arranġament ikun jinkwadra fil-paragrafu 2 hawn qabel, u n-nuqqas ta' xi wieħed

minnhom hu indikazzjoni kuntrarja -

(*a*) il-prinċipal ikun il-manifattur, l-importatur jew id-distributur tal-oġġetti;

(*b*) l-oġġetti jkunu speċifikatament identifikati mal-prinċipal fis-suq inkwistjoni aktar milli, jew fi grad aktar minn, xi persuna oħra;

(*ċ*) l-aġent sostanzjalment jiddedika iż-żmien kollu tiegħu għal attivitajiet rappreżentattivi (sew għal xi prinċipal wieħed jew għal għadd ta' prinċipali li ma jkollhomx interessi konfliġġenti);

(*d*) l-oġġetti ma jkunux normalment disponibbli fis-suq inkwistjoni ħlief permezz tal-aġent;

(*e*) l-arranġament ikun deskritt bħala wieħed ta' aġenzija kummerċjali.

4. Dawn li ġejjin huma indikazzjonijiet li arranġament ma jkunx jinkwadra f'paragrafu 2 hawn qabel -

(*a*) jiġi pprovdut materjal promozzjonali direttament lil klijenti potenzjali;

(*b*) persuni jingħataw aġenziji mingħajr ma ssir referenza għal aġenti ezistenti f'area partikolari jew għar-rigward ta' xi assoċjazzjoni partikolari;

(*ċ*) huma l-klijenti li normalment jagħżlu l-oġġetti għalihom infushom u sempliċement jagħmlu l-ordnijiet tagħhom permezz tal-aġent.

5. L-attivitajiet ta' dawn il-kategoriji ta' persuni li ġejjin jitqiesu, kemm-il darba ma jiġix stabbilit il-kuntrarju, li ma jinkwadrawx fil-paragrafu 2 hawn qabel -

- Aġenti ta' katalogu ta' ordnijiet bil-posta għal oġġetti għall-konsumatur.
- Aġenti ta' kreditu għall-konsumatur.

TAQSIMA II

KUMMISSJONIJIET U DRITTIJIET

Kummissjonijiet

Xiri u bejgħ ta' merkanzija.

Għal xiri ta' merkanzija bil-flus tal-mandant fl-idejn	2%
Għal xiri ta' merkanzija u tratta għall-valur tagħha	2½%
Għal bejgħ ta' merkanzija	2%
Talli wieħed jipprova jbigħ merkanzija -	
jekk il-valur huwa iżjed minn €1,164.69	¼%
jekk il-valur huwa €1,164.69 jew inqas	½%
Għal xiri u bejgħ ta' bastimenti tal-qlugħ jew ta' vapuri (kompriża s-senserija), minn kull waħda mill-partijiet	1¼%

Xiri u bejgħ ta' merkanzija.

Operazzjonijiet Bankarji

Għal ġbid ta' tratta	$^1/_8$ sa ¼%
Għal rimessa	$^1/_8$%
Għal aċċettazzjoni	$^1/_8$%
Għal negozjazzjoni	$^1/_8$ sa ¼%
Għal ġîra ta' kambjali	$^1/_8$%
N.B. - Jekk il-ġbid u r-rimessa ta' tratta jew l-aċċettazzjoni jew in-negozjazzjoni jirrigwardaw l-istess operazzjoni, id-dritt huwa biss	¼%
Xiri u bejgħ ta' fondi pubbliċi-	
għal titoli kkwotati iżjed minn 75%, mill-valur tagħhom nominali -	
fuq il-valur nominali	$^1/_8$%
għal titoli kkwotati anqas minn 75% mill-valur tagħhom nominali -	
fuq il-valur nominali	$^1/_{16}$%
Għal sborżi lil vjaġġaturi kontra ittri ta' kreditu	½%
Għal inkass, ħlas jew negozjazzjoni ta' kupuni	$^1/_8$%
Għal inkass ta' kambjali u rimessa tal-ammont	$^1/_8$%
Għal inkass ta' flus f'kont kurrent u rimessa tal-inkassi, jew ħlas magħmul fuq talba	$^1/_8$%
N.B.-L-anqas rati msemmijin hawn fuq fil-każijiet fejn ir-rata mhix fissa, igħoddu għal operazzjonijiet li l-ammont tagħhom huwa iżjed minn €232.94.	

Aġenzija ta' Bastimenti tal-Qlugħ jew ta' Vapuri

Lin-noleġġatur ta' bastiment tal-qlugħ jew ta' vapur	2%
Lill-kunsinnatarju, fuq in-noleġġ ta' bastiment tal-qlugħ jew ta' vapur, meta huwa jkun jipprokura n-noleġġ	1%
Fuq in-nolijiet ta' importazzjoni, kif jidhru fil-manifest, sew jekk in-nol jitħallas fil-port ta' destinazzjoni, kemm jekk bil-quddiem	2%
Talli wieħed jipprokura nolijiet lil vapuri jew lil bastimenti tal-qlugħ għal esportazzjoni, kif jidhru fil-manifest	3%
Għal sborżi lil vapuri jew bastimenti tal-qlugħ	2%
Għal sborżi lil vapuri jew bastimenti tal-qlugħ, meta huma taħt avarija	2½%

Għal ħatt u tagħbija mill-ġdid, jew għal spedizzjoni mill-ġdid ta' merkanzija fuq bastiment bil-qlugħ jew vapur bl-avarija jew mingħajrha -	
meta l-valur tal-merkanzija huwa anqas minn €4,658.75	½%
meta l-valur tal-merkanzija huwa iżjed minn €4,658.75	¼%
Għal trasbord ta' kollijiet - skont il-merkanzija u n-numru tal-kollijiet-	
għal kull koll	1ċ sa 6ċ
għal balal jew kaxex ta' drappijiet -	
għal kull balla jew kaxxa	23ċ
għal ħadid - *għal kull tunnellata*	23ċ
Għal bejgħ b'irkant pubbliku ta' merkanzija jew oġġetti żbarkati minn bastimenti tal-qlugħ jew vapuri taħt avarija	2%

Drittijiet

Talli wieħed jidher għal persuna waħda jew iżjed quddiem qorti tal-ġustizzja -	
jekk l-ammont fil-kawża jaqbeż €2,329.37 -	
fil-qorti tal-ewwel grad	2%
fil-qorti tat-tieni grad	1%
jekk l-ammont fil-kawża huwa €2,329.37 jew anqas -	
fil-qorti tal-ewwel grad	3%
fil-qorti tat-tieni grad	2%
N.B. Jekk wieħed jidher għal persuna oħra fil-qorti tat-tieni grad biss, id-dritt hu -	
jekk l-ammont fil-kawża jaqbeż €2,329.37	2%
jekk l-ammont fil-kawża huwa €2,329.37 jew anqas	3%
Għal depożiti fil-qrati bħala garanzija f'kawża (barra mill-imgħax tas-6 fil-mija fis-sena) -	
għal żmien mhux iżjed minn sena	3%
għal kull żmien wara, mhux iżjed minn sena	2%
Għal riċezzjoni ta' telegrammi sabiex jinbagħtu barra - *għal kull telegramm*	58ċ
Talli wieħed jagħti ordnijiet -	
lil vapuri - *għal kull ordni*	€1.16
lil bastimenti tal-qlugħ - *għal kull ordni*	58ċ
Talli wieħed jipprokura kummissjonijiet, jirċievi u jikkunsinna merkanzija, jirregola kontijiet, jipprokura aċċetazzjonijiet, jew jinkassa u jirrimetti	3%

Għal *del credere* fuq bejgħ ta' merkanzija bid-dejn	2%
Talli wieħed jagħmel garanzija favur ta' persuna *fix-xahar*	¼%
Talli wieħed jagħmel garanzija favur ta' persuna, akkumpanjata b'depożitu (barra mill-¼% fix-xahar) l-imgħax, fis-sena, ta'	6%

TAQSIMA III

DRITTIJIET TA' SENSALA PUBBLIĊI

Għal bejgħ u xiri ta' merkanzija (minn kull waħda mill-partijiet)	½%
Għal bejgħ u xiri ta' merkanzija ta' ftit valur, bħal pozzolana, irmied tas-soda, ħatab għan-nar, melħ minerali, u oġġetti bħal dawn (minn kull waħda mill-partijiet)	1%
N.B. - Fil-każ ta' merkanzija mibjugħa bl-iskont, is-senserija tittieħed fuq l-ammont nett tal-fattura.	
Għal tpartit ta' merkanzija - *fuq il-valur ta' kull oġġett* (minn kull waħda mill-partijiet)	$^3/_8$%
Għal xiri u bejgħ ta' titoli ta' fondi pubbliċi għall-purtatur - *fuq il-valur reali* (minn kull waħda mill-partijiet)	1%
Għal xiri u bejgħ ta' kambjali fuq l-esteru, skont ta' kambjali fis-suq, u ta' kupuni - *fuq il-valur reali* - (minn kull waħda mill-partijiet)	1%
Għal xiri u bejgħ ta' virgi tad-deheb u tal-fidda, jew ta' munita tal-Istat jew stranġiera - *fuq il-valur reali* - (minn kull waħda mill-partijiet)	½%
Għal noleġġ sħiħ jew parzjali ta' bastimenti tal-qlugħ jew ta' vapuri - *li għandhom jitħallsu mill-kaptan*	2%
Għal noleġġ ta' bastimenti tal-qlugħ jew ta' vapuri bil-kolletta (taħt tagħbija)	3%

TAQSIMA IV

DRITTIJIET TA' PERITI

	euro
Għall-eżami tal-istat ta' bastiment tal-qlugħ, jew tal-istat tal-buk jew tal-makna ta' vapur, bl-avarija jew mingħajrha -	
għall-ewwel vista	4.89
għal kull vista oħra	2.45
Għall-eżami ta' merkanzija -	

	euro
jekk il-valur ma jaqbeżx €232.94	1.22
jekk il-valur jaqbeż €232.94 imma mhux €465.87 .	2.45
jekk il-valur jaqbeż €465.87 -	
għall-ewwel vista	4.89
għal kull vista oħra	2.45
Għall-eżami, abbord, tal-kondizzjoni tal-istat tat-tagħbija u tal-istivar tagħha -	
għall-ewwel vista	4.89
għal kull vista oħra	2.45
N.B. - Id-drittijiet ta' hawn fuq imissu lil kull perit u għal attendenzi ġewwa l-Port il-Kbir jew ġewwa l-Port ta' Marsamxett; għal attendenzi 'l barra minn dawn il-Portijiet, dawk id-drittijiet jiġu rduppjati. Fid-drittijiet hawn fuq imsemmija jidħlu d-drittijiet għall-formazzjoni tar-rapport, iżda l-ispejjez tat-trasport u spejjeż oħra magħmulin mill-periti fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, jiġu mħallsin lilhom b'żieda mad-drittijiet hawn fuq imsemmija.	
Jekk il-periti jibqgħu okkupati iżjed minn ġurnata 'l barra minn dawk iż-żewġ Portijiet u l-attendenza kontinwa tagħhom tkun meħtieġa għal iżjed minn dak iż-żmien - barra mill-ispejjeż li jagħmlu, għal kull ġurnata mibdija	12.23
Għal stima ta' bastiment tal-qlugħ jew ta' vapur, ta'attrezzi u armar ieħor - barra mill-ispejjeż li jagħmlu-	
fuq l-ewwel €1,164.69	1%
fuq it-tieni €1,164.69	¾%
fuq kull somma oħra	½%